Nru. 203

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Skema ta' Għotja, inkluża Skema ta' tal-Iskrappjar, għax-xiri ta' Vetturi Elettriċi użati tal-Kategorija L, M1 u N1, għal Persuni, Kunsilli Lokali, Organizzazzjonijiet Volontarji u Impriżi

IL-MINISTERU għat-Trasport, Infrastruttura, u Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Transport Malta) qed jippubblika skema ta' għotja finanzjarja mmirata għal persuni residenti f'Malta, Kunsilli Lokali, organizzazzjonijiet volontarji, u impriżi stabbiliti f'Malta, sabiex tkompli tippromwovi l-użu ta' vetturi elettriċi użati tal-Kategorija L, M1 u N1.

L-iskema għandha l-għan li tnaqqas l-ammont ta' vetturi bil-mutur konvenzjonali aktar qodma mit-triq u hi soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan id-dokument. L-għotja tappoġġja x-xiri ta' karozzi tal-passiġġieri, vetturi ħfief għall-ġarr tal-merkanzija, kwadriċikli u muturi.

L-għotja tinkludi skema ta' skrappjar maħsuba biex tipprovdi aktar appoġġ finanzjarju lill-applikanti li, filwaqt li jixtru u jirreġistraw vettura elettrika użata, ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura ta' kwalunkwe kategorija li jkollha aktar minn 10 snin mis-sena tal-manifattura tagħha.

L-għotja hija meqjusa li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026, hija fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel u għandha tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sakemm il-baġit allokat jiġi eżawrit.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-fini ta' din l-għotja, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

'Applikant' tfisser il-persuna residenti f'Malta, organizzazzjoni volontarja, Kunsill Lokali jew Impriża stabbilita f'Malta li tapplika għall-għotja taħt din l-iskema, u li tkun ix-xerrej ta' vettura elettrika użata tal-Kategorija L jew M1 jew N1, jew sid ta' rota kif definiti hawn.

'Applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni magħmula għal għotja taħt din l-iskema.

'Bejjiegħ' tfisser aġent jew negozjant kif definit taħt din l-iskema.

'Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni tal-Vettura' tfisser iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura maħruġ minn Transport

No. 203

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND PUBLIC WORKS

Government Grant Scheme, including Scrappage Scheme, for the purchase of used Electric Vehicles in Category L, M1 and N1 for Persons, Local Councils, Voluntary Organisations and Undertakings

THE Ministry for Transport, Infrastructure, and Public Works in conjunction with the Authority for Transport in Malta (Transport Malta) is publishing a financial grant scheme aimed at persons residing in Malta, Local Councils, Voluntary Organisations, and undertakings established in Malta, to further promote the uptake of used electric vehicles in Category L, M1 and N1.

The scheme aims at reducing the number of older conventional motor vehicles from the road and is subject to the conditions stipulated in this document. The grant shall support the purchase of passenger cars, light goods carrying vehicles, quadricycles and motorcycles.

The grant includes a scrappage scheme intended to provide further financial support to applicants who, while purchasing and registering a used electric vehicle, deregister a vehicle of any category which is older than 10 years from its year of manufacture.

The grant is deemed to have come into effect as of the 1st of January 2026, is on a first come first served basis, and shall remain in force until the 31st of December 2026 or until the allocated budget is exhausted.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of this grant, unless the context otherwise requires:

'Applicant' means the person residing in Malta, voluntary organisation, Local Council, or undertaking established in Malta applying for the grant under this scheme, and who is the purchaser of a used Category L or M1 or N1 electric vehicle, or the owner of a bicycle as defined here.

'Application' means the application made for a grant under this scheme.

'Seller' means an agent or dealer as defined under this scheme.

'Vehicle Registration Certificate' means the vehicle registration certificate issued by Transport Malta providing

Malta li jipprovdi prova tar-reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta).

'Faċilità ta' trattament awtorizzata' tfisser faċilità awtorizzata biex teqred vetturi u toħroġ ċertifikati tal-qerda, f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom) - L.S. 549.36.

'Għotja' tfisser l-għotja li qed tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-taqsima 4.

'Produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura' tfisser l-operazzjonijiet kollha relatati mas-sajd, it-trobbija jew il-kultivazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, kif ukoll attivitajiet f'azjenda agrikola jew abbord meħtieġa għall-preparazzjoni tal-ewwel bejgħ ta' prodott tal-annimali jew tal-ħxejjex, inkluż it-tqattigħ, l-iffilittjar jew l-iffriżar, u l-ewwel bejgħ lil rivendituri jew lil proċessuri;

'Impriża stabbilita f'Malta' tfisser entità kummerċjali stabbilita f'Malta, inkluż persuna li taħdem għal rasha skont il-Liġi Nazzjonali, fondazzjoni jew soċjetà kooperattiva, li ma tkunx kontrollata direttament jew indirettament mill-Gvern ta' Malta jew iffinanzjata permezz ta' fondi pubbliċi.

'Impriża waħda' tinkludi, għall-finijiet ta' din l-iskema, l-intrapriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin:

a) intrapriża waħda li jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f' intrapriża oħra.

b) intrapriża waħda li jkollha d-dritt li taħtar jew li tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' intrapriża oħra.

c) intrapriża waħda li jkollha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih flimkien ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew statut ta' assoċjazzjoni tagħha.

d) intrapriża waħda, illi tkun azzjonista fi jew membru ta' intrapriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra fi jew membri ta' dik l-intrapriża , maġġoranza tad-drittijiet tal-voti tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

Intrapriżi li jkollhom waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) permezz ta' intrapriża waħda jew aktar, għandhom ukoll jitqiesu wkoll bħala impriża waħda.

'Kunsill Lokali' tfisser Gvern Lokali kif imfisser fl-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta).

proof of registration of the motor vehicle in accordance with the Motor Vehicles Registration and Licensing Act under the laws of Malta (Cap. 368 of the Laws of Malta).

'Authorised treatment facility' means a facility authorised to destroy vehicles and issue certificates of destruction, in compliance with the Waste Management (End of Life Vehicles Regulations) - S.L. 549.36.

'Grant' means the grant given under this scheme to an applicant satisfying the requirements of section 4.

'Primary production of fishery and aquaculture products' means all operations relating to the fishing, rearing or cultivation of aquatic organisms, as well as on-farm or on-board activities necessary for preparing an animal or plant for the first sale, including cutting, filleting or freezing, and the first sale to resellers or processors.

'Undertaking established in Malta' means a commercial entity established in Malta, including a self-employed person in accordance with National Law, a foundation or a cooperative society, which is not controlled directly or indirectly by the Government of Malta or funded through public funds.

'Single undertaking' means, for the purposes of this scheme, all enterprises having at least one of the following relationships with each other:

a) one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise.

b) one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise.

c) one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered with that enterprise or pursuant to a provision in its memorandum or articles of association.

d) one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (a) to (d) through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking.

'Local Council' means a Local Government as defined in the Local Government Act (Cap. 363 of the Laws of Malta).

'L-Ewwel Reġistrazzjoni' għandha tinkludi r-reġistrazzjoni ta' vettura għall-ewwel darba f'isem persuna residenti f'Malta jew impriża stabbilita f'Malta fejn il-vettura kkonċernata kienet reġistrata għall-ewwel darba f'Malta.

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin.

'Negozjant' jew 'Aġent' tfisser persuna jew entità awtorizzata biex timporta, tbigħ jew tixtri vetturi bil-mutur.

'Organizzazzjoni Volontarja' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Liġijiet ta' Malta).

'Persuna residenti f'Malta' tfisser persuna li jew ikollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta) jew li għandha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju għall-espatrijati fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

'Prodotti agrikoli' tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

'Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura' tfisser il-prodotti definiti fl-Artikolu 5, il-punti (a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013.

'Sid Reġistrat' tfisser il-persuna, Kunsill Lokali, l-organizzazzjoni volontarja jew l-impriża li f'isimha tkun irreġistrata vettura mill-Awtorità.

'Tneħħija mir-reġistrazzjoni' tfisser, għall-fini ta' din l-iskema, it-tneħħija permanenti ta' vettura bil-mutur mir-reġistrazzjoni tagħha mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u wara, dik il-vettura ma għandha qatt terġa' tiġi reġistrata biex tintuża fit-triq f'Malta.

'Transport Malta' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta).

'Vettura Elettrika' tfisser vettura li hija mħaddma esklussivament b'muturi elettriċi li jużaw enerġija elettrika maħżuna f'batteriji li huma ċċarġjati minn sors tal-elettriku estern.

'Vettura Elettrika użata' tfisser vettura elettrika li toriġina minn xi wieħed mil-pajjiżi li ġejjin, u li tpoġġiet f'ċirkolazzjoni libera f'dak il-pajjiż qabel id-dħul tagħha f'Malta:

(a) kwalunkwe stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
(b) Renju Unit;

'First Registration' shall include the registration of a vehicle for the first time in the name of a person residing in Malta or an undertaking established in Malta where the vehicle concerned was registered for the first time in Malta.

'Malta' means the Maltese islands.

'Dealer' or 'Agent' means a person or entity authorised to import, sell, or buy motor vehicles.

'Voluntary Organisation' has the same meaning given to it in the Voluntary Organisations Act (Cap. 492 of the Laws of Malta).

'Person residing in Malta' means a person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap.. 258) or who has a residence permit, or a letter issued from the expatriate office at the Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement.

'Agricultural products' means products listed in Annex I to the Treaty, with the exception of fishery and aquaculture products falling within the scope of Regulation (EU) No 1379/2013 of the European Parliament and of the Council.

'Fishery and Aquaculture products' means the products defined in Article 5, points (a) and (b) of Regulation (EU) No 1379/2013.

'Registered Owner' means the person, Local Council, voluntary organisation or undertaking on whose name a vehicle is registered by the Authority.

'De-registration' means, for the purpose of this scheme, the permanent removal of a motor vehicle from its registration with Transport Malta and thereafter, that motor vehicle shall never be registered again to be used on the road in Malta.

'Transport Malta' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499 of the Laws of Malta).

'Electric Vehicle' means a vehicle which is powered exclusively by electric motors using electrical energy stored in batteries which are charged from an external electricity source.

'Used Electric Vehicle' means an electric vehicle originating from any of the following countries, and which was put into free circulation in such country before its entry into Malta:

(a) any Member State of the European Union.
(b) the United Kingdom.

(c) iċ-Channel Islands (Guernsey u Jersey);
(d) l-Isle of Man;
(e) Monaco;
(f) Andorra;
(g) San Marino; u
(h) L-Irlanda ta' Fuq.

'Vettura li tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser vettura tal-Kategorija L jew M1 jew N1 li tneħħitilha r-reġistrazzjoni.

'Vettura tal-Kategorija L' tfisser vettura b'żewġ jew tliet roti jew kwadriċikli li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli, kif emendat.

'Vettura tal-Kategorija M1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' persuni u li tista' ġġorr mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq.

'Vettura tal-Kategorija N1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha massa massima li ma taqbiżx it-tliet tunnellati u nofs (3.5).

'Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha mill-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta), u tinkludi n-Norveġja, l-Iżlanda u Liechtenstein.

'Xerrej' tfisser persuna residenti f'Malta, Kunsill Lokali, organizzazzjoni volontarja, jew impriża stabbilita f'Malta li tixtri l-vettura minn pajjiż ieħor jew mingħand l-aġent jew negozjant lokali, li jkollu dik il-vettura reġistrata f'ismu u li jkun l-applikant għall-għotja taħt din l-iskema.

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1. L-iskema għal għotja finanzjarja għax-xiri ta' vetturi elettriċi użati tal-kategoriji L jew M1 jew N1, kif definit hawn fuq, tapplika għal kull persuna residenti f'Malta, Kunsill Lokali, organizzazzjoni volontarja, jew impriża stabbilita f'Malta.

2.2. L-iskema tippermetti taħlita ta' xiri ta' vetturi elettriċi użati, u bdil ta' vetturi antiki.

2.3. L-ammont totali tal-għotja maħruġ lill-applikanti taħt din l-iskema m'għandux jaqbeż il-prezz tax-xiri tal-vettura elettrika.

2.4. L-ammonti tal-għotja applikabbli għax-xiri ta' vetturi elettriċi użati tal-kategorija L jew M1 jew N1 għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed tiġi reġistrata, kif muri fit-Tabella 1 tal-Anness.

(c) the Channel Islands (Guernsey and Jersey).
(d) the Isle of Man.
(e) Monaco.
(f) Andorra.
(g) San Marino or
(h) Northern Ireland.

'De-registered vehicle' means a Category L or M1 or N1 vehicle which has been de-registered.

'Category L vehicle' means a two- or three-wheel vehicle or quadricycles falling within the scope of Regulation (EU) No. 168/2013 of the European Parliament and Council of 15 January 2013 on the approval and market surveillance of two- or three-wheel vehicles and quadricycles, as amended.

'Category M1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons and which may carry no more than eight passengers in addition to the driver.

'Category N1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding three and a half (3.5) tonnes.

'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (Cap. 460 of the Laws of Malta), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein.

'Purchaser' means a person residing in Malta, Local Council, voluntary organisation, or undertaking established in Malta buying the vehicle from another country or from the local agent or dealer, having that vehicle registered in his name and being the applicant for the grant under this scheme.

2. Area of Applicability

2.1. The scheme for a financial grant for the purchase of used electric vehicles in category L or M1 or N1, as defined above, applies to any person residing in Malta, Local Council, voluntary organisation, or undertaking established in Malta.

2.2. The scheme allows a mix and match of purchase of used electric vehicles, and the replacement of old vehicles.

2.3. The total grant amount issued to applicants for these grants shall not exceed the purchase price of the used electric vehicle.

2.4. The grant amounts applicable for the purchase of used electric vehicles in category L or M1 or N1 shall vary depending on the category of vehicle being registered, as shown in Table 1 of the Annex.

2.5. Kull applikant hu eliġibbli għal massimu ta' għotja waħda għax xiri ta' vettura elettrika użata.

2.6. Skema ta' Skrappjar

a) Fil-każ ta' applikazzjoni għal għotja li tinvolvi t-tneħħija mir-reġistrazzjoni ta' vettura eżistenti, l-applikant għandu jneħħi r-reġistrazzjoni ta' vettura tal-kategorija L jew M1 jew N1 li għandha mill-inqas 10 snin mis-sena tal-manifattura u li tkun reġistrata f'isem l-applikant fil-ġurnata tat-tneħħija mir-reġistrazzjoni tagħha, u li tkun tneħħiet mir-reġistrazzjoni fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara.

b) L-ammonti ta' għotja applikabbli f'dan il-każ għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed titneħħa mir-reġistrazzjoni, kif indikat fit-Tabella 2 tal-Anness.

2.7. Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat

Fil-każ ta' impriżi eliġibbli u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE, l-assistenza se tingħata skont wieħed mir-Regolamenti de minimis li ġejjin:

a) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352/9, 24.12.2013), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/316 tal-21 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 51I, 22.2.2019), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/ 2014, (UE) Nru 1407/2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward ta' għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023) u bir- Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/3118 tal-10 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 2024/3118, 13.12.2024);

b) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-

2.5. Every applicant is eligible to a maximum of one grant for the purchase of a used electric vehicle.

2.6. Scrappage Scheme

a) In the case of a grant application involving the deregistration of an existing vehicle, the applicant shall deregister a category L or M1 or N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture and which is registered on the applicant's name on the day of registration of the used electric vehicle subject to the grant application, on the date of its destruction, and which was destructed on the 1st of January 2025 or after.

b) The grant amounts applicable in this case shall vary depending on the category of vehicle being deregistered, as indicated in Table 2 of the Annex.

2.7. State aid Regulations

In the case of eligible undertakings and voluntary organisations that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, assistance will be provided in line with one of the following de minimis Regulations:

(a) For undertakings that are active in the primary production of agricultural products: Commission Regulation (EU) No. 1408/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 352/9, 24.12.2013), amended by Commission Regulation (EU) 2019/316 of 21 February 2019 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 51I, 22.2.2019), by Commission Regulation (EU) No 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023) and by Commission Regulation (EU) 2024/3118 of 10 December 2024 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L, 2024/3118, 13.12.2024).

(b) For undertakings that are active in the primary production of fishery and aquaculture products: Commission Regulation (EU) No. 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u l-akwakultura (ĠU L 190/45, 28.6.2014), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/ 2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414/15, 9.12.2020), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2514 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (ĠU L 326, 21.12.2022) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/2014, (UE) Nru 1407/ 2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' de minimis għajnuna mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023);

Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190/45, 28.6.2014), as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414/15, 9.12.2020), by Commission Regulation (EU) 2022/2514 of 14 December 2022 amending Regulation (EU) No 717/2014 as regards its period of application (OJ L 326, 21.12.2022) and by Commission Regulation (EU) No 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023).

c) Għal impriżi li huma attivi fis-setturi l-oħra kollha: Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis (ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023).

(c) For undertakings that are active in all other sectors: Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid (OJ L, 2023/2831, 15.12.2023).

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż il-limiti stabbiliti fir-Regolamenti de minimis applikabbli indikati hawn fuq. Skont l-attività tal-applikant, il-limiti de minimis huma kif ġej:

The total amount of de minimis aid granted to a single undertaking must not exceed the thresholds established in the applicable de minimis Regulation outlined above. The applicable de minimis thresholds are as follows:

a) Għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli, l-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż l-€50,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin;

(a) For undertakings active in the primary production of agricultural products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €50,000 over any period of three years.

b) Għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, l-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż it-€30,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali;

(b) For undertakings active in the primary production of fishery and aquaculture products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €30,000 over any period of three fiscal years.

c) Għall-impriżi l-oħra kollha, l-ammont totali ta' għajnuna de minimis m'għandux jaqbeż il-€300,000 għal kull impriża waħda fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

(c) For all other undertakings, the total amount of de minimis aid shall not exceed €300,000 per single undertaking over any period of three years.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna kollha mill-Istat mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat implimentata f'konformità mar-Regolamenti de minimis inkluż dik li tirċievi minn kwalunkwe entità Maltija għajr Transport Malta fuq perjodu ta' tliet snin kif applikabbli. Kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta li taqbeż il-limitu applikabbli stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

This maximum threshold would include all State aid granted under this aid scheme and any other State aid measure implemented in line with the de minimis rule including that received from any Maltese entity other than Transport Malta over a period of three years as applicable. Any de minimis aid received in excess of the established applicable threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

L-applikanti kollha li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE għandhom jimlew u

All applicants that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU are to fill in and submit,

jissottomettu, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni, formola ta' dikjarazzjoni de minimis iffirmata li tindika kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta u applikata għaliha mill-impriża waħda matul il-perjodu ta' referenza applikabbli ta' tliet snin. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għandha tinkludi dettalji dwar għajnuna de minimis riċevuta u applikata għaliha mill-impriżi kollha li jiffurmaw parti mill-impriża waħda relatata mal-impriża applikanti. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata u kkonfermata wkoll minn awditur jew accountant bil-warrant.

Mill-1 ta' Jannar 2026, l-informazzjoni dwar l-għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831, għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru ċentrali tal-għajnuna de minimis.

L-informazzjoni li ġejja għandha ssir pubblika:

a) l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju,
b) l-ammont tal-għajnuna,
c) id-data tal-għoti,
d) l-istrument tal-għajnuna, u
e) is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

Dan ta' hawn fuq se japplika wkoll mill-1 ta' Jannar 2027 għall-għajnuna de minimis mogħtija f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013, kif emendat.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u dokumenti ta' sostenn

3.1. Applikazzjoni għal għotja għax-xiri ta' vettura elettrika użata tal-kategorija L jew M1 jew N1 għandha ssir jew mill-aġent/negozjant/fornitur jew mix-xerrej, billi jissottometti l-formola tal-applikazzjoni VEH077 flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni, dettalji u dokumenti meħtieġa fiha. Ix-xerrej tal-vettura għandu jitqies bħala l-applikant aħħari skont din l-iskema.

3.2. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-iskema tal-iskrappjar, ċertifikat tal-qerda maħruġ minn faċilità ta' trattament awtorizzata li jiċċertifika li l-vettura li tkun qed titneħħa mir-reġistrazzjoni tkun ġiet meqruda fil-faċilità ta' trattament awtorizzata.

3.3. L-applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi mill-applikant matul il-ġranet u ħinijiet tax-xogħol applikabbli f'wieħed mill-uffiċċji ta' Transport Malta f'Malta u Għawdex, jew jiġu mibgħuta bil-posta skont l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-Sit ta' Transport Malta.

together with the application form, a signed de minimis declaration form indicating any de minimis aid received and applied for by the single undertaking during the applicable three-year reference period. The information to be provided shall include details regarding de minimis aid received and applied for, by all undertakings forming part of the single undertaking related to the applicant undertaking. This declaration shall also be signed and confirmed by a warranted auditor or accountant.

As of 1 January 2026, information on de minimis aid granted under this scheme in line with Commission Regulation (EU) 2023/2831, shall be made publicly available in the central de minimis aid register.

The following information shall be made public:

a) the identification of the beneficiary,
b) the aid amount,
c) the granting date,
d) the aid instrument, and
e) the sector involved on the basis of the statistical classification of economic activities in the Union ('NACE classification').

The above will also apply as of 1 January 2027 for de minimis aid awarded in line with Commission Regulation (EU) No 1408/2013, as amended.

3. Manner of application and supporting documents

3.1. An application for a grant for the purchase of used electric vehicles in category L or M1 or N1 shall be made by either the agent/dealer/supplier or by the purchaser by submitting the electronic application form VEH 077 along with any information, details and documents required therein. The purchaser of the vehicle shall be considered as the ultimate applicant in terms of this scheme.

3.2. In the case of an application for the scrappage scheme, a destruction certificate issued by an approved destruction facility certifying that the vehicle which is being scrapped has been destructed in an approved destruction facility.

3.3. Paper applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant during the applicable working days and time at one of Transport Malta's offices in Malta and Gozo, or mailed according to the instructions available on the website of Transport Malta.

3.4. Negozjant liċenzjat/negozjant interim jew aġent tal-karozzi li jixtri xi waħda minn dawn il-vetturi għal skopijiet ta' showroom u bejgħ għandu l-għażla li japplika għall-għotja iżda meta jerġa' jbigħ dik il-vettura, ix-xerrej ma jkunx jista' jerġa' japplika għall-għotja.

4. Eliġibbiltà

4.1. Biex ikun eliġibbli, applikant għandu jikkonforma mat-Taqsima 2.

a) Biex tikkwalifika għall-għotjiet, il-vettura elettrika użata fil-kategorija L jew M1 jew N1 li tkun qed tiġi rreġistrata m'għandhiex tkun ġiet irreġistrata f'Malta qabel l-1 ta' Jannar 2025.

4.2. Biex tikkwalifika għall-iskema ta' skrappjar, il-vettura bil-mutur li trid tiġi mneħħija mir-reġistrazzjoni jeħtieġ li:

a) Ikollha mill-inqas għaxar (10) snin fid-data tal-applikazzjoni, l-età tal-vettura tiġi ddeterminata bħala s-sena kalendarja fid-data tal-applikazzjoni mingħajr is-sena tal-manifattura kif iċċertifikata fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

b) tkun reġistrata u ggaraxxjata jew liċenzjata ma' Transport Malta f'isem l-applikant fid-data tal-applikazzjoni, kif muri fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew kif ikkonfermat minn Transport Malta.

c) tkun ġiet imneħħija mir-reġistrazzjoni mhux qabel l-1 ta' Jannar 2025.

d) ladarba titneħħa mir-reġistrazzjoni, tiġi meqruda skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S.368.02). Għandu jiġi pprovdut iċ-ċertifikat tal-qerda.

e) Vetturi mneħħija mir-reġistrazzjoni li jkunu bbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-L.S.65.24 ma jkunux eliġibbli għal din l-iskema ta' skrappjar.

5. Ħlas tal-Għotja

5.1. Meta applikant jikkwalifika għall-għotja, l-għotja għandha titħallas direttament lill-applikant.

5.2. L-għotja mogħtija lix-xerrej ma għandhiex tiġi evalwata bħala dħul għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul.

5.3. Vettura hija eliġibbli għal għotja waħda biss, u jekk is-sid oriġinali (il-benefiċjarju) jbigħ il-vettura fis-suq tal-vetturi użati wara li jgħaddi l-perjodu msemmi fit-Taqsima 7, is-sid il-ġdid tal-istess vettura ma jkunx intitolat li japplika għal xi għotja relatata ma' dik il-vettura, fil-każ li dik l-għotja tkun għadha disponibbli.

3.4. A licensed dealer/interim dealer or car agent purchasing any of these vehicles for showroom and sales purposes has the option to apply for the grant himself but on re-selling such vehicle, the buyer cannot re-apply for the grant.

4. Eligibility

4.1. To be eligible, an applicant shall conform to Section 2.

a) To qualify for the grants, the used electric vehicle in category L or M1 or N1 being registered shall not have been registered in Malta before the 1st of January 2025.

4.2. To qualify for the scrappage scheme, the motor vehicle to be de-registered shall:

a) be at least ten (10) years old on the date of application, the age of the vehicle being determined as the calendar year on the date of application less the year of manufacture as certified on the vehicle's registration certificate.

b) be registered and garaged or licensed with Transport Malta in the name of the applicant on the date of deregistration, as shown on the vehicle's registration certificate or as confirmed by Transport Malta.

c) have been de-registered not before 1st January 2025.

d) once de-registered, be destroyed in accordance with the provisions of Part VIII of the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (S.L.368.02). Destruction certificate shall be provided.

e) Deregistered vehicles which had benefitted from the provisions of S.L.65.24 shall not be eligible for this scrappage scheme.

5. Payment of Grant

5.1. Where an applicant qualifies for the grant, the grant shall be paid directly to the applicant.

5.2. The grant given to the purchaser shall not be assessed as income for income tax purposes.

5.3. A vehicle is only eligible for one grant, and if the original owner (the beneficiary) sells the vehicle on the used market after the period referred to in Section 7 elapses, the new owner of the same vehicle will not be entitled to apply for any grant related to that vehicle, in the case such a grant would still be available.

6. Validità tal-applikazzjoni

6.1. Applikazzjoni m'għandhiex titqies li ġiet sottomessa mill-applikant sakemm ma tkunx mimlija b'mod sħiħ u tkun akkumpanjata mid-dokumenti rilevanti kollha. Jekk l-applikazzjoni ma timtelax b'mod korrett u d-dokumenti rilevanti mhumiex inklużi, it-talba għall-għotja m'għandhiex tiġi pproċessata sakemm ma tingħatax l-informazzjoni nieqsa.

6.2. L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli għal xi telf ta' għotjiet jew opportunitajiet li jirriżultaw mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta.

7. Rifużjoni tal-għotja

7.1. Kwalunkwe vettura elettrika tal-Kategorija L, M1 jew N1 użata mixtrija mill-applikant taħt din l-għotja għandha tibqa' reġistrata f'isem l-applikant għal perjodu ta' mill-inqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni.

7.2. Jekk is-sid reġistrat ta' vettura elettrika użata li fuqha tkun inħarġet għotja taħt din l-iskema jittrasferixxi l-imsemmija vettura qabel ma jiskadi l-perjodu msemmi hawn fuq, allura dik il-persuna għandha tirrifondi l-għotja li tkun irċeviet mingħand Transport Malta.

7.3. Ir-rifużjoni msemmija f'7.2. hawn fuq m'għandhiex tkun meħtieġa meta t-trasferiment imsemmi hemmhekk ikun trasferiment causa mortis lil werriet jew lil terz jew trasferiment inter vivos favur il-miżżewġin, axxendenti, u kollaterali diretti.

7.4. Meta vettura elettrika mixtrija taħt din l-għotja tiġi rritornata lill-aġent jew negozjant oriġinali għal kwalunkwe raġuni, u l-aġent jew negozjant ma jibdilhiex b'vettura elettrika uzata iżda jirrifondi lill-applikant bil-prezz kollu jew parzjali mħallas għall-vettura elettrika ġdida, jew jibdilha ma' vettura mgħammra b'magna ta' kombustjoni interna, l-applikant għandu jirrifondi parti mill-għotja riċevuta għall-vettura elettrika ġdida skont il-perjodu li għadda mix-xiri tal-vettura u r-ritorn tagħha lill-aġent, kif elenkat hawn taħt:

a) Inqas minn 12-il xahar: 75%;

b) Aktar minn 12-il xahar iżda inqas minn 24 xahar: 50%;

c) Aktar minn 24 xahar iżda inqas minn 36 xahar: 25%.

8. Tul ta' żmien tal-iskema

8.1. L-għotjiet għar-reġistrazzjoni ta' Vetturi Elettriċi Użati, elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness A, għandhom jibqgħu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2026. Il-fondi bbaġitjati għal din l-iskema jammontaw għal mitt elf Ewro (€100,000).

6. Validity of application

6.1. An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided.

6.2. The Authority shall not be held responsible for any loss of grants or opportunities resulting from the submission of an incomplete or incorrect application.

7. Refunding of grant

7.1. Any used Category L, M1 or N1 electric vehicle purchased by the applicant under this grant shall remain registered in the applicant's name for a period of at least thirty-six (36) months from the date of first registration.

7.2. If the registered owner of a used electric vehicle on which a grant has been issued under this scheme transfers the said vehicle before the expiry of the above-mentioned period, then that person shall refund the grant received from Transport Malta.

7.3. The refund mentioned in 7.2. above shall not be required when the transfer mentioned therein is a transfer causa mortis to an heir or to a third party or transfer inter vivos in favour of spouses, ascendants, and direct collaterals.

7.4. When a used electric vehicle purchased under this grant is returned to the original agent or dealer for any reason, and the agent or dealer does not replace it with a used electric vehicle but refunds the applicant with all or part of the price paid for the used electric vehicle, or replaces it with a vehicle equipped with an Internal Combustion Engine, the applicant shall refund part of the grant received for the new electric vehicle depending on the period elapsed from the purchase of the vehicle and its return to the agent, as listed below:

a) Less than 12 months: 75%.

b) More than 12 months but less than 24 months: 50%.

c) More than 24 months but less than 36 months: 25%.

8. Duration of scheme

8.1. The grants for the registration of Used Electric Vehicles, listed in Table 1 of Annex A, shall remain in force, until 31st of December 2026. The budgeted funds for this scheme amount to one hundred thousand Euro (€100,000).

8.2. L-iskema tista' tiġġedded kif jitqies meħtieġ mill-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.3. L-applikazzjonijiet li jaslu fi żmien l-iskadenza stipulata f'8.1 jistgħu jiġu pproċessati, approvati u mħallsa sal-31 ta' Diċembru 2027.

9. Emendi lill-iskema

9.1. Il-Ministru responsabbli għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi għandu jkollu d-dritt li jagħmel kwalunkwe emenda għal din l-iskema permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Talbiet b'qerq

10.1. Fejn tinqala' talba frawdolenti, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Pulizija biex jinbdew proċeduri kriminali. F'każ ta' ħlas żbaljat ta' talba, il-Ministru responsabbli għat-Trasport jirriżerva d-dritt li jirkupra fondi mħallsa bi żball. Dan japplika wkoll għal impriżi u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika, speċjalment fir-rigward tar-regolamenti tal-Għajnuna mill-Istat. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta hija korretta.

11. Talbiet għal reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità

11.1. Fejn applikant jiġi infurmat li applikazzjoni għal għotja ġiet irrifjutata jew ma jaqbilx mal-ammont tal-għotja assenjata għal applikazzjoni partikolari, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jitlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni kkonċernata.

11.2. Biex jeżerċita tali dritt, l-applikant għandu jippreżenta talba fi żmien 30 jum minn meta jirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità, kemm jekk din tasal permezz ta' ittra jew ta' email. Talba bħal din għandha tintbagħat, bil-posta jew bl-email lill-uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità, jew lil uffiċċju ieħor skont kif delegat mill-Kap Eżekuttiv, u għandha tinkludi spjegazzjoni għaliex l-applikant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Awtorità, flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' sostenn applikabbli.

11.3. Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għandu jaħtar bord intern magħmul minn tal-anqas tliet (3) persuni li mhumiex involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għotja. Dan il-bord għandu jirrevedi t-talba tal-applikant, id-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorità, l-applikazzjoni oriġinali u kwalunkwe dokument u informazzjoni rilevanti oħra u għandu jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità għandhiex tinżamm jew tinbidel. Il-bord għandu jippreżenta d-deċiżjonijiet tiegħu lill-Kap Eżekuttiv, jew lil uffiċċju delegat mill-Kap Eżekuttiv, li mbagħad għandu jikkomunika d-deċiżjoni finali lill-applikant.

8.2. The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works by a Notice in the Government Gazette.

8.3. Applications received within the deadline stipulated in 8.1 may be processed, approved, and paid out until 31st December 2027.

9. Amendments to the scheme

9.1. The Minister responsible for Transport, Infrastructure and Public Works shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

10. Fraudulent claims

10.1. Where a fraudulent claim arises, the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works shall report the matter to the Police for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the Minister responsible for Transport reserves the right to recover funds paid in error. This also applies to undertakings and voluntary organisations that carry our economic activity, especially with respect to State Aid regulations. Applicants are to make sure that the information provided is correct.

11. Requests for revision of Authority's decisions

11.1. Where an applicant is informed that an application for a grant is refused or does not agree with the grant amount assigned for a given application, the applicant shall have the right to request a revision of the Authority's decision concerning the application concerned.

11.2. To exercise such right, the applicant shall present a request within 30 days from receipt of the Authority's decision, whether this is received via letter or email. Such request shall be sent, by mail or by email to the office of the Chief Executive Officer of the Authority, or to another office as delegates by the Chief Executive Officer and shall include an explanation of why the applicant does not agree with the Authority's decision, along with any applicable supporting documents.

11.3. The Chief Executive Officer of the Authority shall appoint an internal board composed of at least three (3) persons who are not involved in the processing of the grant applications. This board shall review the applicant's request, the original decision of the Authority, the original application and any other relevant documents and information and shall decide whether the Authority's decision shall be withheld or changed. The board shall present its decisions to the Chief Executive Officer, or to the office delegated by the Chief Executive Officer, who shall then communicate the final decision to the applicant.

Anness: Ammonti tal-għotja applikabbli għax-xiri ta' vetturi elettriċi użati tal-kategorija L, jew M1 jew N1.

Tabella 1: Ammonti ta' għotjiet li għandhom jitħallsu għal kull vettura elettrika użata fil-kategorija L, M1 u N1 mixtrija, soġġetta għall-kriterji ta' eliġibbilità stipulati f'dan id-dokument.

Il-limiti tal-età msemmija hawn taħt jirreferu għall-perjodu bejn id-data tal-Ewwel Reġistrazzjoni tal-Vettura Elettrika użata fi kwalunkwe pajjiż, u d-data tar-reġistrazzjoni tagħha f'Malta.

	Kategorija tal-vettura użata	Aktar minn ġurnata, U Mhux aktar minn 3 xhur.	Aktar minn 3 xhur, u Mhux aktar minn 6 xhur.
1	**L**	€1,000	€750
2	**M1 jew N1**	€4,000	€3,000

Annex: Grant amounts applicable for the purchase of used electric vehicles in category L or M1 or N1.

Table 1: Grant amounts to be paid for each used electric vehicle in category L, M1 and N1 purchased, subject to eligibility criteria stipulated in this document.

The age limits mentioned below refer to period between the date of 1st Registration of the used Electric Vehicle in any country, and the date of its registration in Malta.

	Category of Used Vehicle	Older than 1 day, AND Not older than 3 months.	Older than 3 months, AND Not older than 6 months.
1	**L**	€1,000	€750
2	**M1 or N1**	€4,000	€3,000

Tabella 2: Ammonti tal-għotja li għandhom jitħallsu meta vettura tiġi skrappjata flimkien ma' kwalunkwe għotja oħra għax-xiri ta' vetturi elettriċi użati fil-kategorija L, M1 u N1.

Kategorija tal-Vettura Skrappjata		Kundizzjoni Malta	Post tar-Reġistrazzjoni tal-Vettura meqruda	
			Malta	Gozo*
Category of Scrapped Vehicle		***Condition Malta***	***Place of Registration of Scrapped Vehicle***	
			Malta	***Gozo****
1	L (Muturi, Triċikli, Kwadriċikli)	Xejn	€500	€500
2	M1 (Karozzi) jew N1 (Vannijiet)	L-aħħar liċenzja ta' ċirkolazzjoni tal-vettura li tkun ġiet meqruda skadiet aktar minn tliet (3) xhur qabel id-data tal-qerda.	€500	€1,500
3		L-aħħar liċenzja ta' ċirkolazzjoni tal-vettura li tkun ġiet meqruda skadiet mhux aktar minn tliet (3) xhur qabel id-data tal-qerda.	€1,000	€2,000
1	*L (Motorcycles, Tricycles, Quadricycles)*	*None*	*€500*	*€500*
2	*M1 (Cars) or N1 (Vans)*	*The last circulation licence of the scrapped vehicle expired more than 3 months prior to the scrappage date.*	*€500*	*€1,500*
3		*The last circulation licence of the scrapped vehicle expired not more than 3 months prior to the scrappage date.*	*€1,000*	*€2,000*

*Il-vettura trid tkun ġiet reġistrata f'Għawdex qabel il-11 ta' Ottubru 2021.

*Vehicle must have been registered in Gozo prior to the 11th of October 2021.

Nru. 204

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Skema tal-Gvern biex tippromwovi l-użu tal-LPG fil-vetturi

IL-MINISTERU għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, qed iniedi skema ta' għotja ta' flus biex tippromwovi l-użu tal-LPG fil-vetturi. Din hija miżura oħra favur l-ambjent maħsuba biex ikomplu jonqsu l-emissjonijiet mit-traffiku fit-toroq.

Soġġetta għall-kundizzjonijiet t'hawn taħt, se jitħallsu l-ammonti tal-għotja li ġejjin:

€400 meta vettura li taħdem bil-petrol tal-Kategorija M1 jew N1 tiġi immodifikata sabiex tkun tista' topera bl-LPG jew bil-petrol;

€900 meta vettura li taħdem bid-diesel tal-Kategorija M1 jew N1 tiġi immodifikata sabiex tkun tista' topera bl-LPG u bid-diesel simultanjament;

€1,000 meta vettura li taħdem bid-diesel tal-Kategorija M2 jew N2 tiġi immodifikata sabiex tkun tista' topera bl-LPG u bid-diesel simultanjament;

€1,500 meta vettura li taħdem bid-diesel tal-Kategorija M3 jew N3 tiġi immodifikata sabiex tkun tista' topera bl-LPG u bid-diesel simultanjament.

L-iskema tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026 u tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2026, jew sakemm il-baġit allokat ta' għoxrin elf ewro (€20,000) jiġi eżawrit.

Persuni li immodifikaw il-vettura tagħhom sabiex topera bl-LPG skont ir-rekwiżiti stipulati f'dan id-dokument matul is-snin li għaddew u ma rċevewx għotja mill-iskemi li kienu applikabbli fil-passat, xorta jistgħu japplikaw għall-għotja. L-ammonti tal-għotjiet maħruġa jkunu dawk definiti fl-Avviż 482 għal vetturi li jaħdmu bid-diesel u fl-Avviż 479 għal vetturi li jaħdmu bil-petrol, kif maħruġa fid-9 ta' April 2021.

L-għotjiet taħt din l-iskema għandhom jingħataw fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-finijiet ta' din l-iskema, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

No. 204

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND PUBLIC WORKS

Government scheme to promote LPG as fuel for vehicles

THE Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works in conjunction with the Authority for Transport in Malta, is launching another grant scheme to promote the use of LPG as fuel for vehicles. This is another environment friendly budget measure aimed at reducing further emissions from road transport.

Subject to the below conditions, the following grant amounts shall be issued:

€400 when a petrol-powered Category M1 or N1 vehicle is retrofitted to operate on LPG or petrol;

€900 when a diesel-powered Category M1 or N1 vehicle is retrofitted to operate with LPG and diesel simultaneously;

€1,000 when a diesel-powered Category M2 or N2 vehicle is retrofitted to operate with LPG and diesel simultaneously;

€1,500 when a diesel-powered Category M3 or N3 vehicle is retrofitted to operate with LPG and diesel simultaneously.

The scheme came into effect as of the 1st of January 2026 and closes on the 31st of December 2026, or until the allocated budget of twenty thousand Euro (€20,000) is exhausted.

Persons who have modified their vehicle to operate using LPG in compliance with the requirements set out in this document during the past years and have not received a grant from the applicable grant schemes in the past, may still apply for the grant. The amount of the grants awarded will be those defined in Notice 482 for diesel-powered vehicles and Notice 479 for petrol-powered vehicles dated 9th April 2021.

The grants in this scheme shall be assigned on a first-come-first-served basis.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purposes of the scheme, unless the context otherwise requires:

1.1. 'Applikant' tfisser il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema u li, filwaqt li tkun persuna residenti f'Malta jew impriża stabbilita f'Malta, ikollha l-vettura rreġistrata f'isimha;

1.2. 'Applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għal għotja taħt din l-iskema;

1.3. 'Ċertifikat tat-Tagħmir' tfisser iċ-ċertifikat maħruġ minn persuna kompetenti wara t-tagħmir ta' vettura bil-mutur b'sistema ta' provvista tal-LPG;

1.4. 'Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni tal-Vettura' tfisser iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura maħruġ minn Transport Malta li jiċċertifika li l-vettura bil-mutur hija rreġistrata u f'isem min il-vettura hija rreġistrata;

1.5. 'Emissjonijiet tad-Duħħan' tfisser l-emissjonijiet viżibbli minn magna tat-tqabbid bil-kompressjoni (diesel);

1.6. 'Għotja' tfisser l-għotja li qiegħda tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsima 4;

1.7. 'Impriża stabbilita f'Malta' tfisser entità kummerċjali stabbilita f'Malta, inkluż persuna li taħdem għal rasha skont il-Liġi Nazzjonali, fondazzjoni jew soċjetà kooperattiva;

1.8. 'Impriża waħda' tinkludi, għall-iskopijiet ta' din l-iskema, l-intrapriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin:

(a) intrapriża waħda li jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

(b) intrapriża waħda li jkollha d-dritt taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' intrapriża oħra;

(c) intrapriża waħda li jkollha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih flimkien ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew statut ta' assoċjazzjoni tagħha;

(d) intrapriża waħda, illi tkun azzjonista fi jew membru ta' intrapriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra fi jew membri ta' dik l-intrapriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-voti tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

L-intrapriżi li jkollhom waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) permezz ta' intrapriża waħda jew aktar, għandhom ukoll jitqiesu bħala impriża waħda;

1.9. 'Produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura' tfisser l-operazzjonijiet kollha relatati mas-

1.1. 'Applicant' means the person applying for a grant under this scheme and who, apart from being a person residing in Malta or an undertaking established in Malta, has the vehicle registered in his/her name.

1.2. 'Application' means the application made for a grant under this scheme.

1.3. 'Certificate of Retrofitting' means the certificate issued by a competent person after the retrofitting of a motor vehicle with an LPG feeding system.

1.4. 'Vehicle Registration Certificate' means the vehicle registration certificate issued by Transport Malta providing proof of registration of the motor vehicle and in whose name the vehicle is registered.

1.5. 'Smoke emissions' means the visible emission from a compression-ignition (diesel) engine.

1.6. 'Grant' means the grant being given under this scheme to an applicant who satisfies the requirements of section 4.

1.7. 'Undertaking established in Malta' means a commercial entity established in Malta, including a self-employed person in accordance with National Law, a foundation, or a cooperative society.

1.8. 'Single undertaking' means, for the purposes of this scheme, all enterprises having at least one of the following relationships with each other:

(a) one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise;

(b) one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

(c) one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered with that enterprise or pursuant to a provision in its memorandum or articles of association;

(d) one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (a) to (d) above through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking.

1.9. 'Primary production of fishery and aquaculture products' means all operations relating to the fishing, rearing

sajd, it-trobbija jew il-kultivazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, kif ukoll attivitajiet f'azjenda agrikola jew abbord meħtieġa għall-preparazzjoni tal-ewwel bejgħ ta' prodott tal-annimali jew tal-ħxejjex, inkluż it-tqattigħ, l-iffilittjar jew l-iffriżar, u l-ewwel bejgħ lil rivendituri jew lil proċessuri;

or cultivation of aquatic organisms, as well as on-farm or on-board activities necessary for preparing an animal or plant for the first sale, including cutting, filleting or freezing, and the first sale to resellers or processors.

1.10. 'LPG' tfisser gass taż-żejt likwifikat bi speċifikazzjonijiet skont MSA EN 589 użat għall-propulsjoni ta' vetturi bil-mutur;

1.10. 'LPG' means liquefied petroleum gas with specifications according to MSA EN 589 used for the propulsion of motor vehicles.

1.11. 'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

1.11. 'Malta' means the islands of Malta.

1.12. 'Persuna' tfisser persuna fiżika;

1.12. 'Person' means a natural person.

1.13. 'Persuna Kompetenti' tfisser:

1.13. 'Competent Person' means:

Fil-każ ta' sistema ta' provvista tal-LPG mgħammra fuq vettura li taħdem bil-petrol, il-persuna li hija approvata mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma biex twettaq xogħol, superviżjoni u ċertifikazzjoni relatati mal-użu tal-LPG f'vetturi bil-mutur;

In case of LPG Feeding systems installed on petrol powered vehicles, the person who is approved by the Regulator for Energy and Water Services to carry out work, supervision and certification related to the use of LPG on motor vehicles;

Fil-każ ta' sistema ta' provvista tal-LPG mgħammra fuq vettura li taħdem bid-diesel, il-persuna rikonoxxuta bħala tali mill-manifattur tat-tagħmir approvat;

In case of LPG Feeding systems installed on diesel powered vehicles, the person recognised by the manufacturer of the type approved retrofit kit.

1.14. 'Persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (KAP. 258 tal-Liġijiet ta' Malta) jew li jkollha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

1.14. 'Person residing in Malta' means a natural person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (CAP. 258 of the Laws of Malta) or who has a residence permit, or a letter issued from the expatriate office at the Ministry of Foreign Affairs.

1.15. 'Prodotti Agrikoli' tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1);

1.15. 'Agricultural products' means products listed in Annex I to the Treaty, with the exception of fishery and aquaculture products falling within the scope of Regulation (EU) No 1379/2013 of the European Parliament and of the Council (OJ L 354 28.12.2013, p.1).

1.16. 'Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura' tfisser il-prodotti definiti fl-Artikolu 5, il-punti (a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013;

1.16. 'Fishery and Aquaculture products' mean the products defined in Article 5, points (a) and (b) of Regulation (EU) No 1379/2013.

1.17. 'ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma' tfisser ir-regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma responsabbli għas-servizzi relatati mal-enerġija u l-ilma u sabiex jipprovdi dwar affarijiet anċillari għal dan jew konnessi ma' dan;

1.17. 'Regulator for Energy and Water Services' means the Regulator responsible for services relating to energy and water, and to make provision with respect to matters ancillary thereto and connected therewith.

1.18. 'Sid Reġistrat' tfisser il-persuna li f'isimha vettura tkun ġiet irreġistrata minn Transport Malta;

1.18. 'Registered owner' means the person in whose name a motor vehicle is registered by Transport Malta.

1.19. 'Sistema ta' provvista tal-LPG' tfisser sistema li tinkludi tagħmir, tankijiet, software u kwalunkwe komponent ieħor maħsub biex jaħżen, jipprovdi, ikejjel u b'xi mod ieħor jimmaniġġja l-LPG f'vettura bil-mutur;

1.19. 'LPG feeding system' means a system including equipment, tanks, software, and any other component intended to store, feed, meter and in any other way handle LPG within a motor vehicle.

1.20. 'Transport Malta' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta stabbilita bl-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.21. 'Valur tal-emissjonijiet tad-Duħħan' jirreferi għall-kejl tad-duħħan maħruġ minn magna tat-tqabbid bil-kompressjoni (diesel) (imsejjaħ ukoll bħala 'l-valur K') permezz ta' miter tal-opaċità użat fi stazzjon awtorizzat għat-testijiet ta' affidabbiltà stradali skont ir-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq (L.S. 65.15);

1.22. 'Vettura tal-Kategorija M1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-passiġġieri u li tista' ġġorr mhux iktar minn tmien (8) passiġġieri apparti s-sewwieq;

1.23. 'Vettura tal-Kategorija M2' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-passiġġieri li tinkludi aktar minn tmien (8) sedili minbarra s-sedil tas-sewwieq u li għandha massa massima li ma taqbiżx ħames (5) tunnellati;

1.24. 'Vettura tal-Kategorija M3' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-passiġġieri li tinkludi aktar minn tmien (8) sedili minbarra s-sedil tas-sewwieq u li għandha massa massima ta' aktar minn ħames (5) tunnellati;

1.25. 'Vettura tal-Kategorija N1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha piż massimu permissibbli li ma jaqbiżx it-tliet tunnellati u nofs (3.5 tunnellati);

1.26. 'Vettura tal-Kategorija N2' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha massa massima li taqbeż it-tliet tunnellati u nofs (3.5 tunnellati) iżda li ma taqbiżx seba' tunnellati u nofs (7.5 tunnellati);

1.27. 'Vettura tal-Kategorija N3' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha massa massima ta' aktar minn seba' tunnellati u nofs (7.5 tunnellati);

1.28. 'Vettura bil-mutur' tfisser vettura tal-Kategorija M1, N1, M2, N2, M3 jew N3.

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1. L-iskema tapplika għal persuna residenti f'Malta jew impriża stabbilita f'Malta.

2.2. Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat

Fil-każ ta' impriżi eliġibbli u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE, l-assistenza se tingħata skont wieħed mir-Regolamenti de minimis li ġejjin:

1.20. 'Transport Malta' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499 of the Laws of Malta).

1.21. 'Smoke emissions value' refers to the measurement of smoke emitted by a compression-ignition (diesel) engine (also referred-to as the 'K value') by means of an opacity meter used within an authorized vehicle roadworthiness testing station in terms of the Motor Vehicle Roadworthiness Test Regulations (S.L.65.15).

1.22. 'Category M1 vehicle' means a motor vehicle used for the transport of persons, and which may carry no more than eight (8) passengers in addition to the driver.

1.23. 'Category M2 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons comprising more than eight (8) seats in addition to the driver's seat and having a maximum mass not exceeding five (5) tonnes.

1.24. 'Category M3 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons comprising more than eight (8) seats in addition to the driver's seat and having a maximum mass exceeding five (5) tonnes.

1.25. 'Category N1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding three and a half (3.5) tonnes.

1.26. 'Category N2 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass exceeding three and a half (3.5) tonnes but not exceeding seven and a half (7.5) tonnes.

1.27. 'Category N3 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass exceeding seven and a half (7.5) tonnes.

1.28. 'Motor Vehicle' means a Category M1, N1, M2, N2, M3 or N3 vehicle.

2. Area of applicability

2.1. The scheme applies to a person residing in Malta or an undertaking established in Malta.

2.2. State aid Regulations.

In the case of grant applications under this scheme by undertakings that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, assistance will be provided in line with one of the following de minimis Regulations:

(a) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352/9, 24.12.2013), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/316 tal-21 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 51I, 22.2.2019), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/ 2014, (UE) Nru 1407/2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward ta' għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/3118 tal-10 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L, 2024/3118, 13.12.2024);

(a) For undertakings that are active in the primary production of agricultural products: Commission Regulation (EU) No. 1408/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 352/9, 24.12.2013), amended by Commission Regulation (EU) 2019/316 of 21 February 2019 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 51I, 22.2.2019), by Commission Regulation (EU) No 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023) and by Commission Regulation (EU) 2024/3118 of 10 December 2024 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L, 2024/3118, 13.12.2024);

b) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 190/45, 28.6.2014), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/ 2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414/15, 9.12.2020), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2514 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (ĠU L 326, 21.12.2022) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/2014, (UE) Nru 1407/ 2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023);

(b) For undertakings that are active in the primary production of fishery and aquaculture products: Commission Regulation (EU) No. 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190/45, 28.6.2014), as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414/15, 9.12.2020), by Commission Regulation (EU) 2022/2514 of 14 December 2022 amending Regulation (EU) No 717/2014 as regards its period of application (OJ L 326, 21.12.2022) and by Commission Regulation (EU) No 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023);

(c) Għal impriżi li huma attivi fis-setturi l-oħra kollha: Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis (ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023).

(c) For undertakings that are active in all other sectors: Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid (OJ L, 2023/2831, 15.12.2023).

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż il-limiti stabbiliti fir-Regolamenti de minimis applikabbli indikati hawn fuq. Skont l-attività tal-applikant, il-limiti de minimis huma kif ġej:

(a) Għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż l-€50,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin;

(b) Għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż it-€30,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali;

(c) Għall-impriżi l-oħra kollha, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis m'għandux jaqbeż it-€300,000 għal kull impriża waħda fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna kollha mill-Istat mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament de minimis inkluż dik riċevuta u/jew applikati għalihom minn kwalunkwe entità għajr Transport Malta fuq perjodu ta' tliet snin skont liema regolament de Minimis ikun jgħodd. Kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta li taqbeż il-limitu applikabbli stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

L-applikanti kollha li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE għandhom jimlew u jissottomettu, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni, formola ta' dikjarazzjoni de minimis iffirmata li tindika l-impriżi kollha li jiffurmaw parti mill-impriża waħda relatata mal-impriża applikanti, u kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta u/jew applikati għalihom mill-impriża waħda matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin skont ir-Regolament de minimis applikabbli. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata u kkonfermata wkoll minn awditur jew accountant bil-warrant.

Mill-1 ta' Jannar 2026, l-informazzjoni dwar l-għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831, għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru ċentrali tal-għajnuna de minimis.

L-informazzjoni li ġejja għandha ssir pubblika:

a) l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju,

b) l-ammont tal-għajnuna,

c) id-data tal-għoti,

d) l-istrument tal-għajnuna, u

The total amount of de minimis aid granted to a single undertaking must not exceed the thresholds established in the applicable de minimis Regulation outlined above. The applicable de minimis thresholds are as follows:

(a) For undertakings active in the primary production of agricultural products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €50,000 over any period of three years;

(b) For undertakings active in the primary production of fishery and aquaculture products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €30,000 over any period of three fiscal years;

(c) For all other undertakings, the total amount of de minimis aid shall not exceed €300,000 per single undertaking over any period of three years.

This maximum threshold would include all State aid granted under this aid scheme and any other State aid measure granted under the de minimis Regulation including that received and/or applied for from any entity other than Transport Malta over a period of three years established according to the applicable de minimis Regulation. Any de minimis aid received in excess of the established applicable threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

All applicants that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU are to fill in and submit, together with the application form, a signed de minimis declaration form indicating all undertakings forming part of the single undertaking related to the applicant undertaking, and any de minimis aid received and/or applied for by the single undertaking during the applicable three-year period established according to the applicable de minimis Regulation. This declaration shall also be signed and confirmed by a warranted auditor or accountant.

As of 1 January 2026, information on de minimis aid granted under this scheme in line with Commission Regulation (EU) 2023/2831, shall be made publicly available in the central de minimis aid register.

The following information shall be made public:

a) the identification of the beneficiary,

b) the aid amount,

c) the granting date,

d) the aid instrument, and

e) is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

Dan ta' hawn fuq se japplika wkoll mill-1 ta' Jannar 2027 għall-għajnuna de minimis mogħtija f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013, kif emendat.

2.3. L-applikant irid ikun is-sid reġistrat ta' vettura bil-mutur li:

(a) hija rreġistrata ma', u liċenzjata minn, Transport Malta f'isem l-applikant fid-data tat-tagħmir u fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja;

(b) ġiet immodifikata biex taħdem bl-LPG minn persuna kompetenti; u

(c) fil-każ ta' vettura li taħdem bil-petrol:

tkun ġiet mgħammra b'sistema ta' provvista tal-LPG li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' UN ECE 67 jew UN ECE 115 u ġiet approvata minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip awtorizzata skont ir-Regolament (UE) 2018/858, u li tippermetti lill-vettura taħdem bl-użu tal-petrol jew LPG.

(d) fil-każ ta' vettura li taħdem bid-diesel:

i. tkun ġiet mgħammra b'sistema ta' provvista tal-LPG approvata minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għall-użu fuq il-kategorija tal-vettura kkonċernata, u li tippermetti li l-magna tal-vettura taħdem b'diesel u LPG fl-istess ħin biż-żewġ fjuwils jitkejlu separatament;

ii. għandha miter viżibbli li jippermetti lill-uffiċjali ta' Transport Malta, jew lid-delegati tagħhom, jikkonfermaw li l-vettura qed titħaddem b'mod regolari bl-użu ta' fjuwil gassuż;

iii. kellha l-valur tal-emissjoni tad-duħħan tagħha mnaqqas b'mill-inqas ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) bħala riżultat tat-tagħmir tas-sistema ta' provvista tal-LPG.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati

3.1. Applikazzjoni għal għotja taħt din l-iskema għandha ssir mis-sid reġistrat wara li l-vettura bil-mutur tiġi mgħammra b'sistema ta' provvista tal-LPG minn persuna kompetenti. Formola tal-applikazzjoni waħda għandha tiġi ppreżentata għal kull vettura li tiġi mgħammra. Is-sid reġistrat tal-vettura għandu jippreżenta l-formola tal-applikazzjoni VEH060 u għandu jinkludi kull informazzjoni, dettalji u dokumenti mitluba fl-istess formola u skont din l-iskema.

e) the sector involved on the basis of the statistical classification of economic activities in the Union ('NACE classification').

The above will also apply as of 1 January 2027 for de minimis aid awarded in line with Commission Regulation (EU) No 1408/2013, as amended.

2.3. The applicant must be the registered owner of a motor vehicle which:

(a) is registered with and licensed by Transport Malta in the name of the applicant on the date of retrofitting and on the date of application for the grant.

(b) has been retrofitted to operate with LPG by a competent person, and

(c) In the case of a petrol-powered vehicle:

has been equipped with an LPG feeding system that complies with the requirements of UN ECE 67 or UN ECE 115 and has been approved by an approving authority as the kind authorized in accordance with Regulation (EU) 2018/858, and that allows the vehicle to operate using petrol or LPG.

(d) In the case of a diesel-powered vehicle:

i. has been retrofitted with an LPG feeding system approved by a type-approval authority of any European Union Member State for use on the category of the vehicle concerned and allowing the vehicle's engine to operate with diesel and LPG simultaneously with both fuels being metered separately;

ii. has a visible meter allowing Transport Malta officers, or their delegates, to confirm that the vehicle is being regularly run using gaseous fuel;

iii. had its smoke emission value reduced by at least twenty five percent (25%) because of the retrofitting of the LPG feeding system.

3. Manner of application and supporting documents

3.1. An application for a grant under this scheme shall be made by the registered owner of a vehicle following the retrofitting of an LPG feeding system on that vehicle by a competent person. One application form shall be submitted for each retrofitted vehicle. The registered owner shall submit the application form VEH060 and shall include all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

3.2. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku ta' Transport Malta jew jinġabru mill-uffiċċji ta' Transport Malta f'Raħal Ġdid, Ħal Lija jew Għawdex.

3.3. Applikazzjonijiet li jikkonċernaw vetturi li jaħdmu bil-petrol għandhom ikunu ffirmati u ttimbrati mill-persuna kompetenti u għandhom ikollhom magħhom id-dokumenti u l-pagament li ġejjin:

i. kopja taċ-ċertifikat tat-tagħmir maħruġ mill-persuna kompetenti;

ii. iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni oriġinali tal-vettura (il-logbook);

iii. ħlas amministrattiv ta' għaxar ewro (€10), pagabbli lil Transport Malta, għall-ħruġ ta' ċertifikat ġdid tar-reġistrazzjoni tal-vettura;

iv. Formola tad-diskrepanza mill-VRT.

3.4. Applikazzjonijiet li jikkonċernaw vetturi li jaħdmu bid-diesel għandhom ikunu ffirmati u ttimbrati mill-persuna kompetenti u għandhom ikollhom magħhom id-dokumenti u l-pagament li ġejjin:

i. Kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tas-sistema ta' provvista tal-LPG li tkun ġiet installata maħruġ minn Awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea f'isem il-manifattur tal-istess sistema.

ii. Kopja tal-istruzzjonijiet għall-kalibrazzjoni u installazzjoni ppubblikati mill-manifattur tas-sistema ta' provvista tal-LPG.

iii. fil-każ fejn iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni msemmi hawn fuq ma jkunx japplika għall-użu tal-LPG, dikjarazzjoni mill-manifattur li s-sistemi li jkunu se jinbiegħu fis-suq Malti se jkunu addattati biex jaħdmu bl-LPG.

iv. dikjarazzjoni mill-manifattur tas-sistema ta' provvista tal-LPG li tirrikonoxxi lill-persuna li jkun għammar il-vettura bħala persuna kompetenti.

v. kopja taċ-ċertifikat tat-tagħmir maħruġ mill-persuna kompetenti.

vi. iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni oriġinali tal-vettura (il-logbook).

vii. riżultat tat-test tal-emissjonijiet tal-VRT maħruġ meta l-vettura immodifikata taħdem bid-diesel biss (Riżultat Diesel Biss).

3.2. Application forms may be downloaded from Transport Malta's website or collected from Transport Malta's offices in Paola, Lija, or Gozo.

3.3. Applications concerning petrol-powered vehicles shall be signed and stamped by the competent person and shall be accompanied by the following documents and payment:

i. a copy of the certificate of retrofitting issued by the competent person;

ii. the original vehicle's registration certificate (logbook);

iii. an administrative fee of ten Euro (€10), payable to Transport Malta, for the issue of a new registration certificate;

iv. VRT discrepancy form.

3.4. Applications concerning diesel-powered vehicles shall be signed and stamped by the competent person and shall be accompanied by the following documents and payment:

i. a copy of the approval certificate for the retrofitted feeding system issued by a Type-Approval Authority of any European Union Member State on behalf of the manufacturer of the same system;

ii. A copy of the calibration and installation instructions published by the manufacturer of the LPG feeding system;

iii. in the case where the above-mentioned approval certificate does not apply for the use of LPG, a declaration from the manufacturer of the systems stating that the systems to be sold on the Maltese market will be adapted to operate with LPG;

iv. A declaration by the manufacturer of the LPG Feeding System recognising the person who retrofitted the vehicle as a competent person;

v. a copy of the certificate of retrofitting issued by the competent person;

vi. the original vehicle's registration certificate (logbook);

vii. a VRT emissions test result issued when the retrofitted vehicle is running on Diesel only (Diesel-Only Result);

viii. riżultat tat-test tal-emissjonijiet tal-VRT maħruġ meta l-vettura immodifikata taħdem b'żewġ fjuwils (Riżultat-Dual-Fuel).

ix. ħlas amministrattiv ta' għaxar ewro (€10), pagabbli lil Transport Malta, għall-ħruġ ta' ċertifikat ġdid tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

3.5. L-applikazzjonijiet bil-karta taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi mill-applikant matul il-ġranet u ħinijiet tax-xogħol applikabbli f'wieħed mill-uffiċċji ta' Transport Malta f'Malta u Għawdex, jew jiġu mibgħuta bil-posta skont l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-Sit ta' Transport Malta.

4. Eliġibbiltà

4.1. Biex ikun eliġibbli, l-applikant għandu jkun konformi mat-Taqsima 2.

4.2. Biex tikkwalifika, il-vettura bil-mutur:

i. għandha tkun irreġistrata f'isem l-applikant fid-data li fiha ssir l-installazzjoni u fid-data tal-applikazzjoni għall-għotja; u

ii. għandha tkun konformi mat-Taqsima 2.

4.3. Applikanti jkunu intitolati għal massimu ta' għaxar (10) għotjiet taħt din l-iskema.

5. Ħlas tal-għotja

5.1. Meta applikant jikkwalifika għall-għotja, dik l-għotja għandha titħallas direttament lil dak l-applikant.

5.2. Il-ħlas għandu jsir biss jekk l-applikant ma kienx jilħaq il-limiti stabbiliti fir-Regolament de minimis applikabbli kif speċifikat fit-Taqsima 2.2.

5.3. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu sostnuti b'evidenza li l-kont bankarju indikat għall-ħlas huwa miżmum, biss jew flimkien, mill-applikant jew minn konjuġi tal-applikant.

6. Validità tal-applikazzjoni

6.1. Applikazzjoni m'għandhiex titqies li ġiet sottomessa mill-applikant sakemm ma tkunx mimlija b'mod sħiħ u ma jkollhiex magħha d-dokumenti rilevanti kollha. Jekk l-applikazzjoni ma timteliex b'mod korrett u d-dokumenti rilevanti mhumiex inklużi, it-talba għall-għotja m'għandhiex tiġi pproċessata sakemm tiġi pprovduta l-informazzjoni nieqsa. Transport Malta għandha tikteb lill-applikant billi tavżah bl-informazzjoni meħtieġa.

viii. a VRT emissions test result issued when the retrofitted vehicle is running on Dual-Fuel mode (Dual-Fuel Result);

ix. an administrative fee of ten Euro (€10), payable to Transport Malta, for the issue of a new vehicle registration certificate.

3.5. Paper applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant during the applicable working days and time at one of Transport Malta's offices in Malta and Gozo, or mailed according to the instructions available on the website of Transport Malta.

4. Eligibility

4.1. To be eligible, an applicant shall conform with Section 2.

4.2. To qualify, the motor vehicle:

i. shall be registered in the applicant's name on the date of conversion and the date of application for the grant; and

ii. shall conform with Section 2.

4.3. Applicants shall be entitled for up to ten (10) grants under this scheme.

5. Payment of Grant

5.1. Where an applicant qualifies for the grant, such grant shall be paid directly to that applicant.

5.2. Payment shall be affected only if the applicant would not have reached the limits established in the applicable de minimis Regulation as specified in section 2.2.

5.3. Applications shall be supported by evidence that the bank account indicated for payment is held, solely or jointly, by the applicant or by a spouse of the applicant.

6. Validity of application

6.1 An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed until the missing information is provided. Transport Malta shall write to the applicant advising him of the information required.

6.2. L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli għal xi telf ta' għotjiet jew opportunitajiet li jirriżultaw mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni mhux kompluta jew skorretta.

7. Rifużjoni tal-għotja jekk it-tagħmir jitneħħa jew jiġi diżattivat

7.1. Persuna jew impriża li tirċievi għotja taħt din l-iskema tkun obbligata li tagħti lura din l-għotja lil Transport Malta jekk f'perjodu ta' mill-inqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-approvazzjoni tal-għotja:

(a) Is-sid ta' vettura li tkun ġiet mgħammra b'sistema ta' provvista tal-LPG jagħmel talba lil Transport Malta biex titneħħa s-sistema; jew

(b) Ikun ippruvat li din is-sistema kienet imneħħija, imbagħbsa, jew diżattivata b'xi mod.

7.2. Barra minn hekk, fil-każ ta' vetturi li jaħdmu bid-diesel biss, dan l-obbligu ta' rifużjoni għandu japplika wkoll jekk:

(a) ikun ippruvat li din is-sistema ma kinitx qed tintuża kif xieraq kif muri mill-apparat tal-kejl tas-sistema; jew

(b) jirriżulta li l-apparat tal-kejl tas-sistema tneħħa jew ġie mbagħbas; jew

(ċ) l-istiker tas-sigurtà tkun tneħħiet.

8. Tul ta' żmien tal-iskema

8.1. Din l-iskema għandha tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2026, sakemm ma tkunx modifikata jew mitmuma minn qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema ta' għotja għandha titqies bħala mitmuma meta jintuża l-baġit rispettiv. Minkejja dan, il-Gvern jista' jtemm l-iskema fi kwalunkwe ħin billi jagħti avviż minn qabel.

8.2. L-iskema tista' tiġġedded kif meqjus neċessarju mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.3. L-applikazzjonijiet li jaslu fi żmien l-iskadenza stipulata f'8.1 jistgħu jiġu pproċessati, approvati u mħallsa sal-31 ta' Diċembru 2027.

9. Emendi għall-iskema

9.1. Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għandu jkollu d-dritt li jagħmel kwalunkwe emenda għal din l-iskema permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

6.2 The Authority shall not be held responsible for any loss of grants or opportunities resulting from the submission of an incomplete or incorrect application.

7. Refund of grant if the retrofitting is removed or disabled.

7.1. A person or undertaking who receives a grant under this scheme shall be obliged to refund such grant to Transport Malta if within a period of at least thirty-six (36) months from the date of the grant's approval:

(a) the owner of a vehicle on which an LPG feeding system had been retrofitted makes a request to Transport Malta to have the system removed; or

(b) It is proven that this system was either removed, tampered with, or disabled in any way.

7.2. Moreover, in the case of diesel-powered vehicles only, this refund obligation shall also apply if:

(a) it is proven that this system was not being used appropriately as evidenced from the system's metering device; or

(b) it results that the system's metering device has been removed or tampered with; or

(c) the security sticker has been removed.

8. Duration of scheme

8.1. This scheme shall remain in force until the 31st of December 2026 unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. This grant scheme shall be considered as terminated when the respective budget is used. Notwithstanding, Government may terminate the scheme at any time by giving prior notice.

8.2. The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works by a Notice in the Government Gazette.

8.3. Applications received within the deadline stipulated in 8.1 may be processed, approved, and paid out until 31st December 2027.

9. Amendments to the scheme

9.1. The Minister for Transport, Infrastructure and Public Works shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

10. Talbiet b'qerq

10.1. Meta tinqala' talba frawdolenti, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Pulizija biex jinbdew proċeduri kriminali. F'każ ta' ħlas ħażin ta' talba, il-Ministru responsabbli għat-Trasport jirriżerva d-dritt li jirkupra fondi mħallsa bi żball. Dan japplika wkoll għal impriżi li jwettqu attività ekonomika, speċjalment fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-Għajnuna mill-Istat. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta hija korretta.

11. Talbiet għal reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità

11.1. Fejn applikant jiġi infurmat li applikazzjoni għal għotja ġiet irrifjutata jew ma jaqbilx mal-ammont tal-għotja assenjata għal applikazzjoni partikolari, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jitlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni kkonċernata.

11.2. Biex jeżerċita tali dritt, l-applikant għandu jippreżenta talba fi żmien 30 jum minn meta jirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità, kemm jekk din tasal permezz ta' ittra jew ta' email. Talba bħal din għandha tintbagħat, bil-posta jew bl-email lill-uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità, jew lil uffiċċju ieħor skont kif delegat mill-Kap Eżekuttiv, u għandha tinkludi spjegazzjoni għaliex l-applikant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Awtorità, flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' sostenn applikabbli.

11.3. Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għandu jaħtar bord intern magħmul minn tal-anqas tliet (3) persuni li mhumiex involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għotja. Dan il-bord għandu jirrevedi t-talba tal-applikant, id-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorità, l-applikazzjoni oriġinali u kwalunkwe dokument u informazzjoni rilevanti oħra u għandu jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità għandhiex tinżamm jew tinbidel. Il-bord għandu jippreżenta d-deċiżjonijiet tiegħu lill-Kap Eżekuttiv, jew lil uffiċċju delegat mill-Kap Eżekuttiv, li mbagħad għandu jikkomunika d-deċiżjoni finali lill-applikant.

12. Persuni kompetenti

12.1. Lista aġġornata tal-persuni li huma approvati mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma biex iwettqu xogħol, superviżjoni u ċertifikazzjoni relatati mal-użu tal-LPG f'vetturi bil-mutur tista' tinstab fuq is-sit elettroniku tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kif ġej:

(http://downloads.rews.org.mt/files/1698667f-4dda-41a2-8dcd-c3b97614df62_65e6018b-4e84-4931-876a-957a8f976fe4.pdf).

It-13 ta' Frar, 2026

10. Fraudulent claims

10.1. Where a fraudulent claim arises, the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works shall report the matter to the Police for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the said Minister reserves the right to recover funds paid in error. This also applies to undertakings that carry out an economic activity, especially with respect to the State Aid declaration. Applicants are to make sure that the information provided is correct.

11. Requests for revision of Authority's decisions

11.1. Where an applicant is informed that an application for a grant is refused or does not agree with the grant amount assigned for a given application, the applicant shall have the right to request a revision of the Authority's decision concerning the application concerned.

11.2. To exercise such right, the applicant shall present a request within 30 days from receipt of the Authority's decision, whether this is received via letter or email. Such request shall be sent, by mail or by email to the office of the Chief Executive Officer of the Authority, or to another office as delegates by the Chief Executive Officer and shall include an explanation of why the applicant does not agree with the Authority's decision, along with any applicable supporting documents.

11.3. The Chief Executive Officer of the Authority shall appoint an internal board composed of at least three (3) persons who are not involved in the processing of the grant applications. This board shall review the applicant's request, the original decision of the Authority, the original application and any other relevant documents and information and shall decide whether the Authority's decision shall be withheld or changed. The board shall present its decisions to the Chief Executive Officer, or to the office delegated by the Chief Executive Officer, who shall then communicate the final decision to the applicant.

12. Competent persons

12.1. An updated list of the persons who are approved by the Regulator for Energy and Water Services to carry out work, supervision and certification related to the use of LPG on motor vehicles may be obtained from the website of the Regulator for Energy and Water Services:

(http://downloads.rews.org.mt/files/1698667f-4dda-41a2-8dcd-c3b97614df62_65e6018b-4e84-4931-876a-957a8f976fe4.pdf).

13th February, 2026

Nru. 205

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Skema ta' Għotja għax-xiri ta' e-kickscooters elettriċi ġodda minn persuni

IL-MINISTERU għat-Trasport, l-Infrastruttura, u x-Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Transport Malta) qed jippubblika skema ta' għotja finanzjarja mmirata għal persuni residenti f'Malta sabiex tkompli tippromwovi l-użu ta' kick scooters elettriċi ġodda, minn hawn 'il quddiem imsejħin e-kickscooters.

L-għotja hija meqjusa li daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2026 u hija fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

L-għotjiet għar-reġistrazzjoni ta' e-kickscooters ġodda, għandhom jibqgħu fis-seħħ kif ġej sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sakemm il-baġit disponibbli jiġi eżawrit.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-fini ta' din l-għotja, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

1.1. 'Applikant' tfisser il-persuna residenti f'Malta li fuq isimha jiġi rreġistrat e-kickscooter ġdid u li tapplika għall-għotja taħt din l-iskema.

1.2. 'Applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għal għotja taħt din l-iskema.

1.3. 'E-kickscooter ġdid' tfisser e-kickscooter li qatt ma ġie rreġistrat qabel f'kwalunkwe pajjiż.

1.4. 'Kick scooter Elettriku' jew 'e-kickscooter' għandhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fir-Regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Mikromobbilità – L.S. 499.67.

1.5. 'Għotja' tfisser l-għotja li qed tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsima 4.

1.6. 'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin.

1.7. 'Persuna residenti f'Malta' tfisser persuna li jew ikollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta) jew li għandha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju għall-espatrijati fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

No. 205

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND PUBLIC WORKS

Grant Scheme, for the purchase of new electric kick scooters by individuals

THE Ministry for Transport, Infrastructure, and Public Works in conjunction with the Authority for Transport in Malta (Transport Malta) is publishing a financial grant scheme aimed at persons residing in Malta to further promote the uptake of new electric kick scooters, herein after referred to as e-kickscooters.

The grant is deemed to have come into effect as of the 1st of January 2026 and is on a first come first served basis.

The grants for the registration of new e-kickscooters, shall remain into force as follows until the 31st of December 2026 or until the available budget is exhausted.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of this grant, unless the context otherwise requires:

1.1. 'Applicant' means the person residing in Malta on whose name a new e-kickscooter is registered and who applies for the grant under this scheme.

1.2. 'Application' means the application made for a grant under this scheme.

1.3. 'New e-kickscooter' means an e-kickscooter which has never been registered in any country before.

1.4. 'Electric kick scooter' or 'e-kickscooter' have the same meaning as is assigned to them in Regulation 2 of the Micromobility Regulations – S.L. 499.67.

1.5. 'Grant' means the grant being given under this scheme to an applicant who satisfies the requirements of section 4.

1.6. 'Malta' means the Maltese islands.

1.7. 'Person residing in Malta' means a person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258 of the Laws of Malta) or who has a residence permit, or a letter issued from the expatriate office at the Ministry for Home Affairs, Security and Employment.

1.8. 'Reġistrazzjoni' tfisser ir-reġistrazzjoni tal-e-kickscooter skont ir-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Mikromobbilità, L.S.499.67.

1.9. 'Transport Malta' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1. L-iskema għal għotja finanzjarja għax-xiri ta' e-kickscooters ġodda, kif definit hawn fuq, tapplika għal kull persuna residenti f'Malta.

2.2. L-ammont tal-għotja maħruġ lill-applikanti għandu jammonta għal €150 għal kull e-kickscooter.

2.3. L-applikanti huma intitolati li jirċievu massimu ta' għotja waħda (1) taħt din l-iskema.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u dokumenti ta' sostenn

3.1. Applikazzjoni għal għotja taħt din l-iskema għandha ssir mill-applikant billi jissottometti l-formola tal-applikazzjoni VEH 078 flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni, dettalji u dokumenti meħtieġa fiha.

3.2. L-applikazzjonijiet għandhom ikollhom magħhom kopja taċ-ċertifikat maħruġ minn Transport Malta li jikkonferma min hu s-sid tal-e-kickscooter il-ġdid.

3.3. L-applikazzjonijiet bil-karta taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi mill-applikant matul il-ġranet u ħinijiet tax-xogħol applikabbli f'wieħed mill-uffiċċji ta' Transport Malta f'Malta u Għawdex, jew jiġu mibgħuta bil-posta skont l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta.

4. Eliġibbiltà

4.1. Biex ikun eliġibbli, applikant għandu jikkonforma mat-Taqsima 2.

4.2. Biex jikkwalifika għall-għotjiet, l-e-kickscooter għandu jkun ġdid u jkun ġie rreġistrat ma' Transport Malta wara l-1 ta' Jannar 2025.

5. Ħlas tal-Għotja

5.1. Meta applikant jikkwalifika għall-għotja, l-għotja għandha titħallas direttament f'kont bankarju miżmum biss jew b'mod konġunt mill-applikant, jew mill-konjuġi tal-applikant.

5.2. L-għotja mogħtija lix-xerrej ma għandhiex tiġi evalwata bħala dħul għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul.

1.8. 'Registration' means the registration of the e-kickscooter in accordance with Regulation 3 of the Micromobility Regulations, S.L.499.67.

1.9. 'Transport Malta' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499).

2. Area of Applicability

2.1. The scheme for a financial grant for the purchase of new e-kickscooters as defined above, applies to any person residing in Malta.

2.2. The grant amount issued to applicants shall amount to €150 per e-kickscooter.

2.3. Applicants are entitled to receive a maximum of one (1) grant under this scheme.

3. Manner of application and supporting documents

3.1. An application for a grant under this scheme shall be made by the applicant by submitting application form VEH 078 along with any information, details and documents required therein.

3.2. Applications shall be accompanied by a copy of the certificate issued by Transport Malta confirming ownership of the new e-kickscooter.

3.3. Paper applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant during the applicable working days and time at one of Transport Malta's offices in Malta and Gozo, or mailed according to the instructions available on the website of Transport Malta.

4. Eligibility

4.1. To be eligible, an applicant shall conform to Section 2.

4.2. To qualify for the grants, the e-kickscooter shall be new and have been registered with Transport Malta after the 1st of January 2025.

5. Payment of Grant

5.1. Where an applicant qualifies for the grant, the grant shall be paid directly to a bank account held solely or jointly by the applicant, or by the spouse of the applicant.

5.2. The grant given to the purchaser shall not be assessed as income for income tax purposes.

5.3. Vettura hija eliġibbli għal għotja waħda biss.

6. Validità tal-applikazzjoni

6.1. Applikazzjoni m'għandhiex titqies li ġiet sottomessa mill-applikant sakemm ma timteliex b'mod sħiħ u jkollha magħha d-dokumenti rilevanti kollha. Jekk l-applikazzjoni ma timteliex tajjeb u d-dokumenti rilevanti mhumiex inklużi, it-talba għall-għotja m'għandhiex tiġi pproċessata sakemm tingħata l-informazzjoni nieqsa. Transport Malta għandha tikteb lill-applikant biex tavżah dwar l-informazzjoni meħtieġa.

6.2. L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli għal xi telf ta' għotjiet jew opportunitajiet li jirriżultaw mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta.

7. Rifużjoni tal-għotja

7.1. Kwalunkwe e-kickscooter ġdid mixtri mill-applikant taħt din l-għotja għandu jibqa' rreġistrat f'isem l-applikant għal perjodu ta' mill-inqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni.

7.2. Jekk is-sid reġistrat ta' e-kickscooter li fuqu tkun inħarġet għotja taħt din l-iskema jittrasferixxi l-imsemmija vettura lil terza persuna, dik il-persuna għandha tħallas lura l-għotja li tkun irċeviet mingħand Transport Malta.

7.3. Ir-rifużjoni msemmija f'7.2 hawn fuq m'għandhiex tkun meħtieġa fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

7.3.1. Meta t-trasferiment imsemmi fih ikun trasferiment causa mortis lil werriet jew lil terz jew trasferiment inter vivos favur il-miżżewġin, axxendenti u kollaterali diretti.

7.3.2. Meta t-trasferiment jinvolvi e-kickscooter mixtri taħt din l-għotja li jiġi ddikjarat li ma jistax jissewwa wara inċident jew għal kwalunkwe raġuni oħra u jinbidel b'e-kickscooter ġdid, u li f'dan il-każ il-kundizzjonijiet relatati ma' din l-għotja għandhom jiġu trasferiti lill-e-kickscooter ġdid li jieħu post dak oriġinali. Ir-restrizzjoni ta' tliet snin tibda mid-data tar-reġistrazzjoni tal-e-kickscooter ġdid oriġinali.

7.3.3. Meta t-trasferiment jinvolvi e-kickscooter mixtri taħt din l-għotja li jintbagħat lura lill-aġent jew negozjant oriġinali għal kwalunkwe raġuni, u meta l-aġent jew negozjant jaċċetta li jibdel l-imsemmi e-kickscooter b'e-kickscooter ġdid, u li f'dan il-każ il-kundizzjonijiet relatati ma' din l-għotja għandhom jiġu trasferiti għall-e-kickscooter li jieħu post dak oriġinali. Ir-restrizzjoni ta' tliet snin tibda mid-data tar-reġistrazzjoni tal-e-kickscooter ġdid oriġinali.

7.4. Meta e-kickscooter mixtri taħt din l-għotja jiġi rritornat lill-aġent jew negozjant oriġinali għal kwalunkwe

5.3. A vehicle is only eligible for one grant.

6. Validity of application

6.1. An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided. Transport Malta shall write to the applicant, advising him of the information required.

6.2. The Authority shall not be held responsible for any loss of grants or opportunities resulting from the submission of an incomplete or incorrect application.

7. Refunding of grant

7.1. Any new e-kickscooter purchased by the applicant under this grant shall remain registered in the applicant's name for a period of at least thirty-six (36) months from the date of first registration.

7.2. If the registered owner of an e-kickscooter on which a grant has been issued under this scheme transfers the said vehicle to a third party, that person shall refund the grant received from Transport Malta.

7.3. The refund mentioned in 7.2 above shall not be required in the following circumstances:

7.3.1. When the transfer mentioned therein is a transfer causa mortis to an heir or to a third party or transfer inter vivos in favour of spouses, ascendants, and direct collaterals.

7.3.2. When the transfer involves an e-kickscooter purchased under this grant which is declared to be unrepairable following an accident or for any other reason and is replaced by a new e-kickscooter, in which case the conditions related to this grant shall be transferred to the new e-kickscooter replacing the original one. The three years restriction starts from the date of registration of the original new e-kickscooter.

7.3.3. When the transfer involves an e-kickscooter purchased under this grant which is returned to the original agent or dealer for any reason, and where the agent or dealer accepts to replace the said e-kickscooter with a new e-kickscooter, in which case the conditions related to this grant shall be transferred to the e-kickscooter replacing the original one. The three years restriction starts from the date of registration of the original new e-kickscooter.

7.4. When an e-kickscooter purchased under this grant is returned to the original agent or dealer for any reason, and the

raġuni, u l-aġent jew negozjant ma jibdlux b'e-kickscooter ġdid iżda jirrifondi lill-applikant bil-prezz kollu mħallas jew parti mill-prezz imħallas għall-e-kickscooter ġdid, l-applikant għandu jirrifondi parti mill-għotja riċevuta għall-vettura e-kickscooter skont il-perjodu li għadda mix-xiri tal-e-kickscooter u r-ritorn tiegħu lill-aġent, kif elenkat hawn taħt:

a) Inqas minn 12-il xahar: 75%.
b) Aktar minn 12-il xahar iżda inqas minn 24 xahar: 50%
c) Aktar minn 24 xahar iżda inqas minn 36 xahar: 25%.

8. Tul tal-iskema

8.1. Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom jiġu aċċettati sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sal-eżawriment tal-fondi allokati, sakemm ma jiġux modifikati jew mitmuma minn qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Minkejja dan, il-Gvern jista' jtemm jew jestendi l-iskema fi kwalunkwe ħin billi jagħti avviż minn qabel.

8.2. L-applikazzjonijiet li jaslu fi żmien l-iskadenza stipulata f'8.1 jistgħu jiġu pproċessati, approvati u mħallsa sal-31 ta' Diċembru 2027.

8.3. Il-fondi bbaġitjati għal din l-iskema jammontaw għal tlett mitt elf ewro (€300,000).

8.4. L-iskema tista' tiġġedded kif jitqies meħtieġ mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Emendi lill-iskema

9.1. Il-Ministru responsabbli għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għandu jkollu d-dritt li jagħmel kwalunkwe emenda għal din l-iskema permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Talbiet b'qerq

10.1. Meta tinqala' talba frawdolenti, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Pulizija biex jinbdew proċeduri kriminali. F'każ ta' ħlas ħażin ta' talba, l-imsemmi Ministru jirriserva d-dritt li jirkupra fondi mħallsa bi żball. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta hija korretta.

11. Talbiet għal reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità

11.1. Meta applikant jiġi infurmat li applikazzjoni għal għotja ġiet irrifjutata jew ma jaqbilx mal-ammont tal-għotja assenjata għal applikazzjoni partikolari, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jitlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni kkonċernata.

agent or dealer does not replace it with a new e-kickscooter but refunds the applicant with all or part of the price paid for the new e-kickscooter, the applicant shall refund part of the grant received for the e-kickscooter vehicle depending on the period elapsed from the purchase of the e-kickscooter and its return to the agent, as listed below:

a) Less than 12 months: 75%.
b) More than 12 months but less than 24 months: 50%.
c) More than 24 months but less than 36 months: 25%.

8. Duration of scheme

8.1. Applications under this scheme shall be accepted until the 31st of December 2026 or until the exhaustion of allocated funds, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. Notwithstanding, Government may terminate or extend the scheme at any time by giving prior notice.

8.2. Applications received within the deadline stipulated in 8.1 may be processed, approved, and paid out until 31st December 2027.

8.3. The budgeted funds for this scheme amount to three hundred thousand Euros (€300,000).

8.4. The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works by a Notice in the Government Gazette.

9. Amendments to the scheme

9.1. The Minister responsible for Transport, Infrastructure and Public Works shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

10. Fraudulent claims

10.1. Where a fraudulent claim arises, the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works shall report the matter to the Police for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the said Minister reserves the right to recover funds paid in error. Applicants are to make sure that the information provided is correct.

11. Requests for revision of Authority's decisions

11.1. Where an applicant is informed that an application for a grant is refused or does not agree with the grant amount assigned for a given application, the applicant shall have the right to request a revision of the Authority's decision concerning the application concerned.

11.2. Biex jeżerċita dan id-dritt, l-applikant għandu jippreżenta talba fi żmien 30 jum minn meta jirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità, kemm jekk din tasal permezz ta' ittra jew ta' email. Talba bħal din għandha tintbagħat, bil-posta jew bl-email, lill-uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità, jew lil uffiċċju ieħor skont kif delegat mill-Kap Eżekuttiv, u għandha tinkludi spjegazzjoni għaliex l-applikant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Awtorità, flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' sostenn applikabbli.

11.3. Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għandu jaħtar bord intern magħmul minn tal-anqas tliet (3) persuni li mhumiex involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għotja. Dan il-bord għandu jirrevedi t-talba tal-applikant, id-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorità, l-applikazzjoni oriġinali u kwalunkwe dokument u informazzjoni rilevanti oħra u għandu jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità għandhiex tinżamm jew tinbidel. Il-bord għandu jippreżenta d-deċiżjonijiet tiegħu lill-Kap Eżekuttiv, jew lill-uffiċċju ddelegat mill-Kap Eżekuttiv, li mbagħad għandu jikkomunika d-deċiżjoni finali lill-applikant.

It-13 ta' Frar, 2026

Nru. 206

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Għotjiet mill-Gvern għax-xiri ta' Vetturi Aċċessibbli għas-Siġġijiet tar-Roti biex jintużaw għat-Trasport ta' Passiġġieri b'Kiri jew b'Kumpens

IL-MINISTERU għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, qed joffri inċentiv f'forma ta' għotja finanzjarja għal-liċenzjar ta' vetturi ġodda aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti sabiex ikun offrut wieħed mis-servizzi msemmija fit-Taqsima 2 ta' dan id-dokument, sabiex persuni li jagħmlu użu minn siġġijiet tar-roti jkollhom aċċess faċli u mingħajr bżonn ta' għajnuna għal dawn is-servizzi ta' trasport.

Permezz ta' din l-iskema persuni li għandhom liċenzja biex joffru wieħed mis-servizzi msemmija fit-Taqsima 2 ta' dan id-dokument jistgħu jirċievu għotja li tammonta għal għaxart elef ewro (€10,000) meta jilliċenzjaw vettura ġdida li tkun aċċessibbli għas-siġġu tar-roti biex tintuża taħt dik il-liċenzja u fl-istess ħin ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura oħra fil-kategorija M1, jew N1 li jkollha mill-anqas għaxar (10) snin mis-sena tal-manifattura tagħha u li tkun irreġistrata f'isem l-applikant fil-jum tat-tneħħija mir-reġistrazzjoni.

L-iskema hija meqjusa li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026 u ser tkun implimentata fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. L-iskema tibqa' miftuħa sal-31 ta'

11.2. To exercise such right, the applicant shall present a request within 30 days from receipt of the Authority's decision, whether this is received via letter or email. Such request shall be sent, by mail or by email to the office of the Chief Executive Officer of the Authority, or to another office as delegates by the Chief Executive Officer and shall include an explanation of why the applicant does not agree with the Authority's decision, along with any applicable supporting documents.

11.3. The Chief Executive Officer of the Authority shall appoint an internal board composed of at least three (3) persons who are not involved in the processing of the grant applications. This board shall review the applicant's request, the original decision of the Authority, the original application and any other relevant documents and information and shall decide whether the Authority's decision shall be withheld or changed. The board shall present its decisions to the Chief Executive Officer, or to the office delegated by the Chief Executive Officer, who shall then communicate the final decision to the applicant.

13th February, 2026

No. 206

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND PUBLIC WORKS

Government Grant on the purchase of Wheelchair-Accessible Vehicles to be used for the Transport of Passengers for Hire or Reward

THE Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works, together with the Authority for Transport in Malta, is offering an incentive in the form of a financial grant for the licensing of new wheelchair-accessible vehicles to offer any of the services listed in Section 2 of this document, so that persons who make use of wheelchairs may have easy and unaided access to these transport services.

Through this scheme persons and undertakings that hold a licence to offer any of the services listed in Section 2 of this document may receive a grant amounting to ten thousand Euro (€10,000) when licensing a new vehicle which is wheelchair-accessible to be used under that licence, and at the same time de-register another M1, or N1 category vehicle which is at least ten (10) years old from its year of manufacture and which is registered on the applicant's name on the date of deregistration.

The scheme is deemed to have come into effect on the 1st of January 2026 and shall be implemented on a first come first served basis. The scheme shall remain open until the

Diċembru 2026, jew sakemm jiġi eżawrit il-baġit allokat għaliha li jammonta għal mija u ħamsin elf ewro (€150,000).

Il-kundizzjonijiet ta' din l-iskema huma bla preġudizzju għall-ħtiġijiet stipulati fir-regolamenti tas-servizzi tat-trasport imsemmija fit-Taqsima 2 ta' dan id-dokument, u dawn il-ħtiġijiet għandhom japplikaw dejjem sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Sidien li rreġistraw vettura aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti biex joffru wieħed mis-servizzi msemmija fit-Taqsima 2 ta' dan id-dokument fl-2025 u li ma bbenefikawx mill-iskema rispettiva ta' dik is-sena jew ta' xi sena preċedenti jistgħu japplikaw għal din l-iskema.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-finijiet ta' din l-iskema, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

1.1. 'Applikant' tfisser il-persuna jew l-impriża li tkun qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema u li, apparti li tkun residenti jew stabbilita f'Malta, ikollha liċenzja biex topera wieħed mis-servizzi msemmija fit-Taqsima 2 ta' dan id-dokument;

1.2. 'Applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għal għotja taħt din l-iskema;

1.3. 'Awtorità' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta stabbilita taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.4. 'Għotja' tfisser l-għotja li qiegħda tingħata taħt din l-iskema lix-xerrej ta' vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti sabiex tkun liċenzjata biex toffri wieħed mis-servizzi msemmija fit-Taqsima 2 ta' dan id-dokument;

1.5. 'Impriża stabbilita f'Malta' tfisser entità kummerċjali stabbilita f'Malta, inkluż persuna li taħdem għal rasha skont il-Liġi Nazzjonali, fondazzjoni jew soċjetà kooperattiva;

1.6. 'Impriża waħda' tinkludi, għall-finijiet ta' din l-iskema, l-intrapriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin:

a) intrapriża waħda li jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

b) intrapriża waħda li jkollha d-dritt li taħtar jew li tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' intrapriża oħra;

31st of December 2026, or until the allocated budget of one hundred and fifty thousand Euro (€150,000) is exhausted.

The conditions of this scheme are without prejudice to the requirements stipulated in the regulations for the transport services listed in Section 2 of this document; and such requirements shall always apply unless otherwise specified.

Owners who registered a wheelchair accessible vehicle to offer any of the services listed in Section 2 in 2025 but did not benefit from the respective grant scheme for that year or any previous year may still apply for this scheme.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of this scheme, unless the context otherwise requires:

1.1. 'Applicant' means the person or undertaking applying for the grant under this scheme and who, apart from residing or being established in Malta, holds a licence to operate any of the services listed in Section 2 of this document;

1.2. 'Application' means the application made for a grant under this scheme;

1.3. 'Authority' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499 of the Laws of Malta);

1.4. 'Grant' means the grant being given under this scheme to the purchaser of a wheelchair-accessible vehicle to be licensed to offer any of the services listed in Section 2 of this document;

1.5. 'Undertaking established in Malta' means a commercial entity established in Malta, including a self-employed person in accordance with National Law, a foundation, or a cooperative society;

1.6. 'Single Undertaking' means, for the purposes of this scheme, all enterprises having at least one of the following relationships with each other:

a) one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise;

b) one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

ċ) intrapriża waħda li jkollha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih flimkien ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni tal-memorandum jew statut ta' assoċjazzjoni tagħha;

d) intrapriża waħda, illi tkun azzjonista fi jew membru ta' intrapriża oħra, tikkontrolla waħidha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra fi jew membri ta' dik l-intrapriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-voti tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

L-intrapriżi li jkollhom waħda mir-relazzjonijiet imsemmijin fil-punti minn (a) sa (d) permezz ta' intrapriża waħda jew aktar, għandhom ukoll jitqiesu bħala impriża waħda;

1.7. 'Liċenzja' tfisser il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni li tinħareġ fuq vettura bil-mutur biex tkun tista' tinstaq fit-triq u li tkun trid tiġġedded kull sena;

1.8. 'Malta' tfisser il-Gżejjer Maltin;

1.9. 'Persuna' tfisser persuna fiżika;

1.10. 'Persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (KAP 258 tal-Liġijiet ta' Malta) jew li jkollha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

1.11. 'Sid reġistrat' tfisser il-persuna jew l-impriża li f'isimha vettura tkun ġiet irreġistrata mill-Awtorità;

1.12. 'Tneħħija mir-reġistrazzjoni' tfisser it-tneħħija permanenti ta' vettura bil-mutur mir-reġistrazzjoni tagħha mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u wara, dik il-vettura ma għandha qatt terġa' tiġi rreġistrata biex tintuża fit-triq f'Malta;

1.13. 'Vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti' tfisser vettura bil-mutur tal-kategorija M1 li tippermetti aċċess faċli u bla għajnuna lil persuni li jagħmlu użu minn siġġijiet tar-roti;

1.14. 'Vettura tal-Kategorija M1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' persuni u li tista' ġġorr mhux aktar minn tmien (8) passiġġieri minbarra s-sewwieq;

1.15. 'Vettura tal-Kategorija N1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li l-ogħla massa tagħha ma tkunx aktar minn tliet tunnellati u nofs (3.5);

1.16. 'Vettura bil-mutur ġdida' tfisser vettura bil-mutur li qatt ma ġiet irreġistrata qabel f'ebda pajjiż;

c) one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered with that enterprise or pursuant to a provision in its memorandum or articles of association;

d) one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (a) to (d) above through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking;

1.7. 'Licence' means the circulation licence issued on a motor vehicle to be driven on the road, and which is to be renewed annually;

1.8. 'Malta' means the Maltese Islands;

1.9. 'Person' means a natural person;

1.10. 'Person residing in Malta' means a natural person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (CAP 258 of the Laws of Malta) or who has a residence permit, or a letter issued from the expatriate office at the Ministry of Foreign Affairs;

1.11. 'Registered Owner' means the person or undertaking in whose name a motor vehicle is registered by the Authority;

1.12. 'De-registration' means the permanent removal of a motor vehicle from its registration with the Authority for Transport in Malta and thereafter, that motor vehicle shall never be registered again to be used on the road in Malta;

1.13. 'Wheelchair-accessible vehicle' means an M1 category motor vehicle that allows easy and unaided access to persons who make use of wheelchairs;

1.14. 'Category M1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons, and which may carry no more than eight (8) passengers in addition to the driver;

1.15. 'Category N1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding three and a half (3.5) tonnes;

1.16. 'New motor vehicle' means a motor vehicle which has never been registered in any country;

1.17. 'Vettura li tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser vettura bil-mutur tal-Kategorija M1, jew N1 li tneħħitilha r-reġistrazzjoni.

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1. L-iskema tapplika għal persuni li jkunu residenti f'Malta u l-impriżi kollha stabbiliti f'Malta, jekk dik il-persuna jew impriża jkollha liċenzja biex toffri wieħed minn dawn is-servizzi:

A. Servizz ta' Taxi skont ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (L.S. 499.59); jew

B. Servizz ta' Trasport skont ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (L.S.499.68).

2.2. Minbarra l-konformità mal-klawsola 2.1, sabiex ikun eliġibbli għal din l-għotja applikant għandu jkun is-sid reġistrat ta' vettura bil-mutur tal-kategorija M1, jew N1 li għandha mill-anqas għaxar (10) snin mis-sena tal-manifattura, li tkun irreġistrata f'isem l-applikant fil-jum tat-tneħħija mir-reġistrazzjoni, u li titneħħa mir-reġistrazzjoni.

2.3. Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat

Fil-każ ta' impriżi eliġibbli u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE, l-assistenza se tingħata skont wieħed mir-Regolamenti de minimis li ġejjin:

(a) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352/9, 24.12.2013), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/316 tal-21 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 51I, 22.2.2019), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/ 2014, (UE) Nru 1407/2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward ta' għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/3118 tal-10 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L, 2024/3118, 13.12.2024);

1.17. 'De-registered vehicle' means a Category M1 or N1 motor vehicle which has been de-registered.

2. Area of applicability

2.1. The scheme applies to persons residing in Malta and undertakings established in Malta, if that person or undertaking holds a licence to offer any of the following services:

A. Taxi services in accordance with the Taxi Services Regulations (S.L.499.59); or

B. Transport Services in accordance with the Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services Regulations (S.L.499.68).

2.2. In addition to compliance with clause 2.1, to be eligible for this grant an applicant shall also be the registered owner of a Category M1 or N1 motor vehicle which is at least ten (10) years old from the year of manufacture, which is registered on the applicant's name on the date of de-registration, and which is de-registered.

2.3. State aid Regulations.

In the case of grant applications under this scheme by undertakings that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, assistance will be provided in line with one of the following de minimis Regulations:

(a) For undertakings that are active in the primary production of agricultural products: Commission Regulation (EU) No. 1408/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 352/9, 24.12.2013), amended by Commission Regulation (EU) 2019/316 of 21 February 2019 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 51I, 22.2.2019), by Commission Regulation (EU) No 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023) and by Commission Regulation (EU) 2024/3118 of 10 December 2024 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L, 2024/3118, 13.12.2024);

(b) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 190/45, 28.6.2014), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/ 2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414/15, 9.12.2020), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2514 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (ĠU L 326, 21.12.2022) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/2014, (UE) Nru 1407/ 2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023);

(b) For undertakings that are active in the primary production of fishery and aquaculture products: Commission Regulation (EU) No. 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190/45, 28.6.2014), as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414/15, 9.12.2020), by Commission Regulation (EU) 2022/2514 of 14 December 2022 amending Regulation (EU) No 717/2014 as regards its period of application (OJ L 326, 21.12.2022) and by Commission Regulation (EU) No 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023);

c) Għal impriżi li huma attivi fis-setturi l-oħra kollha: Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis (ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023).

(c) For undertakings that are active in all other sectors: Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid (OJ L, 2023/2831, 15.12.2023).

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż il-limiti stabbiliti fir-Regolamenti de minimis applikabbli indikati hawn fuq. Skont l-attività tal-applikant, il-limiti de minimis huma kif ġej:

The total amount of de minimis aid granted to a single undertaking must not exceed the thresholds established in the applicable de minimis Regulation outlined above. The applicable de minimis thresholds are as follows:

(a) Għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż l-€50,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin;

(a) For undertakings active in the primary production of agricultural products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €50,000 over any period of three years;

(b) Għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż it-€30,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali;

(b) For undertakings active in the primary production of fishery and aquaculture products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €30,000 over any period of three fiscal years;

(c) Għall-impriżi l-oħra kollha, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis m'għandux jaqbeż it-€300,000 għal kull impriża waħda fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

(c) For all other undertakings, the total amount of de minimis aid shall not exceed €300,000 per single undertaking over any period of three years.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna kollha mill-Istat mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament de minimis inkluż dik riċevuta u/jew applikati għalihom minn kwalunkwe entità għajr Transport Malta fuq perjodu ta' tliet snin skont liema regolament de

This maximum threshold would include all State aid granted under this aid scheme and any other State aid measure granted under the de minimis Regulation including that received and/or applied for from any entity other than Transport Malta over a period of three years established according to the applicable de minimis Regulation. Any de

Minimis ikun jgħodd. Kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta li taqbeż il-limitu applikabbli stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

L-applikanti kollha li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE għandhom jimlew u jissottomettu, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni, formola ta' dikjarazzjoni de minimis iffirmata li tindika l-impriżi kollha li jiffurmaw parti mill-impriża waħda relatata mal-impriża applikanti, u kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta u/jew applikati għalihom mill-impriża waħda matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin skont ir-Regolament de minimis applikabbli. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata u kkonfermata wkoll minn awditur jew accountant bil-warrant.

Mill-1 ta' Jannar 2026, l-informazzjoni dwar l-għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831, għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru ċentrali tal-għajnuna de minimis.

L-informazzjoni li ġejja għandha ssir pubblika:

a) l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju,

b) l-ammont tal-għajnuna,

c) id-data tal-għoti,

d) l-istrument tal-għajnuna, u

e) is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

Dan ta' hawn fuq se japplika wkoll mill-1 ta' Jannar 2027 għall-għajnuna de minimis mogħtija f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013, kif emendat.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn

3.1. Wara li l-vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti tkun ġiet irreġistrata f'Malta, l-aġent jew l-applikant għandu jissottometti l-formola tal-applikazzjoni VEH 053 f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni stipulata fiha.

3.2. Il-lista t'hawn fuq hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dokumenti meħtieġa biex tkun irreġistrata l-vettura u biex tkun illiċenzjata taħt is-servizz tat-trasport applikabbli kif imsemmija fit-Taqsima 2 ta' dan id-dokument.

3.3. L-applikazzjonijiet bil-karta taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi mill-applikant matul il-ġranet u l-ħinijiet tax-xogħol

minimis aid received in excess of the established applicable threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

All applicants that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU are to fill in and submit, together with the application form, a signed de minimis declaration form indicating all undertakings forming part of the single undertaking related to the applicant undertaking, and any de minimis aid received and/or applied for by the single undertaking during the applicable three-year period established according to the applicable de minimis Regulation. This declaration shall also be signed and confirmed by a warranted auditor or accountant.

As of 1 January 2026, information on de minimis aid granted under this scheme in line with Commission Regulation (EU) 2023/2831, shall be made publicly available in the central de minimis aid register.

The following information shall be made public:

a) the identification of the beneficiary,

b) the aid amount,

c) the granting date,

d) the aid instrument, and

e) the sector involved on the basis of the statistical classification of economic activities in the Union ('NACE classification').

The above will also apply as of 1 January 2027 for de minimis aid awarded in line with Commission Regulation (EU) No 1408/2013, as amended.

3. Manner of application and supporting documents

3.1. After the wheelchair-accessible vehicle is registered in Malta, the applicant shall submit application form VEH 053 in compliance with any conditions stipulated therein.

3.2. The above list is without prejudice to any documents required to register the vehicle and to license it under the applicable transport service as listed in Section 2 of this document.

3.3. Paper applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant during the applicable working days and time at one

applikabbli f'wieħed mill-uffiċċji ta' Transport Malta f'Malta u Għawdex, jew jiġu mibgħuta bil-posta skont l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta.

4. Eliġibbiltà

4.1. Sabiex ikun eliġibbli, applikant għandu jkun konformi mat-Taqsima 2, u mal-kundizzjonijiet u r-regolamenti kollha relatati mas-servizz applikabbli kif imsemmi fit-Taqsima 2.

4.2. Biex tikkwalifika għall-għotja, vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti għandha tkun:

a) vettura bil-mutur ġdida tal-kategorija M1 meħtieġa sabiex toffri s-servizz applikabbli kif imsemmi fit-Taqsima 2; u

b) liċenzjata biex topera s-servizz applikabbli kif imsemmi fit-Taqsima 2 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tal-2026; u

c) manifatturata b'tali mod sabiex persuna li tuża siġġu tar-roti tkun tista' taċċessa l-vettura faċilment u mingħajr għajnuna, u tkun tista' tinġarr fil-vettura b'mod sikur; jew

d) Modifikata lokalment, hekk kif approvat mill-Unita Teknika tal-Awtorità, sabiex persuna li tuża siġġu tar-roti tkun tista' taċċessa l-vettura faċilment u mingħajr għajnuna, u tkun tista' tinġarr fil-vettura b'mod sikur.

4.3. Biex tikkwalifika, vettura bil-mutur li tkun se titneħħa mir-reġistrazzjoni jeħtieġ:

a) ikollha mill-anqas għaxar (10) snin fid-data meta ssir l-applikazzjoni, bl-età tiġi kkalkulata billi titnaqqas is-sena tal-manifattura tal-vettura murija fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura mis-sena li fiha tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni.

b) tkun liċenzjata f'isem l-applikant fid-data meta titneħħa mir-reġistrazzjoni, u fid-data meta tiġi rreġistrata l-vettura aċċessibbli għas-siġġu bir-roti l-ġdida, skont kif muri fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew kif ikkonfermat mill-Awtorità.

c) tkun ġiet mgħoddija ġo faċilità ta' trattament awtorizzata.

d) tkun tneħħiet mir-reġistrazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02) mhux qabel l-1 ta' Jannar 2025.

e) Vetturi mneħħija mir-reġistrazzjoni li jkunu bbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-L.S.65.24 ma jkunux eliġibbli għal din l-iskema ta' skrappjar.

of Transport Malta's offices in Malta and Gozo, or mailed according to the instructions available on the website of Transport Malta.

4. Eligibility

4.1. To be eligible, an applicant shall conform with Section 2, and with all conditions and regulations related to the applicable service as listed in Section 2.

4.2. To qualify for the grant, a wheelchair-accessible vehicle shall be:

a) a new M1 category motor vehicle required to offer the applicable service as listed in Section 2; and

b) licensed to operate the applicable services as listed in Section 2 by not later than 31st December 2026; and

c) manufactured in a way so that a person using a wheelchair may access the vehicle easily and unaided, and may be transported in the vehicle safely; or

d) modified locally, as approved by the Authority's Technical Unit, so that a person using a wheelchair may access the vehicle easily and unaided and may be transported in the vehicle safely.

4.3. To qualify, a motor vehicle that shall be de-registered shall:

a) have at least ten (10) years on the date of application, with the age being calculated by deducting the vehicle's year of manufacture shown on the vehicle's registration certificate from the year in which the application is submitted;

b) be licensed in the name of the applicant on the date when the vehicle is to be destructed, and on the date when the new Wheelchair Accessible Vehicle is registered, as shown on the vehicle's registration certificate, or as confirmed by the Authority;

c) have been transferred to an authorised treatment facility;

d) have been de-registered in terms of Part VIII of the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (S.L.368.02) not earlier than 1st January 2025;

e) Deregistered vehicles which had benefitted from the provisions of S.L.65.24 shall not be eligible for this scrappage scheme.

4.4. L-għotja li tingħata m'għandhiex titqies bħala dħul għall-finijiet ta' taxxa.

4.5. L-iskema se tkun limitata għal ħmistax-il (15) vettura eliġibbli fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

5. Ħlas tal-għotja

5.1. Meta applikant jikkwalifika għall-għotja, dik l-għotja titħallas direttament lill-applikant.

5.2. Il-ħlas isir biss jekk l-applikant ma jkunx laħaq il-limiti stabbiliti mir-Regolament de minimis kif stabbilit f'sezzjoni 2.3.

5.3. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu sostnuti b'evidenza li l-kont bankarju indikat għall-ħlas huwa miżmum, biss jew flimkien, mill-applikant jew minn konjuġi tal-applikant.

6. Validità tal-applikazzjoni

6.1. Applikazzjoni m'għandhiex titqies li tkun ġiet sottomessa mill-applikant sakemm ma tkunx imtliet b'mod sħiħ u jkollha magħha d-dokumenti rilevanti kollha. Jekk l-applikazzjoni ma timteliex tajjeb u d-dokumenti relevanti ma jkunux inklużi, it-talba għall-għotja ma tiġix proċessata sakemm tingħata l-informazzjoni nieqsa.

6.2. L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli għal xi telf ta' għotjiet jew opportunitajiet li jirriżultaw mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta.

7. Rifużjoni tal-għotja

7.1. Kwalunkwe vettura ġdida aċċessibbli għas-siġġu tar-roti mixtrija mill-applikant taħt din l-għotja għandha tibqa' rreġistrata f'isem l-applikant u użata biex toffri l-istess servizz kif elenkat fit-Taqsima 2 għal perjodu ta' mill-inqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni.

7.2. Jekk is-sid reġistrat ta' vettura ġdida aċċessibbli għas-siġġu tar-roti li fuqha tkun inħarġet għotja taħt din l-iskema jittrasferixxi l-imsemmija vettura lil terza persuna jew jilliċenzja l-vettura għall-użu privat qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi hawn fuq, allura dik il-persuna għandha tirrifondi l-għotja li rċeviet mingħand Transport Malta.

7.3. Ir-rifużjonijiet imsemmija f'7.2. hawn fuq m'għandhomx ikunu meħtieġa fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

7.3.1. Meta t-trasferiment imsemmi fih ikun trasferiment causa mortis lil werriet jew lil terza persuna.

4.4. The grant given shall not be assessed as income for tax purposes.

4.5. The scheme will be limited to fifteen (15) eligible vehicles on a first-come-first-served basis.

5. Payment of Grant

5.1. Where an applicant qualifies for the grant, such grant shall be paid directly to that applicant.

5.2. Payment shall be affected only if the applicant would not have reached the limit established in the de minimis Regulation as specified in section 2.3.

5.3. Applications shall be supported by evidence that the bank account indicated for payment is held, solely or jointly, by the applicant or by a spouse of the applicant.

6. Validity of application

6.1. An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided.

6.2. The Authority shall not be held responsible for any loss of grants or opportunities resulting from the submission of an incomplete or incorrect application.

7. Refunding of grant

7.1. Any new wheelchair-accessible vehicle purchased by the applicant under this grant shall remain registered in the applicant's name and used to offer the same service as listed in Section 2 for a period of at least thirty-six (36) months from the date of first registration.

7.2. If the registered owner of a new wheelchair-accessible vehicle on which a grant has been issued under this scheme transfers the said vehicle to a third party or licences the vehicle for private use before the expiry of the above-mentioned period, then that person shall refund the grant received from Transport Malta.

7.3. The refund mentioned in 7.2. above shall not be required in the following circumstances:

7.3.1. When the transfer mentioned therein is a transfer causa mortis to an heir or to a third party.

7.3.2. Meta t-trasferiment jinvolvi vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti mixtrija taħt din l-għotja li tkun iddikjarata li ma tistax tissewwa wara inċident jew għal kwalunkwe raġuni oħra u tinbidel b'vettura ġdida aċċessibbli għas-siġġu tar-roti tal-istess mudell jew mudell ekwivalenti, f'dan il-każ il-kundizzjonijiet relatati ma' din l-għotja għandhom jiġu trasferiti għall-vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti li tieħu post dik oriġinali.

7.3.2. When the transfer involves a wheelchair-accessible vehicle purchased under this grant which is declared to be unrepairable following an accident or for any other reason and is replaced by a new wheelchair-accessible vehicle of the same or equivalent model, in which case the conditions related to this grant shall be transferred to the wheelchair-accessible vehicle replacing the original one.

7.3.3. Meta t-trasferiment jinvolvi vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti mixtrija taħt din l-għotja li tiġi ritornata lill-aġent jew negozjant oriġinali għal kwalunkwe raġuni, u fejn l-aġent jew negozjant jaċċetta li jibdel l-imsemmija vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti b'vettura ġdida aċċessibbli għas-siġġu tar-roti tal-istess mudell jew mudell ekwivalenti, f'dan il-każ il-kundizzjonijiet relatati ma' din l-għotja għandhom jiġu trasferiti għall-vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti li tieħu post dik oriġinali.

7.3.3. When the transfer involves a wheelchair-accessible vehicle purchased under this grant which is returned to the original agent or dealer for any reason, and where the agent or dealer accepts to replace the said wheelchair-accessible vehicle with a new wheelchair-accessible vehicle of the same or equivalent model, in which case the conditions related to this grant shall be transferred to the wheelchair-accessible vehicle replacing the original one.

7.3.4. Meta impriża titneħħa minn ġewwa impriża waħda u l-vettura tiġi trasferita għal impriża oħra fi ħdan l-istess impriża waħda.

7.3.4. When an undertaking is struck off from within a single undertaking and the vehicle is transferred to another undertaking within the same single undertaking.

7.4. Meta vettura aċċessibbli għas-siġġu tar-roti mixtrija taħt din l-għotja tiġi rritornata lill-aġent jew negozjant oriġinali għal kwalunkwe raġuni, u l-aġent jew negozjant ma jibdilhiex b'vettura ġdida aċċessibbli għas-siġġu tar-roti iżda jirrifondi lill-applikant bil-prezz imħallas kollu jew parti minnu mħallas għall-vettura l-ġdida aċċessibbli għas-siġġu tar-roti, jew jibdilha ma' vettura mhux aċċessibbli għas-siġġu tar-roti, l-applikant għandu jirrifondi parti mill-għotja riċevuta għall-vettura l-ġdida aċċessibbli għas-siġġu tar-roti skont il-perjodu li għadda mix-xiri tal-vettura u r-ritorn tagħha lill-aġent, kif elenkat hawn taħt:

7.4. When a wheelchair-accessible vehicle purchased under this grant is returned to the original agent or dealer for any reason, and the agent or dealer does not replace it with a new wheelchair-accessible vehicle but refunds the applicant with all or part of the price paid for the new wheelchair-accessible vehicle, or replaces it with a non-wheelchair-accessible vehicle, the applicant shall refund part of the grant received for the new wheelchair-accessible vehicle depending on the period elapsed from the purchase of the vehicle and its return to the agent, as listed below:

1. Inqas minn 12-il xahar: 75%.

1. Less than 12 months: 75%.

2. Aktar minn 12-il xahar iżda inqas minn 24 xahar: 50%.

2. More than 12 months but less than 24 months: 50%.

3. Aktar minn 24 xahar iżda inqas minn 36 xahar: 25%.

3. More than 24 months but less than 36 months: 25%.

8. Tul ta' żmien tal-iskema

8. Duration of scheme

8.1. Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom jiġu aċċettati sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sal-eżawriment tal-fondi bbaġitjati, sakemm ma tiġix modifikata jew mitmuma minn qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Minkejja dan, il-Gvern jista' jtemm jew jestendi l-iskema fi kwalunkwe ħin billi jagħti avviż minn qabel.

8.1. Applications under this scheme shall be accepted until the 31st of December 2026 or until the exhaustion of allocated funds, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. Notwithstanding, Government may terminate or extend the scheme at any time by giving prior notice.

8.2. L-applikazzjonijiet li jaslu fi żmien l-iskadenza stipulata f'8.1 jistgħu jiġu pproċessati, approvati u mħallsa sal-31 ta' Diċembru 2027.

8.2. Applications received within the deadline stipulated in 8.1 may be processed, approved, and paid out until 31st December 2027.

8.3. L-iskema tista' tiġġedded kif jidhirlu li jkun meħtieġ mill-Ministru permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.3. The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister by a Notice in the Government Gazette.

9. Emendi lill-iskema

9.1. Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għandu d-dritt li jagħmel kwalunkwe emendi lil din l-iskema permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Talbiet b'qerq

10.1. Meta tinqala' talba frawdolenti, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Pulizija biex jinbdew proċeduri kriminali. F'każ ta' ħlas ħażin ta' talba, il-Ministru responsabbli għat-Trasport jirriżerva d-dritt li jirkupra fondi mħallsa bi żball. Dan japplika wkoll għal impriżi li jwettqu attività ekonomika, speċjalment fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-Għajnuna mill-Istat. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta hija korretta.

10.2. Transport Malta tirriserva d-dritt li tagħmel il-kontrolli u tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fir-rigward tas-Sid Benefiċjarju Aħħari (UBO) sabiex tikkonferma l-konformità mar-regolamenti kollha relevanti.

11. Talbiet għal reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità.

11.1. Meta applikant jiġi infurmat li applikazzjoni għal għotja ġiet irrifjutata jew ma jaqbilx mal-ammont tal-għotja assenjata għal applikazzjoni partikolari, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jitlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni kkonċernata.

11.2. Biex jeżerċita dan id-dritt, l-applikant għandu jippreżenta talba fi żmien tletin (30) jum minn meta jirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità, kemm jekk din tasal permezz ta' ittra jew ta' email. Talba bħal din għandha tintbagħat bil-posta jew bl-email lill-uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità, jew lil uffiċċju ieħor skont kif delegat mill-Kap Eżekuttiv, u għandha tinkludi spjegazzjoni għaliex l-applikant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Awtorità, flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' sostenn applikabbli.

11.3. Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għandu jaħtar bord intern magħmul minn tal-anqas tliet (3) persuni li mhumiex involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għotja. Dan il-bord għandu jirrevedi t-talba tal-applikant, id-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorità, l-applikazzjoni oriġinali u kwalunkwe dokument u informazzjoni rilevanti oħra u għandu jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità għandhiex tinżamm jew tinbidel. Il-bord għandu jippreżenta d-deċiżjonijiet tiegħu lill-Kap Eżekuttiv, jew lill-uffiċċju delegat mill-Kap Eżekuttiv, li mbagħad għandu jikkomunika d-deċiżjoni finali lill-applikant.

It-13 ta' Frar, 2026

9. Amendments to the scheme

9.1. The Minister for Transport, Infrastructure and Public Works has the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

10. Fraudulent claims

10.1. Where a fraudulent claim arises, the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works shall report the matter to the Police for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the Minister responsible for Transport reserves the right to recover funds paid in error. This also applies to undertakings that carry out an economic activity, especially with respect to State Aid regulations. Applicants are to make sure that the information provided is correct.

10.2. Transport Malta reserves the right to carry out any necessary checks and actions based on the information provided in respect of the Ultimate Beneficiary Owner (UBO) to confirm compliance with all relevant regulations.

11. Requests for revision of Authority's decisions

11.1. Where an applicant is informed that an application for a grant is refused or does not agree with the grant amount assigned for a given application, the applicant shall have the right to request a revision of the Authority's decision concerning the application concerned.

11.2. To exercise such right, the applicant shall present a request within 30 days from receipt of the Authority's decision, whether this is received via letter or email. Such request shall be sent, by mail or by email to the office of the Chief Executive Officer of the Authority, or to another office as delegated by the Chief Executive Officer and shall include an explanation of why the applicant does not agree with the Authority's decision, along with any applicable supporting documents.

11.3. The Chief Executive Officer of the Authority shall appoint an internal board composed of at least three (3) persons who are not involved in the processing of the grant applications. This board shall review the applicant's request, the original decision of the Authority, the original application and any other relevant documents and information and shall decide whether the Authority's decision shall be upheld or changed. The board shall present its decisions to the Chief Executive Officer, or to the office delegated by the Chief Executive Officer, who shall then communicate the final decision to the applicant.

13th February, 2026

Nru. 207

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Skema ta' għotjiet tal-Gvern li tippromwovi t-tagħmir ta' vetturi bil-mutur u trailers b'apparat għat-tnaqqis tal-emissjonijiet

Il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, qed iniedi skema ta' għotja ta' flus immirata għal persuni residenti f'Malta, kunsilli lokali, organizzazzjonijiet volontarji, u impriżi stabbiliti f'Malta sabiex jinċentiva t-tagħmir bl-apparati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li ġejjin:

Pannelli Fotovoltajċi approvati fuq vetturi heavy-duty u trailers biex jitnaqqsu l-konsum tal-fjuwil u l-emissjoni tad-Dijossidu tal-Karbonju (CO2); u

Sistemi ta' propulsjoni elettrika tal-batterija fuq vetturi li jeliminaw l-emissjonijiet mit-tailpipe.

Din hija miżura oħra tal-baġit favur l-ambjent immirata biex tkompli tnaqqas l-emissjonijiet mit-traffiku fit-toroq.

L-ammonti tal-għotja għandhom ivarjaw skont it-tip ta' apparat u l-kategorija tal-vettura kkonċernata, kif indikat fl-Anness I.

L-iskema meqjusa li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026 u tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2026, jew sakemm il-baġit allokat ta' għoxrin elf ewro (€20,000) ikun eżawrit.

Applikanti li għammru l-vettura tagħhom b'xi wieħed mill-apparati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet eliġibbli fl-2025 iżda ma bbenefikawx minn skema simili jistgħu japplikaw ukoll għal din l-għotja.

L-għotjiet f'din l-iskema għandhom jiġu assenjati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-finijiet ta' din l-iskema, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

1.1. 'Applikant' tfisser il-persuna residenti f'Malta, kunsill lokali, organizzazzjoni volontarja jew impriża stabbilita f'Malta li tkun qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema u li tkun sid irreġistrat ta' vettura mgħammra b'wieħed mill-apparati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet eliġibbli;

No. 207

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND PUBLIC WORKS

Government grant scheme to promote the retrofitting of emission reduction devices on motor vehicles and trailers

The Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works in conjunction with the Authority for Transport in Malta, is launching a grant scheme aimed at persons residing in Malta, local councils, voluntary organisations, and undertakings established in Malta to incentivise the retrofit of the following emission reduction devices:

Approved Photovoltaic Panels on heavy-duty vehicles and trailers to reduce the fuel consumption and emission of Carbon Dioxide (CO2); and

Battery electric powertrains on motor vehicles to eliminate tailpipe emissions.

This is another environment-friendly budget measure aimed at further reducing emissions from road traffic.

The grant amounts shall vary depending on the type of retrofit and vehicle category concerned, as indicated in Annex I.

The scheme is effective as of 1st of January 2026 and closes on the 31st of December 2026, or until the allocated budget of twenty thousand Euro (€20,000) is exhausted.

Applicants who installed any of the eligible emission reduction devices on their vehicles in 2025 but did not benefit from a similar scheme, may also apply for this grant.

The grants in this scheme shall be assigned on a first-come-first-served basis.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purposes of the scheme, unless the context otherwise requires:

1.1. 'Applicant' means the person residing in Malta, local councils, voluntary organisation, or undertaking established in Malta applying for the grant under this scheme and who is the registered owner of a vehicle retrofitted with any of the eligible emission reduction devices;

1.2. 'Applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għal għotja taħt din l-iskema;

1.3. 'Ċertifikat tat-tagħmir' tfisser iċ-ċertifikat maħruġ minn persuna kompetenti wara li vettura tkun ġiet mgħammra b'apparat għat-tnaqqis tal-emissjonijiet;

1.4. 'Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni tal-Vettura' tfisser iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni ta' vettura maħruġ minn Transport Malta li jiċċertifika li l-vettura bil-mutur jew trailer hija rreġistrata u f'isem min hija rreġistrata l-vettura;

1.5. 'Għotja' tfisser l-għotja li qiegħda tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-taqsima 4;

1.6. 'Produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura' tfisser l-operazzjonijiet kollha relatati mas-sajd, it-trobbija jew il-kultivazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, kif ukoll attivitajiet f'azjenda agrikola jew abbord meħtieġa għall-preparazzjoni tal-ewwel bejgħ ta' prodott tal-annimali jew tal-ħxejjex, inkluż it-tqattigħ, l-iffilittjar jew l-iffriżar, u l-ewwel bejgħ lil rivendituri jew lil proċessuri;

1.7. 'Impriża stabbilita f'Malta' tfisser kwalunkwe kumpanija kummerċjali inklużi sħubijiet irreġistrati f'Malta, jew persuna li taħdem għal rasha skont il-Liġi Nazzjonali, jew soċjetà kooperattiva;

1.8. 'Impriża waħda' tinkludi, għall-finijiet ta' din l-iskema, l-intrapriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin:

a) intrapriża waħda li jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

b) intrapriża waħda li jkollha d-dritt taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' intrapriża oħra;

c) intrapriża waħda li jkollha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih flimkien ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni tal-memorandum jew statut ta' assoċjazzjoni tagħha;

d) intrapriża waħda, li tkun azzjonista fi jew membru ta' intrapriża oħra, tikkontrolla waħidha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra fi jew membri ta' dik l-intrapriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-voti tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

L-intrapriżi li jkollhom waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) t'hawn fuq permezz ta' intrapriża waħda jew aktar, għandhom ukoll jitqiesu bħala impriża waħda;

1.2. 'Application' means the application made for a grant under this scheme;

1.3. 'Certificate of installation' means the certificate issued by a competent person after carrying out the installation of an emission reduction device on a vehicle;

1.4. 'Vehicle Registration Certificate' means the vehicle registration certificate issued by Transport Malta providing proof of registration of the motor vehicle or trailer and in whose name the vehicle is registered;

1.5. 'Grant' means the grant being given under this scheme to an applicant who satisfies the requirements of section 4;

1.6. 'Primary production of fishery and aquaculture products' means all operations relating to the fishing, rearing or cultivation of aquatic organisms, as well as on-farm or on-board activities necessary for preparing an animal or plant for the first sale, including cutting, filleting or freezing, and the first sale to resellers or processors;

1.7. 'Undertaking established in Malta' means any commercial company including partnerships registered in Malta, or a self-employed person in accordance with National Law, or a cooperative society;

1.8. 'Single undertaking' means, for the purposes of this scheme, all enterprises having at least one of the following relationships with each other:

a) one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise;

b) one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

c) one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered with that enterprise or pursuant to a provision in its memorandum or articles of association;

d) one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (a) to (d) above through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking;

1.9. 'Kunsill Lokali' tfisser Gvern Lokali kif imfisser fl-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.10. 'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

1.11. 'Organizzazzjoni Volontarja' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (KAP 492 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.12. 'Pannelli Fotovoltajċi Approvati' tfisser apparat li jittrasforma l-enerġija tad-dawl f'elettriku, li huwa ddisinjat speċifikament biex jiġi installat fuq vetturi heavy-duty, u li huwa approvat għal dan il-għan minn Transport Malta skont it-Taqsima 3(i);

1.13. 'Persuna Kompetenti' tfisser il-persuna li hija impjegata jew ingaġġata minn installatur approvat, u li hija approvata biex tinstalla apparat li jnaqqas l-emissjonijiet fuq vetturi mill-manifattur tal-istess apparat;

1.14. 'Persuna residenti f'Malta' tfisser persuna li jew ikollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti tal-Identità oħra (Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta) jew li għandha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijati fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol;

1.15. 'Prodotti agrikoli' tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

1.16. 'Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura' tfisser il-prodotti definiti fl-Artikolu 5, il-punti (a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013;

1.17. 'Sid Reġistrat' tfisser il-persuna li f'isimha vettura tkun ġiet irreġistrata minn Transport Malta;

1.18. 'Sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji' tfisser l-assemblaġġ ta' komponenti li jimbuttaw vettura 'l quddiem billi jiġbed l-enerġija elettrika mill-batteriji u jittrażmettiha lill-mutur/i elettriku/ċi, li mbagħad jittrażmetti enerġija rotazzjonali lir-roti fuq l-art;

1.19. 'Trailer' tfisser vettura tal-Kategorija O3 jew O4;

1.20. 'Transport Malta' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta stabbilita bl-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (KAP 499 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.21. 'Vettura bil-mutur' tfisser vettura tal-Kategorija L jew M1 jew M2 jew M3 jew N1 jew N2 jew N3 jew SP1;

1.9. 'Local Council' means a Local Government as defined in the Local Government Act (Cap. 363 of the Laws of Malta);

1.10. 'Malta' means the islands of Malta;

1.11. 'Voluntary Organisation' has the same meaning given to it in the Voluntary Organisations Act (CAP 492 of the Laws of Malta);

1.12. 'Approved Photovoltaic Panels' means a device that transforms light energy into electricity, which is specifically designed to be installed on heavy-duty vehicles, and which is approved for this purpose by Transport Malta pursuant to Section 3(i);

1.13. 'Competent Person' means the person who is employed or engaged by an approved installer, and who is approved to install emission reduction devices on vehicles by the manufacturer of the same devices;

1.14. 'Person residing in Malta' means a person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258 of the Laws of Malta) or who has a residence permit, or a letter issued from the expatriate office at the Ministry for Home Affairs, Security and Employment;

1.15. 'Agricultural products' means products listed in Annex I to the Treaty, with the exception of fishery and aquaculture products falling within the scope of Regulation (EC) No 1379/2013 of the European Parliament and of the Council;

1.16. 'Fishery and Aquaculture Products' means the products defined in Article 5, points (a) and (b) of Regulation (EU) No 1379/2013;

1.17. 'Registered Owner' means the person in whose name a motor vehicle or trailer is registered by Transport Malta;

1.18. 'Battery Electric Powertrain' means the assembly of components that pushes a vehicle forward by extracting electrical power from the batteries and transmitting it to the electrical motor/s, which in turn transmits rotational energy to the wheels on the ground;

1.19. 'Trailer' means a category O3 or O4 vehicle;

1.20. 'Transport Malta' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (CAP. 499 of the Laws of Malta);

1.21. 'Motor Vehicle' means a Category L or M1 or M2 or M3 or N1 or N2 or N3 or SP1 vehicle;

1.22. 'Vettura bil-mutur ICE' tfisser vettura bil-mutur li hija mħaddma minn magna tal-kombustjoni interna;

1.23. 'Vettura heavy-duty' tfisser vettura tal-Kategorija M2 jew M3 jew N2 jew N3;

1.24. 'Vettura tal-Kategorija L' tfisser vettura b'żewġ jew tliet roti jew kwadriċikli li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli, kif emendati;

1.25. 'Vettura tal-Kategorija M1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' passiġġieri, li tinkludi mhux aktar minn tmien (8) sedili minbarra s-sedil tas-sewwieq;

1.26. 'Vettura tal-Kategorija M2' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' persuni li tinkludi aktar minn tmien (8) sedili minbarra dak tas-sewwieq, u li għandha massa massima li ma taqbiżx il-ħames (5) tunnellati;

1.27. 'Vettura tal-Kategorija M3' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' persuni li tinkludi aktar minn tmien (8) sedili minbarra dak tas-sewwieq, u li għandha massa massima ta' aktar minn ħames (5) tunnellati;

1.28. 'Vettura tal-Kategorija N1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha massa massima li ma taqbiżx it-tliet tunnellati u nofs (3.5);

1.29. 'Vettura tal-Kategorija N2' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha massa massima li ma taqbiżx is-seba' tunnellati u nofs (7.5);

1.30. 'Vettura tal-Kategorija N3' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha massa massima ta' aktar minn tnax-il (12) tunnellata;

1.31. 'Vettura tal-Kategorija O3' tfisser karru jew semi-karru b'massa massima li taqbeż it-tliet tunnellati u nofs (3.5) tunnellati iżda li ma taqbiżx l-għaxar (10) tunnellati;

1.32. 'Vettura tal-Kategorija O4' tfisser karru jew semi-karru b'massa massima li taqbeż l-għaxar (10) tunnellati;

1.33. 'Vettura tal-Kategorija SP1' tfisser vettura bi skop speċjali tal-Kategorija N3 li għandha karatteristiċi tekniċi speċifiċi li jippermettulha twettaq funzjoni li teħtieġ arranġamenti jew tagħmir speċjali.

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1. L-iskema għall-għotja finanzjarja għat-tagħmir ta' apparati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fuq vettura bil-mutur u trailers tapplika għal kull persuna residenti f'Malta, kunsill

1.22. 'ICE Motor Vehicle' means a motor vehicle that is powered by an internal combustion engine;

1.23. 'Heavy-duty vehicle' means a Category M2 or M3 or N2 or N3 vehicle;

1.24. 'Category L vehicle' means a two- or three-wheel vehicle or quadricycles falling within the scope of Regulation (EU) No. 168/2013 of the European Parliament and Council of 15 January 2013 on the approval and market surveillance of two- or three-wheel vehicles and quadricycles, as amended;

1.25. 'Category M1 vehicle' means a motor vehicle used for carriage of passengers, comprising not more than eight (8) seats in addition to the driver's seat;

1.26. 'Category M2 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons comprising more than eight (8) seats in addition to the driver's seat and having a maximum mass not exceeding five (5) tonnes;

1.27. 'Category M3 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons comprising more than eight (8) seats in addition to the driver's seat and having a maximum mass exceeding five (5) tonnes;

1.28. 'Category N1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding 3.5 tonnes;

1.29. 'Category N2 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding seven and a half (7.5) tonnes, and with a surface area of at least;

1.30. 'Category N3 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass exceeding seven and a half (7.5) tonnes;

1.31. 'Category O3 vehicle' means a trailer or semi-trailer with a maximum mass exceeding 3,5 tonnes but not exceeding 10 tonnes;

1.32. 'Category O4 vehicle' means a trailer or semi-trailer with a maximum mass exceeding 10 tonnes;

1.33. 'Category SP1 vehicle' means a special purpose vehicle of Category N3 having specific technical features that enable it to perform a function that requires special arrangements or equipment;

2. Area of applicability

2.1. The scheme for a financial grant for the installation of emission reduction devices on motor vehicles and trailers applies to any person residing in Malta, local

lokali, organizzazzjoni volontarja, jew impriża stabbilita f'Malta.

2.2. L-iskema tippermetti taħlita ta' tagħmir ta' apparat fuq l-istess vettura jew vetturi differenti tal-istess applikant.

2.3. Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jikkonċernaw vetturi bi skop speċjali, il-kundizzjonijiet applikabbli għandhom jikkorrispondu għal dawk applikabbli għall-vetturi tal-Kategorija N b'massa massima permissibbli simili għal dik tal-vettura bi skop speċjali kkonċernata.

2.4. Għotja għat-tagħmir b'Pannelli Fotovoltajċi Approvati.

L-applikant irid ikun is-sid irreġistrat ta' vettura heavy-duty jew trailer li:

(i) Fil-każ ta' vettura heavy-duty, tkun irreġistrata ma', u liċenzjata minn, Transport Malta f'isem l-applikant fid-data tat-tagħmir u fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja;

(ii) Fil-każ ta' trailer, ikun irreġistrat ma' Transport Malta f'isem l-applikant fid-data tal-installazzjoni u fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja;

(iii) Tkun ġiet mgħammra b'pannelli fotovoltajċi approvati; u

(iv) Tkun ġie mgħammra minn persuna kompetenti.

2.5. Għotja għat-tagħmir b'sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji approvata.

L-applikant irid ikun is-sid irreġistrat ta' vettura bil-mutur li:

(i) Tkun irreġistrata ma', u liċenzjata minn, Transport Malta f'isem l-applikant fid-data tat-tagħmir u fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja;

(ii) Tkun ġiet mgħammra b'sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batterija skont kif approvat minn Transport Malta; u

(iii) Tkun ġiet mgħammra minn persuna kompetenti.

2.6. Regolamenti dwar l-Għajnuna mill-Istat.

Fil-każ ta' impriżi eliġibbli u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, il-assistenza se tingħata f'konformità ma' wieħed mir-Regolamenti de minimis li ġejjin.

council, voluntary organisation, or undertaking established in Malta.

2.2. The scheme allows a mix and match of retrofitting on the same or different vehicles owned by the same applicant.

2.3. In the case of applications concerning special purpose vehicles, the applicable conditions shall correspond to those applicable to the Category N vehicles with similar maximum permissible mass to that of the special purpose vehicle concerned.

2.4. Grant for the installation of Approved Photovoltaic Panels.

The applicant must be the registered owner of a heavy-duty vehicle or trailer which:

(i) In the case of a heavy-duty vehicle, is registered with, and licensed by, Transport Malta in the name of the applicant on the date of installation and on the date of submission of application for the grant.

(ii) In the case of a trailer, is registered with Transport Malta in the name of the applicant on the date of installation and on the date of submission of application for the grant.

(iii) Has been equipped with approved photovoltaic panels; and

(iv) Had the installation carried out by a competent person.

2.5. Grant for the installation of an Approved Battery Electric Powertrain.

The applicant must be the registered owner of a motor vehicle which:

(i) Is registered with, and licensed by, Transport Malta in the name of the applicant on the date of retrofitting and on the date of submission of application for the grant.

(ii) Has been retrofitted with a battery electric powertrain as approved by Transport Malta.

(iii) Has the retrofitting by a competent person.

2.6. State Aid Regulations.

In the case of eligible undertakings and voluntary organisations that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, assistance will be provided in line with one of the following de minimis Regulations:

a) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352/9, 24.12.2013), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/316 tal-21 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 51I, 22.2.2019), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/ 2014, (UE) Nru 1407/2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/3118 tal-10 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L, 2024/3118, 13.12.2024);

(a) For undertakings that are active in the primary production of agricultural products: Commission Regulation (EU) No. 1408/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 352/9, 24.12.2013), as amended by Commission Regulation (EU) 2019/316 of 21 February 2019 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 51I, 22.2.2019), by Commission Regulation (EU) No 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023) and by Commission Regulation (EU) 2024/3118 of 10 December 2024 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L, 2024/3118, 13.12.2024);

b) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 190/45, 28.6.2014), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/ 2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414/15, 9.12.2020), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2514 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (ĠU L 326, 21.12.2022) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/2014, (UE) Nru 1407/ 2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023);

(b) For undertakings that are active in the primary production of fishery and aquaculture products: Commission Regulation (EU) No. 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190/45, 28.6.2014), as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414/15, 9.12.2020), by Commission Regulation (EU) 2022/2514 of 14 December 2022 amending Regulation (EU) No 717/2014 as regards its period of application (OJ L 326, 21.12.2022) and by Commission Regulation (EU) No 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023);

c) Għal impriżi li huma attivi fis-setturi l-oħra kollha: Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis (ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023).

(c) For undertakings that are active in all other sectors: Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid (OJ L, 2023/2831, 15.12.2023).

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż il-limiti stabbiliti fir-Regolamenti de minimis applikabbli indikati hawn fuq. Skont l-attività tal-applikant, il-limiti de minimis huma kif ġej:

(a) Għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż l-€50,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin;

(b) Għal impriżi jew organizzazzjonijiet volontarji attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż it-€30,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali;

(c) Għall-impriżi l-oħra kollha, l-ammont totali tal-għajnuna de minimis m'għandux jaqbeż it-€300,000 għal kull impriża waħda fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna kollha mill-Istat mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat implimentata f'konformità mar-Regolament de minimis inkluż dik riċevuta u/jew applikata għaliha minn kwalunkwe entità Maltija għajr Transport Malta fuq perjodu ta' tliet snin kif applikabbli. Kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta li taqbeż il-limitu applikabbli stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

L-applikanti kollha li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE għandhom jimlew u jibagħtu, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni, formola ta' dikjarazzjoni de minimis iffirmata li tindika kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta u/jew applikata għaliha mill-impriża unika matul il-perjodu ta' referenza applikabbli ta' tliet snin. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għandha tinkludi dettalji dwar għajnuna de minimis riċevuta u/jew applikata għaliha mill-impriżi kollha li jiffurmaw parti mill-impriża waħda relatata mal-impriża applikanti. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata u kkonfermata wkoll minn awditur jew accountant bil-warrant.

Mill-1 ta' Jannar 2026, l-informazzjoni dwar l-għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831, għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru ċentrali tal-għajnuna de minimis.

L-informazzjoni li ġejja għandha ssir pubblika:

a) l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju,
b) l-ammont tal-għajnuna,
c) id-data tal-għoti,
d) l-istrument tal-għajnuna, u

The total amount of de minimis aid granted to a single undertaking must not exceed the thresholds established in the applicable de minimis Regulation outlined above. The applicable de minimis thresholds are as follows:

(a) For undertakings active in the primary production of agricultural products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €50,000 over any period of three years.

(b) For undertakings active in the primary production of fishery and aquaculture products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €30,000 over any period of three fiscal years.

(c) For all other undertakings, the total amount of de minimis aid shall not exceed €300,000 per single undertaking over any period of three years.

This maximum threshold would include all State aid granted under this aid scheme and any other State aid measure implemented in line with the de minimis rule including that received from or applied for with any Maltese entity other than Transport Malta over a period of three years as applicable. Any de minimis aid received in excess of the established applicable threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

All applicants that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU are to fill in and submit, together with the application form, a signed de minimis declaration form indicating any de minimis aid received and/or applied for by the single undertaking during the applicable three-year reference period. The information to be provided shall include details regarding de minimis aid received and/or applied for, by all undertakings forming part of the single undertaking related to the applicant undertaking. This declaration shall also be signed and confirmed by a warranted auditor or accountant.

As of 1 January 2026, information on de minimis aid granted under this scheme in line with Commission Regulation (EU) 2023/2831, shall be made publicly available in the central de minimis aid register.

The following information shall be made public:

a) the identification of the beneficiary,
b) the aid amount,
c) the granting date,
d) the aid instrument, and

e) is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

Dan ta' hawn fuq se japplika wkoll mill-1 ta' Jannar 2027 għall-għajnuna de minimis mogħtija f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013, kif emendat.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn

3.1. Applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi.

3.1.1. Impriża li tixtieq tibda toffri s-servizz ta' installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi fuq vetturi heavy-duty u/jew trailers għandha tippreżenta talba bil-miktub lil Transport Malta f'dan ir-rigward, flimkien mal-informazzjoni li ġejja:

(a) Il-mudell jew mudelli ta' pannelli fotovoltajċi u kwalunkwe tagħmir relatat li l-impriża għandha l-ħsieb li tibda tinstalla;

(b) Dokumentazzjoni teknika pprovduta mill-manifattur tal-pannelli li turi kif dawn il-pannelli u t-tagħmir kollu relatat jistgħu jiġu installati b'mod sigur fuq vetturi heavy-duty u/jew trailers u kif din l-installazzjoni tista' tnaqqas il-konsum tal-fjuwil u l-impatt ambjentali tal-vetturi kkonċernati;

(c) Istruzzjonijiet ta' installazzjoni pprovduti mill-manifattur tal-pannelli;

(d) Id-dettalji tal-persuna jew persuni kompetenti li l-impriża biħsiebha timpjega jew tingaġġa għall-installazzjoni ta' dawn il-pannelli, flimkien ma' approvazzjoni bil-miktub għal kull tali persuna maħruġa mill-manifattur tal-pannelli fotovoltajċi.

3.1.2. Transport Malta għandha tipproċessa dawn it-talbiet u, fejn applikabbli, toħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni lill-applikant għall-installazzjoni tal-pannelli fotovoltajċi proposti fuq vetturi heavy-duty u/jew trailers. Transport Malta tirriżerva d-dritt li tillimita din l-approvazzjoni għal kategoriji jew mudelli speċifiċi ta' vetturi.

3.2. Applikazzjonijiet għall-għotja għat-tagħmir b'Pannelli Fotovoltajċi Approvati.

3.2.1. Applikazzjoni għal għotja għat-tagħmir b'pannelli fotovoltajċi approvati għandha ssir mis-sid reġistrat tal-vettura li tkun ġiet mgħammra b'pannelli fotovoltajċi approvati billi jissottometti l-formola tal-applikazzjoni VEH 072 f'konformità mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fiha.

e) the sector involved on the basis of the statistical classification of economic activities in the Union ('NACE classification').

The above will also apply as of 1 January 2027 for de minimis aid awarded in line with Commission Regulation (EU) No 1408/2013, as amended.

3. Manner of application and supporting documents

3.1. Applications for approval of photovoltaic panels.

3.1.1. An undertaking wishing to start offering the service of installation of photovoltaic panels on heavy-duty vehicles and/or trailers shall present a written request to Transport Malta in this regard, along with the following information:

(a) The model or models of photovoltaic panels and any related equipment that the undertaking intends to start installing.

(b) Technical documentation provided by the manufacturer of the panels proving how these panels and all related equipment can be installed safely on heavy-duty vehicles and/or trailers and how such installation can reduce the fuel consumption and environmental impact of the vehicles concerned.

(c) Installation instructions provided by the manufacturer of the panels.

(d) The details of the competent person or persons that the undertaking intends to employ or engage for the installation of these panels, along with written approval for each such person issued by the manufacturer of the photovoltaic panels.

3.1.2. Transport Malta shall process such requests and, where applicable, issue the applicant with an approval certificate for the installation of the proposed photovoltaic panels on heavy-duty vehicles and/or trailers. Transport Malta reserves the right to limit such approval to specific categories or models of vehicles.

3.2. Applications for grants for the installation of approved Photovoltaic Panels

3.2.1. An application for a grant for the installation of approved Photovoltaic Panels shall be made by the registered owner of the vehicle on which the approved photovoltaic panels have been installed by submitting application form VEH 072 in compliance with all conditions stipulated therein.

3.2.2. L-applikazzjoni għandha tiġi ffirmata mill-applikant u kontrofirmata u ttimbrata mill-persuna kompetenti, u għandhom jiġu ppreżentati magħha d-dokumenti li ġejjin:

(a) Kopja taċ-ċertifikat tal-installazzjoni maħruġ mill-persuna kompetenti;

(b) Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura (il-logbook);

3.3. Applikazzjonijiet għall-għotja għat-tagħmir b'sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji

3.3.1. Persuna jew impriża li tixtieq tinstalla sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji fuq vettura bil-mutur għandha tippreżenta lil Transport Malta proposta teknika dettaljata mħejjija u ffirmata minn inġinier mekkaniku bil-warrant u inġinier elettriku bil-warrant, u fil-proposta għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja:

(a) dettalji sħaħ tal-vettura u s-sistema ta' propulsjoni oriġinali ICE;

(b) dettalji sħaħ tal-mutur, batterija, katina ta' trazzjoni elettrika u s-sistema ta' vultaġġ għoli konnessa galvanikament, u kwalunkwe komponenti relatati u/jew konnessi;

(c) dettalji sħaħ tal-metodoloġija tal-installazzjoni skont ir-regoli rilevanti tal-UE u/jew tal-UNECE, u appoġġjati fost oħrajn minn ċirkwiti, dijagrammi, u ritratti kif meħtieġ;

(d) dettalji sħaħ u prova ta' kompetenza teknika u kompetenza tal-persuna kompetenti, flimkien ma' approvazzjoni bil-miktub għal dik il-persuna maħruġa mill-inġinier mekkaniku bil-warrant u l-inġinier elettriku bil-warrant li ffirmaw il-proposta teknika.

Transport Malta għandha tevalwa l-proposta teknika sottomessa u twieġeb lill-applikant bl-approvazzjoni jew rifjut jew talba għal kjarifika u/jew aktar informazzjoni tagħha. Transport Malta tirriżerva d-dritt li tillimita kwalunkwe approvazzjoni għal kategoriji jew mudelli speċifiċi ta' vetturi.

3.3.2. Applikazzjoni għal għotja għat-tagħmir b'sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji approvat skont il-klawsola 3.3.1 għandha ssir mis-sid reġistrat tal-vettura li tkun ġiet mgħammra bis-sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji billi jissottometti l-formola tal-applikazzjoni VEH 048 f'konformità mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fiha.

3.3.3. L-applikazzjoni għandha tiġi ffirmata mill-applikant u kontrofirmata u ttimbrata mill-persuna kompetenti, u għandha jkollha magħha d-dokumenti li ġejjin:

3.2.2. Applications shall be signed by the applicant, and countersigned and stamped by the competent person, and shall be accompanied by the following documents:

(a) A copy of the certificate of installation issued by the competent person;

(b) A copy of the vehicle's registration certificate (logbook).

3.3. Applications for grants for the installation of a Battery Electric Powertrain

3.3.1. A person or an undertaking wishing to retrofit a battery electric powertrain on a motor vehicle shall present Transport Malta with a detailed technical proposal prepared and signed by a warranted mechanical engineer and a warranted electrical engineer, which shall include the following information:

(a) full details of the vehicle and the original ICE powertrain;

(b) full details of the motor, battery, electric traction chain and galvanically connected high-voltage rail, and any related and/or connected components;

(c) full details of the installation methodology in accordance with the relevant EU and/or UNECE regulations, and supported amongst others by circuitry, diagrams, and photos as necessary;

(d) full details and proof of technical expertise and competence of the competent person, along with written approval for such person issued by the warranted mechanical engineer and the warranted electric engineer who signed the technical proposal.

Transport Malta shall evaluate the submitted technical proposal and revert to the applicant with its approval or rejection or request for clarification and/or further information. Transport Malta reserves the right to limit any approval to specific categories or models of vehicles.

3.3.2. An application for a grant for the installation of a battery electric powertrains as approved in clause 3.4.1 shall be made by the registered owner of a motor vehicle on which such battery electric powertrain has been retrofitted by submitted application form VEH 048 in compliance with all conditions stipulated therein.

3.3.3. Applications shall be signed by the applicant, and countersigned and stamped by the competent person, and shall be accompanied by the following documents:

(a) Kopja tal-approvazzjoni maħruġa minn Transport Malta għat-tagħmir ta' sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji fuq il-vettura bil-mutur;

(b) Kopja taċ-ċertifikat tat-tagħmir maħruġ, iffirmat u ttimbrat mill-persuna kompetenti u l-inġiniera mekkaniċi u elettriċi bil-warrant li pproponew it-tagħmir;

(c) Ċertifikat tat-test tal-VRT maħruġ fi żmien tletin (30) jum mid-data tat-tagħmir tas-sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji fuq il-vettura bil-mutur;

(d) Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura (logbook).

3.4. Applikazzjonijiet imressqa minn Impriżi stabbiliti f'Malta jew Organizzazzjonijiet Volontarji li jwettqu Attività Ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

L-applikazzjonijiet kollha mibgħuta minn Impriżi stabbiliti f'Malta jew Organizzazzjonijiet Volontarji li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE għandhom jinkludu wkoll il-formola tad-Dikjarazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat VEH 71, iffirmata mill-applikant u kontrofirmata minn awditur jew accountant bil-warrant.

3.5. Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet taħt din l-iskema

L-applikazzjonijiet bil-karta taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi mill-applikant matul il-ġranet u ħinijiet tax-xogħol applikabbli f'wieħed mill-uffiċċji ta' Transport Malta f'Malta u Għawdex, jew jiġu mibgħuta bil-posta skont l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-Sit ta' Transport Malta.

4. Eliġibbilità

4.1. Biex ikun eliġibbli, applikant għandu jkun konformi mat-Taqsima 2.

4.2. Biex tikkwalifika, il-vettura:

(a) għandha tkun irreġistrata f'isem l-applikant fid-data li fiha ssir l-installazzjoni u fid-data tal-applikazzjoni għall-għotja;

(b) għandha tkun mgħammra b'apparat għat-tnaqqis tal-emissjonijiet eliġibbli installat minn persuna kompetenti.

4.3. Transport Malta tirriżerva d-dritt li tispezzjona vetturi wara li jkunu ġew mgħammra b'apparat li jnaqqas l-emissjonijiet, u qabel l-approvazzjoni tal-għotja relatata. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jiffukaw fuq is-sigurtà tal-installazzjoni u l-impatt tagħha fuq is-sigurtà u l-funzjoni ġenerali tal-vettura kkonċernata.

(a) A copy of the approval issued by Transport Malta for the retrofitting of a battery electric powertrain on the motor vehicle;

(b) A copy of the certificate of retrofitting issued, signed and stamped by the competent person and the warranted mechanical and electrical engineers who proposed the retrofitting;

(c) A VRT test certificate issued within thirty (30) days from the date of retrofitting of the battery electric powertrain on the motor vehicle;

(d) A copy of the vehicle's registration certificate (logbook).

3.4. Applications submitted by Undertakings established in Malta or Voluntary Organisations carrying out an Economic Activity within the meaning of Article 107 TFEU.

All applications submitted by Undertakings established in Malta or Voluntary Organisations carrying out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU shall also include the State Aid Declaration form VEH 71, signed by applicant and counter signed by a warranted auditor or accountant.

3.5. Submission of applications under this scheme

Paper applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant during the applicable working days and time at one of Transport Malta's offices in Malta and Gozo, or mailed according to the instructions available on the website of Transport Malta.

4. Eligibility

4.1. To be eligible, an applicant shall conform with Section 2.

4.2. To qualify, the vehicle:

(a) shall be registered in the applicant's name on the date of installation and date of submission of application for the grant;

(b) shall be equipped with an eligible emission reduction device installed by a competent person.

4.3. Transport Malta reserves the right to inspect vehicles following the installation of emission reduction devices, and prior to the approval of the related grant. Such inspection shall focus on the safety of the installation and its impact on the overall safety and function of the concerned vehicle.

4.4. Applikant ikun intitolat għal massimu ta':

(a) erbgħin (40) għotjiet taħt din l-iskema għat-tagħmir ta' vetturi b'pannelli fotovoltajċi approvati; u

(b) għotja waħda (1) taħt din l-iskema għat-tagħmir ta' vettura b'sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji.

5. Ħlas tal-Għotja

5.1. Meta applikant jikkwalifika għall-għotja, l-għotja titħallas direttament lill-applikant.

5.2. L-għotja li tingħata lil sid irreġistrat ta' vettura li tkun ġiet mgħammra b'apparat għat-tnaqqis tal-emissjonijiet m'għandhiex tkun stmata bħala dħul għal skopijiet ta' taxxa fuq id-dħul.

6. Validità tal-applikazzjoni

6.1. Applikazzjoni m'għandhiex titqies li ġiet sottomessa mill-applikant sakemm ma tkunx mimlija b'mod sħiħ u jkollha magħha d-dokumenti rilevanti kollha. Jekk l-applikazzjoni ma timteliex b'mod korrett u d-dokumenti rilevanti mhumiex inklużi, it-talba għall-għotja m'għandhiex tiġi pproċessata sakemm ma tingħatax l-informazzjoni nieqsa.

6.2. L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli għal xi telf ta' għotjiet jew opportunitajiet li jirriżultaw mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta.

7. Rifużjoni tal-għotja jekk it-tagħmir jitneħħa jew jiġi diżattivat.

Sid irreġistrat ta' vettura li fuqha tkun inħarġet għotja taħt din l-iskema għandu jkun obbligat li jirrifondi din l-għotja lill-Awtorità jekk, f'perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar mid-data tat-tagħmir tal-apparat li jnaqqas l-emissjonijiet:

(a) is-sid jagħmel talba lil Transport Malta biex jitneħħew il-pannelli fotovoltajċi; jew

(b) ikun ippruvat li dan l-apparat jew ikun tneħħa, jew ikun ġie diżattivat bi kwalunkwe mod, jew ma kienx qed jintuża kif xieraq.

8. Tul ta' żmien tal-iskema

8.1. Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom jiġu aċċettati sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sal-eżawriment tal-fondi bbaġitjati, sakemm ma jiġux modifikati jew mitmuma minn qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Minkejja dan, il-Gvern jista' jtemm jew jestendi l-iskema fi kwalunkwe ħin billi jagħti avviż minn qabel.

4.4. An applicant shall be entitled for a maximum of:

(a) forty (40) grants under this scheme for the retrofit of approved photovoltaic panels; and

(b) one (1) grant under this scheme for the retrofit of a battery electric powertrain.

5. Payment of Grant

5.1. Where an applicant qualifies for the grant, the grant shall be paid directly to the applicant.

5.2. The grant given to the registered owner of a vehicle on which an emission reduction device has been installed shall not be assessed as income for income tax purposes.

6. Validity of application

6.1. An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided.

6.2. The Authority shall not be held responsible for any loss of grants or opportunities resulting from the submission of an incomplete or incorrect application.

7. Refund of grant if the retrofitting is removed or disabled.

The registered owner of a vehicle on which a grant has been issued under this scheme shall be obliged to refund such grant to the Authority if, within a period of at least thirty-six (36) months from the date of the installation of an emissions reduction device:

a) the owner makes a request to Transport Malta to have the device removed; or

b) it is proven that the device was either removed, or disabled in any way, or was not being used appropriately.

8. Duration of scheme

8.1. Applications under this scheme shall be accepted until the 31st of December 2026 or until the exhaustion of budgeted funds, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. Notwithstanding, Government may terminate or extend the scheme at any time by giving prior notice.

8.2. L-iskema tista' tiġġedded kif jitqies meħtieġ mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.3. L-applikazzjonijiet li jaslu fi żmien l-iskadenza stipulata f'8.1 jistgħu jiġu proċessati, approvati u mħallsa sal-31 ta' Diċembru 2027.

9. Emendi għall-iskema

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi jista' jagħmel kull emenda għal din l-iskema permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Talbiet b'qerq

10.1. Meta tinqala' talba frawdolenti, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Pulizija biex jinbdew proċeduri kriminali. F'każ ta' ħlas ħażin ta' talba, il-Ministru responsabbli għat-Trasport jirriżerva d-dritt li jirkupra fondi mħallsa bi żball. Dan japplika wkoll għal impriżi u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika, speċjalment fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-Għajnuna mill-Istat. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta hija korretta.

10.2. Transport Malta tirriserva d-dritt li tagħmel il-kontrolli u tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fir-rigward tas-Sid Benefiċjarju Aħħari (UBO) sabiex tikkonferma l-konformità mar-regolamenti kollha relevanti.

11. Talbiet għal reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità

11.1. Meta applikant jiġi infurmat li applikazzjoni għal għotja ġiet irrifjutata jew ma jaqbilx mal-ammont tal-għotja assenjata għal applikazzjoni partikolari, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jitlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni kkonċernata.

11.2. Biex jeżerċita dan id-dritt, l-applikant għandu jippreżenta talba fi żmien 30 jum minn meta jirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità, kemm jekk din tasal permezz ta' ittra jew ta' email. Talba bħal din għandha tintbagħat, bil-posta jew bl-email lill-uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità, jew lil uffiċċju ieħor skont kif delegat mill-Kap Eżekuttiv, u għandha tinkludi spjegazzjoni għaliex l-applikant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Awtorità, flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' sostenn applikabbli.

11.3. Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għandu jaħtar bord intern magħmul minn tal-anqas tliet (3) persuni li mhumiex involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għotja. Dan il-bord għandu jirrevedi t-talba tal-applikant, id-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorità, l-applikazzjoni oriġinali u kwalunkwe

8.2. The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works by a Notice in the Government Gazette.

8.3. Applications received within the deadline stipulated in 8.1 may be processed, approved, and paid out until 31st December 2027.

9. Amendments to the scheme

The Minister for Transport, Infrastructure and Public Works may make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

10. Fraudulent claims

10.1. Where a fraudulent claim arises, the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works shall report the matter to the Police for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the Minister responsible for Transport reserves the right to recover funds paid in error. This also applies to undertakings and voluntary organisations that carry out an economic activity, especially with respect to State Aid regulations. Applicants are to make sure that the information provided is correct.

10.2. Transport Malta reserves the right to carry out any necessary checks and actions based on the information provided in respect of the Ultimate Beneficiary Owner (UBO) to confirm compliance with all relevant regulations.

11. Requests for revision of Authority's decisions

11.1. Where an applicant is informed that an application for a grant is refused or does not agree with the grant amount assigned for a given application, the applicant shall have the right to request a revision of the Authority's decision concerning the application concerned.

11.2. To exercise such right, the applicant shall present a request within 30 days from receipt of the Authority's decision, whether this is received via letter or email. Such request shall be sent, by mail or by email to the office of the Chief Executive Officer of the Authority, or to another office as delegates by the Chief Executive Officer and shall include an explanation of why the applicant does not agree with the Authority's decision, along with any applicable supporting documents.

11.3. The Chief Executive Officer of the Authority shall appoint an internal board composed of at least three (3) persons who are not involved in the processing of the grant applications. This board shall review the applicant's request, the original decision of the Authority, the original application

dokument u informazzjoni rilevanti oħra u għandu jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità għandhiex tinżamm jew tinbidel. Il-bord għandu jippreżenta d-deċiżjonijiet tiegħu lill-Kap Eżekuttiv, jew lill-uffiċċju ddelegat mill-Kap Eżekuttiv, li mbagħad għandu jikkomunika d-deċiżjoni finali lill-applikant.

Anness I

1. Għotja għat-tagħmir b'Pannelli Fotovoltajċi Approvati.

L-ammont tal-għotja għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi approvati għandu jkun ugwali għal 80% tal-ispejjeż tal-investiment meħtieġa, iżda ma jaqbiżx il-limiti murija fit-tabella t'hawn taħt:

Kategorija tal-Vettura	**Ammont Massimu tal-Għotja**
M2 – Minibuses N2 – Trakkijiet żgħar O3 –Trailers żgħar	€500
M3 – Xarabanks u kowċis N3 – Trakkijiet O4 – Trailers	€1000

Tabella I.1 – Ammont massimu tal-għotja għat-tagħmir b'pannelli fotovoltajċi approvati

2. Għotja għat-tagħmir b'sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji

L-ammont tal-għotja għat-tagħmir b'sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji għandu jkun ugwali għal 80% tal-ispejjeż tal-investiment meħtieġa, iżda ma jaqbiżx il-limiti murija fit-tabella t'hawn taħt:

Kategorija tal-Vettura	**Ammont Massimu tal-Għotja**
L – Muturi, mopeds, triċikli u kwadriċikli	€5,000
M1 – Karozzi N1 – Vannijiet	€20,000
M2 – Minibuses N2 – Trakkijiet żgħar	€40,000
M3 – Kowċis u xarabanks N3 – Trakkijiet	€80,000

Tabella I.2 – Ammont massimu tal-għotja għat-tagħmir b'sistema ta' propulsjoni elettrika tal-batteriji.

and any other relevant documents and information and shall decide whether the Authority's decision shall be withheld or changed. The board shall present its decisions to the Chief Executive Officer, or to the office delegated by the Chief Executive Officer, who shall then communicate the final decision to the applicant.

Annex I

1. Grant for the retrofitting of approved Photovoltaic Panels.

The grant amount for the installation of approved photovoltaic panels shall be equal to 80% of the investment costs required, but not exceeding the limits shown in table below:

Vehicle Category	**Maximum Grant Amount**
M2 – Minibuses N2 – Small Trucks O3 – Small Trailers	€500
M3 – Buses and Coaches N3 – Trucks O4 – Trailers	€1000

Table I.1 – Maximum grant amounts for the retrofitting of approved Photovoltaic panels.

2. Grant for the retrofitting of approved Battery Electric Powertrains

The grant amount for the retrofitting of battery electric powertrains shall be equal to 80% of the investment costs required, but not exceeding the limits shown in table below:

Vehicle Category	**Maximum Grant Amount**
L – Motorcycles, mopeds, tricycles and quadricycles	€5,000
M1 – Cars N1 – Vans	€20,000
M2 – Minibuses N2 – Small Trucks	€40,000
M3 – Coaches and buses N3 – Trucks	€80,000

Table I.2 – Maximum grant amounts for the retrofitting of battery electric powertrains.

Nru. 208

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Skema ta' Għotja mill-Gvern, inkluża Skema ta' Skrappjar, għax-xiri ta' Muturi ġodda tal-Kategorija L li jaħdmu bil-Petrol għal Persuni

Il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura, u x-Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Transport Malta) qed jippubblika skema ta' għotjiet finanzjarji immirata lejn persuni li jgħixu f'Malta.

L-iskema għandha l-għan li tnaqqas l-għadd ta' vetturi bil-mutur konvenzjonali aktar qodma mit-triq u hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan id-dokument. L-għotja għandha tappoġġja x-xiri ta' mopeds, muturi, triċikli u kwadriċikli ġodda li jaħdmu bil-petrol.

L-għotja tinkludi skema ta' skrappjar maħsuba biex tipprovdi aktar appoġġ finanzjarju lill-applikanti li, waqt li jixtru u jirreġistraw Mutur ġdid tal-Kategorija L li jaħdem bil-petrol, ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura tal-kategorija L, M1 jew N1 li jkollha aktar minn 10 snin mis-sena tal-manifattura tagħha.

L-iskema hija meqjusa li daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2026 u hija fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Din l-iskema għandha tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sakemm il-baġit allokat ikun eżawrit, sakemm ma tkunx modifikata jew mitmuma qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-finijiet ta' din l-għotja, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

1.1. 'applikant' tfisser il-persuna residenti f'Malta li tapplika għall-għotja taħt din l-iskema, u li hija x-xerrej ta' Mutur ġdid tal-Kategorija L li jaħdem bil-petrol kif definit hawn taħt;

1.2. 'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni magħmula għal għotja jew għotjiet taħt din l-iskema;

1.3. 'bejjiegħ' tfisser aġent jew negozjant kif definit taħt din l-iskema;

1.4. 'ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura' tfisser iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura maħruġ minn Transport Malta li jipprovdi prova tar-reġistrazzjoni tal-vettura bil-

No. 208

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND PUBLIC WORKS

Government Grant Scheme, including Scrappage Scheme, for the purchase of New Category L Petrol Motorcycles for Persons

The Ministry for Transport, Infrastructure, and Public Works in conjunction with the Authority for Transport in Malta (Transport Malta) is publishing a financial grant scheme aimed at persons residing in Malta.

The scheme aims at reducing the number of older conventional motor vehicles from the road and is subject to the conditions stipulated in this document. The grant shall support the purchase of new mopeds, motorcycles, tricycles, and quadricycles powered by petrol.

The grant includes a scrappage scheme intended to provide further financial support to applicants who, while purchasing and registering a new Category L Petrol Motorcycle, deregister a vehicle in category L, M1 or N1 which is older than 10 years from its year of manufacture.

The scheme is deemed to have come into effect as of the 1st of January 2026 and is on a first come first served basis. This grant shall remain in force until the 31st of December 2026 or until the allocated budgeted funds are exhausted unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of this grant, unless the context otherwise requires:

1.1. 'applicant' means the person residing in Malta applying for the grant under this scheme, and is the purchaser of a Category L Petrol Motorcycle as defined hereunder;

1.2. 'application' means the application made for a grant or grants under this scheme;

1.3. 'seller' means an agent or dealer as defined under this scheme;

1.4. 'vehicle registration certificate' means the vehicle registration certificate issued by Transport Malta providing proof of registration of the motor vehicle in accordance with

mutur skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur skont il-liġijiet ta' Malta (Kap. 368);

1.5. 'għotja' tfisser l-għotja li tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-taqsima 4;

1.6. 'l-ewwel reġistrazzjoni' għandha tinkludi r-reġistrazzjoni ta' vettura għall-ewwel darba f'isem persuna residenti f'Malta fejn il-vettura kkonċernata kienet reġistrata għall-ewwel darba f'Malta;

1.7. 'Malta' tfisser il-Gżejjer Maltin;

1.8. 'Mutur ġdid tal-Kategorija L li jaħdem bil-petrol tfisser vettura tal-Kategorija L li qatt ma ġiet irreġistrata f'xi pajjiż u li hija mmexxija minn magna ta' kombustjoni interna li taħdem bil-petrol;

1.9. 'negozjant' jew 'aġent' tfisser persuna jew entità awtorizzata li timporta, tbigħ jew tixtri vetturi bil-mutur

1.10. 'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna li jew għandha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta) jew li għandha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju għall-espatrijati fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi;

1.11. 'sid irreġistrat' tfisser il-persuna li f'isimha tkun reġistrata vettura mill-Awtorità;

1.12. 'tneħħija mir-reġistrazzjoni' tfisser, għall-finijiet ta' din l-skema, it-tneħħija permanenti ta' vettura mir-reġistrazzjoni tagħha minn mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u wara, dik il-vettura ma għandha qatt terġa' tiġi reġistrata biex tintuża fit-triq f'Malta;

1.13. 'Transport Malta' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499);

1.14. 'Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha mill-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460), u tinkludi n-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein;

1.15. 'vettura li tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser vettura tal-Kategorija L, M1 jew N1 li tneħħitilha r-reġistrazzjoni;

1.16. 'vettura tal-Kategorija L' tfisser vettura b'żewġ jew tliet roti jew kwadriċikli li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli, kif emendat.

the Motor Vehicles Registration and Licensing Act under the laws of Malta (Cap. 368);

1.5. 'grant' means the grant given under this scheme to an applicant who satisfies the requirements of section 4;

1.6. 'first registration' shall include the registration of a vehicle for the first time in the name of a person residing in Malta where the vehicle concerned was registered for the first time in Malta;

1.7. 'Malta' means the Maltese Islands;

1.8. 'new Category L Petrol Motorcycle' means a Category L vehicle which has never been registered in any country and which is propelled by an internal combustion engine powered with petrol;

1.9. 'dealer' or 'agent' means a person or entity authorised to import, sell, or buy motor vehicles

1.10. 'person residing in Malta' means a person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258 of the Laws of Malta) or who has a residence permit, or a letter issued from the expatriate office at the Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement;

1.11. 'registered owner' means the person on whose name a vehicle is registered by the Authority;

1.12. 'de-registration' means, for the purpose of this scheme, the permanent removal of a motor vehicle from its registration with Transport Malta and thereafter, that motor vehicle shall never be registered again to be used on the road in Malta

1.13. 'Transport Malta' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499);

1.14. 'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (Cap. 460), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein;

1.15. 'de-registered vehicle' means a Category L or M1 or N1 motor vehicle which has been de-registered;

1.16. 'Category L vehicle' means a two- or three-wheel vehicle or quadricycles falling within the scope of Regulation (EU) No. 168/2013 of the European Parliament and Council of 15 January 2013 on the approval and market surveillance of two or three-wheel vehicles and quadricycles, as amended.

1.17. 'vettura tal-Kategorija M1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' persuni u li tista' ġġorr mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq;

1.18. 'vettura tal-Kategorija N1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha massa massima li ma taqbiżx it-tliet tunnellati u nofs (3.5);

1.19. 'xerrej' tfisser persuna residenti f'Malta li tixtri l-vettura minn pajjiż ieħor jew mingħand l-aġent jew in-negozjant lokali, li jkollha dik il-vettura rreġistrata f'isimha u li tkun l-applikant għall-għotja taħt din l-iskema;

2. Għal min tapplika din l-iskema

2.1. L-iskema għal għotja finanzjarja għax-xiri ta' Muturi ġodda tal-Kategorija L li jaħdmu bil-petrol kif definit hawn fuq, tapplika għal kull persuna residenti f'Malta li tirreġistra Mutur ġdid tal-Kategorija L li jaħdem bil-Petrol.

2.2. L-iskema tippermetti taħlita ta' xiri ta' muturi ġodda tal-Kategorija L li jaħdmu bil-petrol, u tibdil ta' vetturi antiki.

2.3. L-ammont totali tal-għotja maħruġ lill-applikanti għal xi waħda minn dawn l-għotjiet m'għandux jaqbeż il-prezz tax-xiri tal-mutur ġdid tal-Kategorija L li jaħdem bil-petrol.

2.4. Għotja għax-Xiri ta' Muturi ġodda tal-Kategorija L li jaħdmu bil-Petrol.

2.4.1. L-ammonti tal-għotja applikabbli f'dawn il-każijiet għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed tiġi reġistrata, kif muri fit-Tabella 1 tal-Anness.

2.4.2. Applikanti huma intitolati li jirċievu massimu ta' għotja waħda (1) taħt din l-iskema.

2.5. Skema ta' Skrappjar

a) Fil-każ ta' applikazzjoni għall-għotja li tinvolvi t-tneħħija mir-reġistrazzjoni ta' vettura eżistenti, l-applikant għandu jneħħi mir-reġistrazzjoni vettura tal-kategorija L jew M1 jew N1 li għandha mill-inqas 10 snin mis-sena tal-manifattura u li tkun reġistrata fuq isem l-applikant fil-jum tat-tneħħija mir-reġistrazzjoni tagħha.

b) L-ammonti tal-għotja applikabbli f'dan il-każ għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed titneħħa mir-reġistrazzjoni, kif indikat fit-Tabella 2 tal-Anness.

3. Mod ta' applikazzjoni, u dokumenti ta' sostenn

3.1. Applikazzjoni għal għotja taħt din l-iskema għandha ssir mix-xerrej, billi tiġi sottomessa l-formola ta'

1.17. 'Category M1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons, and which may carry no more than eight passengers in addition to the driver;

1.18. 'Category N1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding 3.5 tonnes;

1.19. 'purchaser' means a person residing in Malta buying the vehicle from another country or from the local agent or dealer, having that vehicle registered in his name and being the applicant for the grant under this scheme;

2. Area of applicability

2.1. The scheme for a financial grant for the purchase of new Category L Petrol Motorcycles as defined above, applies to any person residing in Malta who registers a new Category L Petrol Motorcycle.

2.2. The scheme allows a mix and match of purchase of new Category L Petrol Motorcycles, and replacement of old vehicles.

2.3. The total grant amount issued to applicants for any of these grants shall not exceed the purchase price of the new Category L Petrol Motorcycle.

2.4. Grant for the Purchase of New Category L Petrol Motorcycles.

2.4.1. The grant amounts applicable in these cases shall vary depending on the category of vehicle being registered, as shown in Table 1 of the Annex.

2.4.2. Applicants are entitled to receive a maximum of one (1) grant under this scheme.

2.5. Scrappage Scheme

a) In the case of a grant application involving the deregistration of an existing vehicle, the applicant shall deregister a category L or M1 or N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture and which is registered on the applicant's name on the date of deregistration of the old vehicle.

b) The grant amounts applicable in this case shall vary depending on the category of vehicle being deregistered, as indicated in Table 2 of the Annex.

3. Manner of application, and supporting documents

3.1. An application for a grant under this scheme shall be made by the purchaser, by submitting application form

applikazzjoni VEH 070 flimkien ma' kull informazzjoni, dettalji u dokumenti meħtieġa hemmhekk. Ix-xerrej tal-vettura għandu jitqies bħala l-applikant aħħari f'termini ta' din l-iskema.

3.2. Applikazzjonijiet bil-karta taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi mill-applikant matul il-ġranet u ħinijiet tax-xogħol applikabbli f'wieħed mill-uffiċċji ta' Transport Malta f'Malta u Għawdex, jew jiġu mibgħuta bil-posta skont l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta.

4. Eliġibbiltà

4.1. Biex ikun eliġibbli, applikant għandu jikkonforma mat-Taqsima 2.

4.2. Biex jikkwalifika għall-għotjiet, il-Mutur tal-Kategorija L li jaħdem bil-Petrol li jkun qed jiġi reġistrat għandu:

a) ikun ġdid;

b) ikun liċenzjat għall-użu fit-triq mill-applikant.

4.3. Biex tikkwalifika għall-iskema ta' skrappjar, il-vettura bil-mutur li trid tiġi mneħħija mir-reġistrazzjoni għandha:

a) Ikollha mill-inqas għaxar (10) snin fid-data tal-applikazzjoni, l-età tal-vettura tiġi determinata bħala s-sena kalendarja fid-data tal-applikazzjoni wara li titnaqqas is-sena tal-manifattura kif iċċertifikat fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura u trid tkun tneħħiet mir-reġistrazzjoni wara l-1 ta' Jannar 2025;

b) tkun reġistrata u ggaraxxjata jew liċenzjata ma' Transport Malta f'isem l-applikant fid-data tal-applikazzjoni, kif muri fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura jew kif ikkonfermat minn Transport Malta;

c) ladarba titneħħa mir-reġistrazzjoni, tiġi meqruda skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (LS368.02). Għandu jiġi pprovdut ċertifikat ta' qerda;

d) Vetturi mneħħija mir-reġistrazzjoni li jkunu bbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' S.L.65.24 ma jkunux eliġibbli għal din l-iskema ta' skrappjar;

4.4. Persuni li rċevew mill-għotjiet għar-reġistrazzjoni ta' muturi ġodda li jaħdmu bil-petrol fl-2021, 2022, 2023, 2024 u/jew 2025 mhumiex eliġibbli għal din l-iskema.

VEH 070 along with any information, details and documents required therein. The purchaser of the vehicle shall be considered as the ultimate applicant in terms of this scheme.

3.2. Paper applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant during the applicable working days and time at one of Transport Malta's offices in Malta and Gozo, or mailed according to the instructions available on the website of Transport Malta.

4. Eligibility

4.1. To be eligible, an applicant shall conform with Section 2.

4.2. To qualify for the grants, the Category L Petrol Motorcycle being registered shall:

a) be new;

b) be licensed for use on the road by the applicant.

4.3. To qualify for the scrappage scheme, the motor vehicle to be de-registered shall:

a) be at least ten (10) years old on the date of application, the age of the vehicle being determined as the calendar year on the date of application less the year of manufacture as certified on the vehicle's registration certificate and must be deregistered after the 1st of January 2025;

b) be registered and garaged or licensed with Transport Malta in the name of the applicant on the date of scrappage, as shown on the vehicle's registration certificate or as confirmed by Transport Malta;

c) once de-registered, be destroyed in accordance with the provisions of Part VIII of the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (SL368.02). Destruction certificate shall be provided;

d) Deregistered vehicles which had benefitted from the provisions of S.L.65.24 shall not be eligible for this scrappage scheme.

4.4. Persons who have received grants for the registration of new petrol motorcycles in 2021, 2022, 2023, 2024 and/or 2025 are not eligible for this scheme.

5. Ħlas ta' Għotja

5.1. Fejn applikant jikkwalifika għal għotja, tali għotja għandha titħallas direttament lill-applikant.

5.2. L-għotja mogħtija lix-xerrej ma għandhiex tkun stmata bħala dħul għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul.

5.3. Vettura hija eliġibbli għal għotja waħda biss, u jekk is-sid oriġinali (il-benefiċjarju) ibigħ il-vettura fis-suq tal-vetturi użati wara li jgħaddi l-perjodu msemmi fit-Taqsima 7, is-sid il-ġdid tal-istess vettura ma jkunx intitolat li japplika għal xi għotja relatata ma' dik il-vettura, fil-każ li tali għotja tkun għadha disponibbli.

6. Validità tal-applikazzjoni

6.1. Applikazzjoni m'għandhiex titqies li ġiet sottomessa mill-applikant sakemm ma timteliex bis-sħiħ u tkun akkumpanjata mid-dokumenti rilevanti kollha. Jekk l-applikazzjoni ma timteliex tajjeb u d-dokumenti rilevanti ma jkunux inklużi, it-talba għall-għotja m'għandhiex tiġi pproċessata sakemm tingħata l-informazzjoni nieqsa.

6.2. Vetturi reġistrati fl-1 ta' April 2025 jew wara huma eliġibbli għal din l-għotja u s-sidien rispettivi għandhom japplikaw bil-formola ta' applikazzjoni l-ġdida mnedija għal din l-iskema. L-applikazzjonijiet preċedenti kollha fil-format l-antik ma jiġux aċċettati għal din l-għotja.

7. Rifużjoni tal-għotja

7.1. Kull mutur ġdid tal-kategorija L li jaħdem bil-petrol mixtri mill-applikant taħt din l-għotja għandu jibqa' reġistrat f'isem l-applikant għal perjodu ta' mill-inqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni. Jekk is-sid reġistrat ta' mutur ġdid tal-kategorija L li jaħdem bil-petrol li fuqu tkun inħarġet għotja taħt din l-iskema jittrasferixxi l-imsemmija vettura lil parti terza għal kwalunkwe raġuni, minbarra trasferiment causa mortis lil xi werriet, dik il-persuna għandha tirrifondi l-għotja riċevuta minn Transport Malta. F'każijiet bħal dawn, jiġifieri, meta l-vettura terġa' tinbiegħ u l-għotja titħallas lura mis-sid oriġinali, ix-xerrej il-ġdid jista' japplika għall-iskema ta' għotja relatata max-xiri ta' muturi ġodda tal-kategorija L li jaħdmu bil-petrol, jekk tali skema tkun disponibbli f'dak iż-żmien. F'każijiet ta' kumpanija skwalifikata fl-istess grupp ta' kumpaniji, dak it-trasferiment tal-vettura jkun permess mingħajr il-ħtieġa li tingħata lura l-għotja.

7.2. Kull mutur ġdid tal-kategorija L li jaħdem bil-petrol mixtri mill-applikant taħt din l-għotja m'għandux ikun modifikat b'tali mod li l-kategorija tal-vettura tinbidel għal kategorija ġdida li għaliha l-għotjiet mhumiex disponibbli taħt

5. Payment of Grant

5.1. Where an applicant qualifies for a grant, such grant shall be paid directly to that applicant.

5.2. The grant given to the purchaser shall not be assessed as income for income tax purposes.

5.3. A vehicle is only eligible for one grant, and if the original owner (the beneficiary) sells the vehicle on the used market after the period referred to in Section 7 elapses, the new owner of the same vehicle will not be entitled to apply for any grant related to that vehicle, in the case such a grant would still be available.

6. Validity of application

6.1. An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided.

6.2. Vehicles registered on or after the 1st of April 2025 are eligible for this grant and must apply with the new application form launched with this scheme. All previous applications in the old format will not be accepted for this grant.

7. Refunding of grant

7.1. Any new category L petrol motorcycle purchased by the applicant under this grant shall remain registered in the applicant's name for a period of at least thirty-six (36) months from the date of first registration. If the registered owner of a new category L petrol motorcycle on which a grant has been issued under this scheme transfers the said vehicle to a third party, for any reason other than a transfer causa mortis to an heir, then that person shall refund the grant received from Transport Malta. In such cases, that is, when the vehicle is re-sold and the grant is refunded back by the original owner, the new buyer may apply for the grant scheme related to the purchase of new category L petrol motorcycles, if such a scheme is available at that time. In cases of a company disqualified within the same group of companies, such a transfer of the vehicle will be permitted without the need to refund the grant.

7.2. Any new category L petrol motorcycle purchased by the applicant under this grant shall not be altered in such a way that the category of the vehicle changes to a new category for which grants are not available under this scheme. If the

din l-iskema. Jekk is-sid reġistrat ta' mutur ġdid tal-kategorija L li jaħdem bil-petrol li għalih tinħareġ għotja taħt din l-iskema jimmodifikaw l-vettura b'dan il-mod, allura dik il-persuna għandha tirrifondi l-għotja li tkun irċeviet mingħand Transport Malta. L-ebda applikazzjoni ġdida għal għotja ma tiġi aċċettata jekk dak l-istess mutur tal-kategorija L li jaħdem bil-petrol imbagħad ikun modifikat lura għall-kategorija oriġinali tiegħu.

8. Tul ta' żmien tal-iskema

8.1. Din l-iskema għandha tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sakemm ikun eżawrit il-baġit allokat ta' żewġ Miljun Ewro (€2,000,000), sakemm ma tiġix modifikata jew mitmuma qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Minkejja dan, il-Gvern jista' jtemm jew jestendi l-iskema fi kwalunkwe ħin permezz ta' avviż minn qabel.

8.2. L-iskema tista' tiġġedded mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi skont kif ikun meħtieġ permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.3. L-applikazzjonijiet riċevuti fi żmien l-iskadenza stipulata fi 8.1 jistgħu jiġu pproċessati, approvati, u mħallsa sal-31 ta' Diċembru 2027.

9. Emendi lill-iskema

9.1. Il-Ministru responsabbli għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għandu jkollu d-dritt li jagħmel xi emendi lil din l-iskema permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Talbiet b'qerq

10.1. Fejn tinqala' talba frawdolenti, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Pulizija biex jinbdew proċeduri kriminali. F'każ ta' ħlas ħażin ta' talba, l-istess Ministru jirriżerva d-dritt li jirkupra fondi mħallsa bi żball. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta hija korretta.

11. Talbiet għal reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità

11.1. Fejn applikant jiġi infurmat li applikazzjoni għal għotja ġiet irrifjutata jew ma jaqbilx mal-ammont tal-għotja assenjata għal applikazzjoni partikolari, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jitlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni kkonċernata.

11.2. Biex jeżerċita tali dritt, l-applikant għandu jippreżenta talba fi żmien 30 jum minn meta jirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità, kemm jekk din tasal permezz ta' ittra jew ta' email. Talba bħal din għandha tintbagħat,

registered owner of a category L petrol motorcycle for which a grant is issued under this scheme alters the vehicle in such a way, then that person shall refund the grant received from Transport Malta. No new grant applications will be accepted if that same category L petrol motorcycle is then altered back to its original category.

8. Duration of scheme

8.1. This scheme shall remain into force until the 31st of December 2026 or until the allocated budget of two million Euro (€2,000,000) is exhausted, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. Notwithstanding, Government may terminate or extend the scheme at any time by giving prior notice.

8.2. The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister for Transport, Infrastructure, and Public Works by a Notice in the Government Gazette.

8.3. Applications received within the deadline stipulated in 8.1 may be processed, approved, and paid out until 31st December 2027.

9. Amendments to the scheme

9.1. The Minister responsible for Transport, Infrastructure and Public Works shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

10. Fraudulent claims

10.1. Where a fraudulent claim arises, the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works shall report the matter to the Police for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the said Minister reserves the right to recover funds paid in error. Applicants are to make sure that the information provided is correct.

11. Requests for revision of Authority's decisions

11.1. Where an applicant is informed that an application for a grant is refused or does not agree with the grant amount assigned for a given application, the applicant shall have the right to request a revision of the Authority's decision concerning the application concerned.

11.2. To exercise such right, the applicant shall present a request within 30 days from receipt of the Authority's decision, whether this is received via letter or email. Such request shall be sent, by mail or by email to the office of the

bil-posta jew bl-email lill-uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità, jew lil uffiċċju ieħor skont kif delegat mill-Kap Eżekuttiv, u għandha tinkludi spjegazzjoni għaliex l-applikant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Awtorità, flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' sostenn applikabbli.

11.3. Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għandu jaħtar bord intern magħmul minn tal-anqas tliet (3) persuni li mhumiex involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għotja. Dan il-bord għandu jirrevedi t-talba tal-applikant, id-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorità, l-applikazzjoni oriġinali u kwalunkwe dokument u informazzjoni rilevanti oħra u għandu jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità għandhiex tinżamm jew tinbidel. Il-bord għandu jippreżenta d-deċiżjonijiet tiegħu lill-Kap Eżekuttiv, jew lil uffiċċju delegat mill-Kap Eżekuttiv, li mbagħad għandu jikkomunika d-deċiżjoni finali lill-applikant.

Anness: Ammonti ta' għotja applikabbli għax-xiri ta' Muturi tal-kategorija L li jaħdmu bil-Petrol.

Tabella 1: Ammonti ta' għotja li għandhom jitħallsu għal kull mutur tal-Kategorija L li jaħdem bil-petrol mixtri minn kwalunkwe applikant, soġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati f'dan id-dokument

Chief Executive Officer of the Authority, or to another office as delegates by the Chief Executive Officer and shall include an explanation of why the applicant does not agree with the Authority's decision, along with any applicable supporting documents.

11.3. The Chief Executive Officer of the Authority shall appoint an internal board composed of at least three (3) persons who are not involved in the processing of the grant applications. This board shall review the applicant's request, the original decision of the Authority, the original application and any other relevant documents and information and shall decide whether the Authority's decision shall be withheld or changed. The board shall present its decisions to the Chief Executive Officer, or to the office delegated by the Chief Executive Officer, who shall then communicate the final decision to the applicant.

Annex: Grant amounts applicable for the purchase of category L Petrol Motorcycles.

Table 1: Grant amounts to be paid for each Category L Petrol motorcycle purchased by any applicant, subject to eligibility criteria stipulated in this document

	Tip ta' vettura ***Type of vehicle***	**Sottokategorija tal-Vettura** ***Vehicle Sub-Category***	**Ammont tal-għotja** ***Grant amount***
1	- Roti motorizzati; - Mopeds b'żewġ roti; - Mopeds bi tliet roti għat-trasport tal-passiġġieri jew għal skopijiet ta' utilità; - Kwadriċikli ħfief jew kwadrimobbli.	• L1e-A • L1e-B • L2e • L6e	€1,000
2	- Mutur ta' prestazzjoni baxxa; - Mutur b'żewġ roti ta' prestazzjoni baxxa b' sidecar. - Triċiklu mħaddem b'qawwa li ma taqbiżx il-15kW.	• L3e-A1 • L4e-A1 • L5e	
3	- Mutur ta' prestazzjoni medja; - Mutur b'żewġ roti ta' prestazzjoni medja b'sidecar. - Triċiklu mħaddem b'qawwa li taqbeż il-15kW imma ma taqbiżx il-35kW.	• L3e-A2 • L4e-A2 • L5e	€750
1	*- Powered cycles;* *- Two-wheel mopeds;* *- Three-wheel mopeds for passenger transport or for utility purposes;* *- Light quadricycles or quadri-mobiles*	*• L1e-A* *• L1e-B* *• L2e* *• L6e*	€1,000
2	*- Low performance motorcycle;* *- Low-performance two-wheel motorcycle with sidecar.* *- Powered Tricycle with power not exceeding 15kW.*	*• L3e-A1* *• L4e-A1* *• L5e*	
3	*- Medium performance motorcycle;* *- Medium-performance two-wheel motorcycle with sidecar;* *- Powered Tricycle with power exceeding 15kW but not exceeding 35kW.*	*• L3e-A2* *• L4e-A2* *• L5e*	€750

Tabella 2: Ammonti tal-għotja għal ħlas meta vettura tiġi skrappjata flimkien ma' kwalunkwe għotja oħra għax-xiri ta' mutur ġdid tal-Kategorija L li jaħdem bil-petrol.

Table 2: Grant amounts to be paid when a vehicle in scrapped in conjunction with any other grant for the purchase of a new Category L Petrol motorcycle.

Kategorija tal-Vettura Skrappjata		**Kundizzjoni**	**Post tar-Reġistrazzjoni tal-Vettura meqruda**	
			Malta	**Gozo***
Category of Scrapped Vehicle		***Condition***	***Place of Registration of Scrapped Vehicle***	
			Malta	***Gozo****
1	L (Muturi, Triċikli, Kwadriċikli)	Xejn	€500	€500
2	M1 (Karozzi) jew N1 (Vannijiet)	L-aħħar liċenzja ta' ċirkolazzjoni tal-vettura li tkun ġiet meqruda skadiet aktar minn tliet (3) xhur qabel id-data tal-qerda.	€500	€1,500
3		L-aħħar liċenzja ta' ċirkolazzjoni tal-vettura li tkun ġiet meqruda skadiet mhux aktar minn tliet (3) xhur qabel id-data tal-qerda.	€1,000	€2,000
1	*L (Motorcycles, Tricycles, Quadricycles)*	*None*	*€500*	*€500*
2	*M1 (Cars) or N1 (Vans)*	*The last circulation licence of the scrapped vehicle expired more than 3 months prior to the scrappage date.*	*€500*	*€1,500*
3		*The last circulation licence of the scrapped vehicle expired not more than 3 months prior to the scrappage date.*	*€1,000*	*€2,000*

*Il-vettura trid tkun ġiet irreġistrata, iggaraxxjata jew liċenzjata f'Għawdex qabel il-11 ta' Ottubru 2021.

*Vehicle must have been registered, garaged, or licensed in Gozo prior to the 11th of October 2021.

It-13 ta' Frar, 2026

Nru. 209

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Skema ta' għotja mill-Gvern, inkluża skema ta' skrappjar, għax-xiri jew kiri ta' vetturi elettriċi bil-batterija u b'emissjonijiet żero ġodda fil-Kategorija L, M1 u N1 u pedelecs għal persuni, organizzazzjonijiet Volontarji, impriżi u entitajiet oħra

Il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Transport Malta) qed jippubblika skema ta' għotjiet finanzjarji mmirati għal persuni residenti f'Malta, organizzazzjonijiet volontarji, impriżi stabbiliti f'Malta u entitajiet oħra, sabiex tkompli tippromwovi l-użu ta' vetturi elettriċi bil-batterija u b'emissjonijiet żero ġodda, fil-kategorija L, M1 u N1 u pedelecs ġodda.

L-iskema għandha l-għan li tnaqqas l-ammont ta' vetturi qodma bil-mutur konvenzjonali mit-triq u hi soġġetta għall-

13th February, 2026

No. 209

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND PUBLIC WORKS

Government Grant Scheme, including Scrappage Scheme, for the purchase or lease of new Zero-Emissions Battery Electric Vehicles in Category L, M1 and N1 and Pedelecs for Persons, Voluntary Organisations, Undertakings and other Entities

The Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works in conjunction with the Authority for Transport in Malta (Transport Malta) is publishing a financial grant scheme aimed at persons residing in Malta, voluntary organisations, undertakings established in Malta and other entities, to further promote the use of new zero-emission battery electric vehicles, with zero-emissions, in Category L, M1 and N1 and pedelecs.

The scheme aims at reducing the number of older conventional motor vehicles from the road and is subject

kundizzjonijiet stipulati f'dan id-dokument. L-għotjiet jappoġġjaw ix-xiri jew l-kiri ta' karozzi, vetturi kummerċjali ħfief, kwadriċikli, muturi u pedelecs ġodda.

L-għotjiet jinkludu skema tal-iskrappjar maħsuba biex tipprovdi aktar appoġġ finanzjarju lill-applikanti li, filwaqt li jixtru jew jikru vettura elettrika jew pedelec ġdida, ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura ta' kwalunkwe kategorija li jkollha aktar minn 10 snin mis-sena tal-manifattura tagħha.

L-iskema hija meqjusa li daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2026 hija fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Din l-iskema għandha tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sakemm il-fondi bbaġitjati jiġu eżawriti, sakemm ma jiġux modifikati jew mitmuma minn qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-fini ta' dawn l-għotjiet, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

1.1. 'applikant' tfisser il-persuna residenti f'Malta, organizzazzjoni volontarja, impriża stabbilita f'Malta jew entità li tapplika għall-għotja taħt din l-iskema, u li:

1.1.1. tkun ix-xerrej ta' vettura elettrika ġdida tal-Kategorija L jew M1 jew N1, jew pedelec kif definiti hawn taħt; jew

1.1.2. tkun il-kerrej ta' vettura elettrika ġdida tal-Kategorija L jew M1 jew N1 kif definit hawn taħt;

1.2. 'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni magħmula għal għotja taħt din l-iskema;

1.3. 'bejjiegħ' tfisser aġent jew negozjant kif definit taħt din l-iskema;

1.4. 'ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura' tfisser iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura maħruġ minn Transport Malta li jipprovdi prova tar-reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.5. 'entità' tfisser entità stabbilita f'Malta li mhix la impriża u lanqas organizzazzjoni volontarja u li mhix ikkontrollata direttament jew indirettament mill-Gvern ta' Malta jew iffinanzjata permezz ta' fondi pubbliċi, bħal skejjel privati jew tal-knisja;

1.6. 'faċilità ta' trattament awtorizzata' tfisser faċilità awtorizzata biex teqred vetturi u toħroġ ċertifikati

to the conditions stipulated in this document. The grant shall support the purchase or lease of new passenger cars, light commercial vehicles, quadricycle, motorcycles, and pedelecs.

The grant includes a scrappage scheme intended to provide further financial support to applicants who, while purchasing or leasing a new electric vehicle or pedelec, deregister a vehicle of any category which is older than 10 years from its year of manufacture.

The grant is deemed to have come into effect as of the 1st of January 2026 and is on a first come first served basis. This grant shall remain available until the 31st of December 2026 or until the budgeted funds are exhausted, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of this grant, unless the context otherwise requires:

1.1. 'applicant' means the person residing in Malta, voluntary organisation, undertaking established in Malta or entity applying for the grant under this scheme, and who:

1.1.1. is the purchaser of a new Category L or M1 or N1 electric vehicle, or a pedelec as defined hereunder; or

1.1.2. is the lessee of a new Category L or M1 or N1 electric vehicle as defined hereunder;

1.2. 'application' means the application made for a grant under this scheme;

1.3. 'seller' means an agent or dealer as defined under this scheme;

1.4. 'vehicle registration certificate' means the vehicle registration certificate issued by Transport Malta providing proof of registration of the motor vehicle in accordance with the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368 of the Laws of Malta);

1.5. 'entity' means an entity established in Malta which is neither a business undertaking nor a voluntary organisation and which is not controlled directly or indirectly by the Government of Malta or funded through public funds, such as private and church schools;

1.6. 'authorised treatment facility' means a facility authorised to destroy vehicles and issue certificates of

ta' distruzzjoni, f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (End of Life) - L.S. 549.36;

1.7. 'għotja' tfisser l-għotja li qed tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-taqsima 4;

1.8. 'impriża f'diffikultà' tfisser intrapriża li sseħħ fir-rigward tagħha mill-inqas waħda min dawn iċ-ċirkostanzi:

a) Fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal anqas minn tliet snin), meta aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Dan huwa l-każ meta t-tnaqqis tat-telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi l-oħrajn kollha ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv li jaqbeż nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija b'responsabbiltà limitata" tirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u "kapital azzjonarju" tinkludi, fejn rilevanti, kull primjum azzjonarju;

b) Fil-każ ta' kumpanija fejn mill-inqas xi membri tagħha għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija (minbarra SME li tkun ilha teżisti għall-inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija fejn mill-anqas xi membri tagħha għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija" tirreferi, b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE;

c) Meta l-intrapriża tkun soġġetta għal proċedimenti ta' insolvenza kollettivi jew tissodisfa l-kriterji skont il-liġi domestika tagħha biex titqiegħed fi proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fuq talba tal-krediturі tagħha;

d) Meta l-intrapriża tkun irċeviet għajnuna għas-salvataġġ u tkun għadha ma rrimborsatx is-self jew ma temmitx il-garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturar u tkun għadha -soġġetta għal pjan ta' ristrutturar; jew

e) Fil-każ ta' intrapriża li mhijiex SME, meta, għall-aħħar sentejn:

1. id-dejn kontabilistiku għall-proporzjon ta' ekwità tal-intrapriża jkun akbar minn 7.5; u

2. il-proporzjon ta' imgħax kopert tal-EBITDA tal-intrapriża jkun taħt 1.0;

1.9. 'impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura' tfisser impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

destruction, in compliance with the Waste Management (End of Life Regulations) - S.L. 549.36;

1.7. 'grant' means the grant being given under this scheme to an applicant that satisfies the requirements of section 4;

1.8. 'undertaking in difficulty' means an undertaking in respect of which at least one of the following circumstances occurs:

a) In the case of a limited liability company (other than an SME that has been in existence for less than three years), where more than half of its subscribed share capital has disappeared as a result of accumulated losses. This is the case when deduction of accumulated losses from reserves (and all other elements generally considered as part of the own funds of the company) leads to a negative cumulative amount that exceeds half of the subscribed share capital. For the purposes of this provision, "limited liability company" refers in particular to the types of company mentioned in Annex I of Directive 2013/34/EU of the European Parliament and the Council and "share capital" includes, where relevant, any share premium;

b) In the case of a company where at least some of its members have unlimited liability for the debt of the company (other than an SME that has been in existence for less than three years), where more than half of its capital as shown in the company accounts has disappeared as a result of accumulated losses. For the purposes of this provision, "a company where at least some of its members have unlimited liability for the debt of the company" refers in particular to the types of company mentioned in Annex II to Directive 2013/34/EU;

c) Where the undertaking is subject to collective insolvency proceedings or fulfils the criteria under its domestic law for being placed in collective insolvency proceedings at the request of its creditors;

d) Where the undertaking has received rescue aid and has not yet reimbursed the loan or terminated the guarantee, or has received restructuring aid and is still subject to a restructuring plan; or

e) In the case of an undertaking that is not an SME, where, for the past two years:

1. the undertaking's book debt to equity ratio has been greater than 7.5; and

2. the undertaking's EBITDA interest coverage ratio has been below 1.0.

1.9. 'undertakings in the fishery and aquaculture sector' means undertakings active in the production, processing and marketing of fishery and aquaculture products;

1.10. 'impriża kbira' tfisser impriża li mhijiex SME;

1.11. 'impriża medja' tfisser impriża li tħaddem inqas minn 250 persuna u li għandha fatturat annwali li ma jaqbiżx il-50 miljun ewro, u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx it-43 miljun ewro, u li mhijiex impriża żgħira;

1.12. 'impriża stabbilita f'Malta' tfisser entità kummerċjali stabbilita f'Malta, inkluż persuna li taħdem għal rasha skont il-Liġi Nazzjonali, fondazzjoni jew soċjetà kooperattiva, li ma tkunx kontrollata direttament jew indirettament mill-Gvern ta' Malta jew iffinanzjata permezz ta' fondi pubbliċi;

1.13. 'impriża waħda' tinkludi, għall-finijiet ta' din l-iskema, l-intrapriżi kollha li għandhom mill-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom:

a) impriża waħda għandha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'impriża oħra;

b) impriża waħda għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża oħra;

c) impriża waħda għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt li jkun sar ma' dik l-impriża jew skond dispożizzjoni fil-memorandum jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha; jew

d) impriża waħda, li hija azzjonista jew membru ta' impriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra jew membri ta' dik l-impriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża.

Impriżi li jkollhom waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) permezz ta' impriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu wkoll bħala impriża waħda;

1.14. 'impriża żgħira' tfisser impriża li tħaddem inqas minn 50 persuna u li l-fatturat annwali tagħha u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-10 miljun ewro;

1.15. 'kerrej' tfisser il-persuna residenti f'Malta, organizzazzjoni volontarja, impriża stabbilita f'Malta jew entità li tingħata d-dritt li ssuq vettura bil-mutur mikrija għaż-żmien li matulu ddum il-kirja, li m'għandux ikun iqsar minn 36 xahar;

1.16. 'l-ewwel reġistrazzjoni' għandha tinkludi r-reġistrazzjoni ta' vettura għall-ewwel darba f'isem persuna residenti f'Malta jew impriża stabbilita f'Malta fejn il-vettura kkonċernata kienet irreġistrata għall-ewwel darba f'Malta;

1.10. 'large enterprise' means an enterprise which is not an SME;

1.11. 'medium enterprise' means an enterprise which employs fewer than 250 persons and which has an annual turnover not exceeding 50 million Euro, and/or an annual balance sheet total not exceeding 43 million Euro, and which is not a small enterprise;

1.12. 'undertaking established in Malta' means a commercial entity established in Malta, including a self-employed person in accordance with National Law, a foundation or a cooperative society, which is not controlled directly or indirectly by the Government of Malta or funded through public funds;

1.13. 'Single undertaking' includes, for the purposes of this scheme, all enterprises having at least one of the following relationships with each other:

a) one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise;

b) one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

c) one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered with that enterprise or pursuant to a provision in its memorandum or articles of association; or

d) one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (a) to (d) through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking;

1.14. 'small enterprise' means an enterprise which employs fewer than 50 persons and whose annual turnover and/or annual balance sheet total does not exceed 10 million Euro;

1.15. 'lessee' means the person resident in Malta, a voluntary organisation, undertaking established in Malta or entity entitled to drive a leased motor vehicle for the duration of the lease, which shall not be shorter than 36 months;

1.16. 'first registration' shall include the registration of a vehicle for the first time in the name of a person residing in Malta or an undertaking established in Malta where the vehicle concerned was registered for the first time in Malta;

1.17. 'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

1.18. 'negozjant' jew 'aġent' tfisser persuna jew entità awtorizzata biex timporta, tbigħ jew tixtri vetturi bil-mutur;

1.19. 'organizzazzjoni volontarja' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.20. 'operatur ta' servizzi ta' kiri ta' vetturi' għanda l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (L.S. 499.68);

1.21. 'pedelec' tfisser ċikletta li taħdem bil-pedali u bl-elettriku u li l-mutur tagħha jiġi attivat immedjatament kif is-sewwieq jibda jdawwar il-pedala u jitwaqqaf hekk kif is-sewwieq ma jibqax idawwar il-pedala, u li tista' tilħaq veloċità massima ta' 25km/h;

1.22. 'pedelec tal-merkanzija' tfisser pedelec li jista' jġorr mill-inqas 100kg ta' merkanzija minbarra s-sewwieq;

1.23. 'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna li jew ikollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti tal-Identità oħra (KAP. 258 tal-Liġijiet ta' Malta) jew li għandha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijati fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol;

1.24. 'prodotti agrikoli' tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28,12,2013, p. 1);

1.25. 'prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura' tfisser il-prodotti definiti fl-Artikolu 5, punti (a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

1.26. 'produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura' tfisser l-operazzjonijiet kollha relatati mas-sajd, it-trobbija jew il-kultivazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, kif ukoll l-attivitajiet fl-irziezet jew abbord meħtieġa għat-tħejjija ta' annimal jew impjant għall-ewwel bejgħ, inkluż it-tqattigħ, it-tfettit jew l-iffriżar, u l-ewwel bejgħ lill-bejjiegħa mill-ġdid jew lill-proċessuri;

1.27. 'sid reġistrat' tfisser il-persuna, l-organizzazzjoni volontarja, entità jew l-impriża li f'isimha tkun irreġistrata vettura mill-Awtorità;

1.28. 'SME' jew "impriża żgħira u ta' daqs medju" tfisser impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I

1.17. 'Malta' means the Maltese islands;

1.18. 'dealer' or 'agent' means a person or entity authorised to import, sell, or buy motor vehicles;

1.19. 'voluntary organisation' has the same meaning given to it in the Voluntary Organisations Act (Cap. 492 of the Laws of Malta);

1.20. 'vehicle hire operator' has the same meaning given to it in the Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services Regulations (S.L.499.68);

1.21. 'pedelec' means a pedal electric bicycle whose electric motor is activated as soon as the rider starts pedalling and is deactivated as soon as the rider stops pedalling, and which can reach a maximum speed of 25km/h;

1.22. 'cargo pedelec' means a pedelec which can carry at least 100kg of cargo excluding the driver;

1.23. 'person residing in Malta' means a person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (CAP 258 of the Laws of Malta) or who has a residence permit or a letter issued from the expatriate office at the Ministry for Home Affairs, Security, and Employment;

1.24. 'agricultural products' means products listed in Annex I to the Treaty, with the exception of fishery and aquaculture products covered by Regulation (EU) No 1379/2013 of the European Parliament and of the Council (OJ L 354, 28.12.2013, p. 1);

1.25. 'fishery and aquaculture products' means the products defined in Article 5, points (a) and (b) of Regulation (EU) No 1379/2013 of the European Parliament and of the Council;

1.26. 'primary production of fishery and aquaculture products' means all operations relating to the fishing, rearing or cultivation of aquatic organisms, as well as on-farm or on-board activities necessary for preparing an animal or plant for the first sale, including cutting, filleting or freezing, and the first sale to resellers or processors;

1.27. 'registered owner' means the person, voluntary organisation, entity or undertaking in whose name a vehicle is registered by the Authority;

1.28. 'SME' or 'a small and medium-sized enterprise' means an undertaking fulfilling the criteria laid down in

tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, kif emendat;

1.29. 'bidu tax-xogħlijiet' tfisser l-ewwel jew il-bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment, jew l-ewwel impenn legalment vinkolanti biex jiġi ordnat it-tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibbli. Ix-xiri ta' art u xogħlijiet preparatorji bħal ksib ta' permessi u t-twettiq ta' feasibility studies mhumiex ikkunsidrati bħala bidu ta' xogħlijiet. Għat-teħid ta' kontroll, "bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-mument tal-akkwist tal-assi direttament marbuta mal-istabbiliment akkwistat;

1.30. 'Standard tal-Unjoni' tfisser:

a) standard tal-Unjoni obbligatorju li jistabbilixxi l-livelli li għandhom jintlaħqu minn impriżi individwali f'termini ambjentali, eskluži standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li jorbtu għall-Istati Membri iżda mhux għal impriżi individwali; jew

b) l-obbligu li jintużaw l-aħjar tekniki disponibbli (BAT), kif definiti fid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jiġi żgurat li l-livelli tal-emissjonijiet ma jaqbżux dawk li jinkisbu meta tiġi applikata l-BAT; fejn il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew taħt direttivi applikabbli oħra, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-finijiet ta' dan ir-Regolament; fejn dawk il-livelli huma espressi bħala firxa, il-limitu li għalih il-BAT intlaħaq l-ewwel għall-impriża kkonċernata jkun applikabbli;

1.31. 'tneħħija mir-reġistrazzjoni' tfisser, għall-fini ta' din l-iskema, it-tneħħija permanenti ta' vettura bil-mutur mir-reġistrazzjoni tagħha mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u wara, dik il-vettura ma għandha qatt terġa' tiġi rreġistrata biex tintuża fit-triq f'Malta;

1.32. 'Transport Malta' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.33. 'vettura b'emissjonijiet żero' għandu jkollha l-istess tifsira li hija assenjata lilha fl-Artikolu 2 (102g) tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija msemmi fit-Taqsima 2.6.4 hawnhekk;

1.34. 'vettura elettrika' tfisser vettura b'emissjonijiet żero li hija mħaddma esklussivament b'mutur jew muturi elettriċi li jużaw enerġija elettrika maħżuna f'batteriji li huma ċċarġjati minn sors tal-elettriku estern;

1.35. 'vettura elettrika ġdida jew pedelec ġdida' tfisser vettura elettrika jew pedelec li qatt ma ġiet irreġistrata qabel fi kwalunkwe pajjiż;

Annex I of Commission Regulation (EU) No. 651/2014, as amended;

1.29. 'start of works' means the earlier of either the start of construction works relating to the investment, or the first legally binding commitment to order equipment or any other commitment that makes the investment irreversible. Buying land and preparatory works such as obtaining permits and conducting feasibility studies are not considered start of works. For take-overs, 'start of works' means the moment of acquiring the assets directly linked to the acquired establishment;

1.30. 'Union standard' means:

a) a mandatory Union standard setting the levels to be attained in environmental terms by individual undertakings excluding standards or targets set at Union level which are binding for Member States but not for individual undertakings; or

b) the obligation to use the best available techniques (BAT), as defined in Directive 2010/75/EU of the European Parliament and of the Council, and to ensure that emission levels do not exceed those that would be achieved when applying BAT; where emission levels associated with the BAT have been defined in implementing acts adopted under Directive 2010/75/EU or under other applicable directives, those levels will be applicable for the purposes of this Regulation; where those levels are expressed as a range, the limit for which the BAT is first achieved for the undertaking concerned will be applicable.

1.31. 'de-registration' means, for the purpose of this scheme, the permanent removal of a motor vehicle from its registration with Transport Malta and thereafter, that motor vehicle shall never be registered again to be used on the road in Malta;

1.32. 'Transport Malta' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499 of the Laws of Malta);

1.33. 'zero-emissions vehicle' shall have the same meaning that is assigned to it in Article 2 (102g) of the General Block Exemption Regulation referred to in Section 2.6.4 herein;

1.34. 'electric vehicle' means a zero-emission vehicle which is powered exclusively by one or more electric motor using electrical energy stored in batteries which are charged from an external electricity source;

1.35. 'New electric vehicle or pedelec' means an electric vehicle or pedelec which has never been registered before in any country;

1.36. 'vettura li tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser vettura li tneħħitilha r-reġistrazzjoni;

1.37. 'vettura tal-Kategorija L' tfisser vettura b'żewġ jew tliet roti jew kwadriċikli li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli, kif emendati;

1.38. 'vettura tal-Kategorija M1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' persuni u li tista' ġġorr mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq;

1.39. 'vettura tal-Kategorija N1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha massa massima li ma taqbiżx it-tliet tunnellati u nofs (3.5);

1.40. 'Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (KAP. 460 tal-Liġijiet ta' Malta), u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein;

1.41. 'xerrej' tfisser persuna residenti f'Malta, organizzazzjoni volontarja, jew impriża stabbilita f'Malta li jixtri l-vettura minn pajjiż ieħor jew mingħand l-aġent jew negozjant lokali, li jkollu dik il-vettura rreġistrata f'ismu u li jkun l-applikant għall-għotja taħt din l-iskema;

2. Qasam tal-Applikabilità

2.1. L-iskema għal għotja finanzjarja għax-xiri jew kiri ta' vetturi elettriċi jew pedelecs ġodda kif definit hawn fuq, tapplika għal kull persuna residenti f'Malta, organizzazzjoni volontarja, impriża stabbilita f'Malta jew entità.

2.2. L-iskema tippermetti taħlita ta' xiri u kiri ta' vetturi elettriċi u pedelecs ġodda, u tibdil ta' vetturi antiki.

2.3. L-ammont totali tal-għotja maħruġ lill-applikanti għal kwalunkwe waħda minn dawn l-għotjiet m'għandux jaqbeż il-prezz tax-xiri tal-vettura elettrika jew tal-pedelec il-ġdida.

2.4. Għotja għal Xiri jew Kiri ta' Vetturi elettriċi Ġodda tal-Kategorija L jew M1 jew N1.

2.4.1. Applikazzjoni għal għotja minn persuni residenti Malta u organizzazzjonijiet volontarji, li ma jwettqux attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

L-ammonti tal-għotja applikabbli f'dawn il-każijiet għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed tiġi rreġistrata, kif muri fit-Tabella 1 tal-Anness.

1.36. 'de-registered vehicle' means a vehicle which has been de-registered;

1.37. 'Category L vehicle' means a two- or three-wheel vehicle or quadricycles falling within the scope of Regulation (EU) No. 168/2013 of the European Parliament and Council of 15 January 2013 on the approval and market surveillance of two- or three-wheel vehicles and quadricycles, as amended;

1.38. 'Category M1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons and which may carry no more than eight passengers in addition to the driver;

1.39. 'Category N1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding three and a half (3.5) tonnes;

1.40. 'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (CAP 460 of the Laws of Malta), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein;

1.41. 'purchaser' means a person residing in Malta, voluntary organisation, undertaking established in Malta or entity buying the vehicle from another country or from the local agent or dealer, having that vehicle registered in his name and being the applicant for the grant under this scheme.

2. Area of Applicability

2.1. The scheme for a financial grant for the purchase or lease of new electric vehicles and pedelecs as defined above, applies to any person residing in Malta, voluntary organisation, undertaking established in Malta or entity.

2.2. The scheme allows a mix and match of purchase or lease of new electric vehicles and pedelecs, and replacement of old vehicles.

2.3. The total grant amount issued to applicants for any of these grants shall not exceed the purchase price of the new electric vehicle or pedelec.

2.4. Grant for the Purchase or Lease of New Category L or M1 or N1 electric Vehicles and pedelecs.

2.4.1. Grant application by persons residing in Malta and voluntary organisations, that do not carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU.

The grant amounts applicable in these cases shall vary depending on the category of vehicle being registered, as shown in Table 1 of the Annex.

2.4.2. Applikazzjoni għal għotja minn impriżi u organizzazzjonijiet volontarji, li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

a) L-ammonti tal-għotja applikabbli f'dawn il-każijiet ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed tiġi rreġistrata, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli u d-daqs u s-settur tal-impriża jew organizzazzjoni li qed tapplika, kif muri fit-Tabelli 1 u 3 tal-Anness.

b) Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom japplikaw għal għotjiet maħruġa taħt din it-taqsima, skont il-kategorija u l-kwantità ta' vetturi li jiġu rreġistrati jew mikrija. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat huma spjegati fid-dettall fit-taqsima 2.6 ta' dan id-dokument.

2.4.3. Applikazzjoni għal għotja minn entitajiet

Soġġett għad-deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-eliġibbilità tal-entità kkonċernata għal għotja, l-ammonti tal-għotja applikabbli f'dawn il-każijiet għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed tiġi mikrija u, jekk l-Awtorità tistabbilixxi li l-entità hija soġġetta għar-Regolamenti tal-Għajnuna mill-Istat, ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-istat u d-daqs u s-settur tal-entità li tapplika, kif muri fit-Tabelli 1 u 3 tal-Anness.

2.4.4. Applikazzjoni għal għotja fuq vettura elettrika li tkun mikrija

Soġġett għad-deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-eliġibbilità tal-kuntratt tal-kirja, l-ammonti tal-għotja applikabbli f'dawn il-każijiet għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed tiġi rreġistrata. Jekk l-Awtorità tistabbilixxi li l-kerrej hu soġġetta għar-Regolamenti tal-Għajnuna mill-Istat, għandhom japplikaw ir-regolamenti dwar l-għajnuna mill-istat de minimis kif spjegati fit-taqsima 2.6.3 ta' dan id-dokument.

2.5. L-Iskema tal-Iskrappjar

a) Fil-każ ta' applikazzjoni għal għotja li tinvolvi t-tneħħija mir-reġistrazzjoni ta' vettura eżistenti, l-applikant għandu jneħħi r-reġistrazzjoni ta' vettura tal-kategorija L, M1 jew N1 li għandha mill-inqas 10 snin mis-sena tal-manifattura u li tkun irreġistrata u ggaraxxjata jew illiċenzjata ma' Transport Malta f'isem l-applikant qabel il-qerda tagħha u qabel ir-reġistrazzjoni tal-vetturi elettrika ġdida suġġetta għall-applikazzjoni għall-għotja, u li tkun ġiet meqruda fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara.

Iżda meta applikant jipprovdi lill-Awtorità b'evidenza biżżejjed biex jipprova li l-vettura elettrika ġdida li għaliha tkun qed tintalab għotja kienet ordnata fl-2022, 2023 jew 2024 iżda kienet ikkunsinnata biss matul l-2025 jew l-2026, l-Awtorità tista' taċċetta applikazzjonijiet għal għotja għall-

2.4.2. Grant application by undertakings and voluntary organisations, that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU.

a) The grant amounts applicable in these cases shall vary depending on the category of vehicle being registered, the applicable state aid rules and the size and sector of the applying undertaking or organisation, as shown in Tables 1 and 3 of the Annex.

b) State aid rules shall apply for grants issued under this section, depending on the category and quantity of electric vehicles being registered or leased. The State aid rules are explained in detail in section 2.6 of this document.

2.4.3. Grant application by entities

Subject to the Authority's decision on the eligibility of the entity concerned for a grant, the grant amounts applicable in these cases shall vary depending on the category of vehicle being registered and, if the Authority establishes that the entity is subject to State Aid Regulations, the applicable State aid rules and the size and sector of the applying entity, as shown in Tables 1 and 3 of the Annex.

2.4.4. Application for a grant on an electric vehicle that is leased

Subject to the Authority's decision on the eligibility of the lease contract, the grant amounts applicable in these cases shall vary according to the category of the vehicle being leased. If the Authority establishes that the lessee is subject to the State Aid Regulations, the de minimis Regulations shall apply, as explained in section 2.6.3 of this document.

2.5. Scrappage Scheme

a) In the case of a grant application involving the deregistration of an existing vehicle, the applicant shall deregister a category L or M1 or N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture and which is registered, and garaged or licensed with Transport Malta on the applicant's name before its destruction and before the registration of the new electric vehicle subject to the grant application, and which has been destructed on or after the 1st of January 2025.

Provided that where an applicant provides the Authority with sufficient evidence to prove that the new electric vehicle for which a grant is requested was ordered in 2022, 2023 or 2024 but was delivered only during 2025 or 2026, the Authority may accept applications for a scrappage grant

iskrappjar għal vettura li nqerdet matul l-istess sena ta' meta ġiet ordnata l-vettura elettrika ġdida jew aktar tard.

b) Fil-każ ta' applikazzjoni taħt l-Iskema tal-Iskrappjar relatata ma applikazzjoni dwar vettura elettrika ġdida li tkun mikrija, il-vettura li tinqered għandha tkun irreġistrata u ggaraxxjata jew illiċenzjata ma' Transport Malta f'isem il-kerrej. Il-kundizzjonijiet l-oħra kolla tal-paragrafu (a) hawn fuq għandhom japplikaw.

c) L-ammonti ta' għotja applikabbli f'dan il-każ għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed titneħħa mir-reġistrazzjoni, kif indikat fit-Tabella 2 tal-Anness.

d) Għotjiet għall-iskrappjar maħruġa taħt din it-taqsima lil impriżi stabbiliti f'Malta, jew entitajiet jew organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE huma soġġetti għar-regoli tal-għajnuna mill-Istat skont ir-Regolament de minimis applikabbli, kif stipulat fit-taqsima 2.6.2 ta' dan id-dokument.

2.6. Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

2.6.1. Din l-iskema qed tiġi offruta taħt żewġ reġimi differenti ta' għajnuna mill-Istat, kif spjegat hawn taħt.

2.6.2. Applikanti li ma jistgħux japplikaw taħt ir-Regolamenti de minimis għax mhumiex eliġibbli taħt l-istess Regolamenti jew irċevew fondi de minimis li jagħmilhom ineliġibbli skont il-limiti applikabbli, jistgħu japplikaw għall-inċentiv taħt ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija.

2.6.3. Regolamenti De Minimis

L-assistenza se tingħata f'konformità ma' wieħed mir-Regolamenti de minimis li ġejjin:

a) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352/9, 24.12.2013), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/316 tal-21 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 51I, 22.2.2019), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/ 2014, (UE) Nru 1407/2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward ta' għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni

for a vehicle which was destructed during the same year as when the new electric vehicle was ordered or later.

b) In the case of an application under the Scrapping Scheme relating to an application for a new electric vehicle that is being leased, the vehicle to be scrapped must be registered and garaged or licensed with Transport Malta in the name of the lessee. All other conditions of paragraph (a) above shall apply.

c) The grant amounts applicable in this case shall vary depending on the category of vehicle being deregistered, as indicated in Table 2 of the Annex.

d) Scrappage grants issued under this section to undertakings established in Malta, or to entities or voluntary organisations that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, are subject to State aid rules in line with the applicable de minimis Regulation, as explained in section 2.6.2 of this document.

2.6. State aid rules

2.6.1. This scheme is being offered under two different State aid regimes, as explained below.

2.6.2. Applicants who cannot apply under the de minimis Regulations because they are not eligible under the said Regulations or have received de minimis funds which makes them ineligible in accordance with the applicable thresholds, may apply for the incentive under the General Block Exemption Regulation.

2.6.3. De Minimis Regulations

Assistance will be provided in line with one of the following de minimis Regulations:

(a) For undertakings that are active in the primary production of agricultural products: Commission Regulation (EU) No. 1408/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 352/9, 24.12.2013), as amended by Commission Regulation (EU) 2019/316 of 21 February 2019 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L 51I, 22.2.2019), by Commission Regulation (EU) No 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ

tagħha u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023), bir- Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/3118 tal-10 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L, 2024/3118, 13.12.2024) u permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ottubru 2025 li jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur agrikolu (ĠU L, 2025/1989, 3.10.2025);

b) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u l-akwakultura (ĠU L 190/45, 28.6.2014), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/ 2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414/15, 9.12.2020), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2514 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (ĠU L 326, 21.12.2022) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/2014, (UE) Nru 1407/ 2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' de minimis għajnuna mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023);

c) Għal impriżi li huma attivi fis-setturi l-oħra kollha: Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis (ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023).

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż il-limiti stabbiliti fir-Regolamenti de minimis applikabbli indikati hawn fuq. Skont l-attività tal-applikant, il-limiti de minimis huma kif ġej:

a) Għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli, l-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż l-€50,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin;

b) Għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, l-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż it-€30,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali;

L, 2023/2391, 05.10.2023), by Commission Regulation (EU) 2024/3118 of 10 December 2024 amending Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L, 2024/3118, 13.12.2024) and by Commission Regulation of 2 October 2025 correcting Regulation (EU) No 1408/2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the agriculture sector (OJ L, 2025/1989, 3.10.2025);

(b) For undertakings that are active in the primary production of fishery and aquaculture products: Commission Regulation (EU) No. 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190/45, 28.6.2014), as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414/15, 9.12.2020), by Commission Regulation (EU) 2022/2514 of 14 December 2022 amending Regulation (EU) No 717/2014 as regards its period of application (OJ L 326, 21.12.2022) and by Commission Regulation (EU) No 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023);

(c) For undertakings that are active in all other sectors: Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid (OJ L, 2023/2831, 15.12.2023).

The total amount of de minimis aid granted to a single undertaking must not exceed the thresholds established in the applicable de minimis Regulation outlined above. Depending on the applicant's activity, the applicable de minimis thresholds are as follows:

(a) For undertakings active in the primary production of agricultural products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €50,000 over any period of three years;

(b) For undertakings active in the primary production of fishery and aquaculture products, the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €30,000 over any period of three fiscal years;

c) Għall-impriżi l-oħra kollha, l-ammont totali ta' għajnuna de minimis m'għandux jaqbeż il-€300,000 għal kull impriża waħda fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

Dan il-limitu massimu de minimis ikun jinkludi l-għajnuna mill-Istat kollha mogħtija taħt l-għażla de minimis ta' din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat implimentata skont ir-regola tar-Regolamentazzjoni de minimis applikabbli, inkluż dik riċevuta minn kwalunkwe entita' Maltija minbarra Transport Malta fuq perjodu ta' tliet snin kif applikabbli. Kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta li taqbeż il-limitu applikabbli stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

Fil-każ ta' għajnuna mogħtija skont ir-Regolamenti de minimis applikabbli, l-applikanti jkunu meħtieġa jimlew u jissottomettu, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni, formola ta' dikjarazzjoni de minimis iffirmata li tindika kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta u/jew li tkun saret applikazzjoni għaliha mill-impriża unika matul il-perjodu ta' referenza applikabbli ta' tliet snin. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għandha tinkludi dettalji rigward l-għajnuna de minimis riċevuta u/jew li saret applikazzjoni għaliha, mill-impriżi kollha li jiffurmaw parti mill-impriża unika relatata mal-impriża applikanti. Din id-dikjarazzjoni għandha wkoll tkun iffirmata u kkonfermata minn awditur jew accountant bil-warrant.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni se jiġu rispettati.

Mill-1 ta' Jannar 2026, l-informazzjoni dwar l-għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831, għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru ċentrali tal-għajnuna de minimis.

L-informazzjoni li ġejja għandha ssir pubblika:

a) l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju,
b) l-ammont tal-għajnuna,
c) id-data tal-għoti,
d) l-istrument tal-għajnuna, u
e) is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

Dan ta' hawn fuq se japplika wkoll mill-1 ta' Jannar 2027 għall-għajnuna de minimis mogħtija f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013, kif emendat.

2.6.4. Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER)

Bl-eċċezzjoni ta':

(c) For all other undertakings, the total amount of de minimis aid shall not exceed €300,000 per single undertaking over any period of three years.

This maximum de minimis threshold would include all State aid granted under the de minimis option of this aid scheme and any other State aid measure implemented in line with the applicable de minimis Regulation, including that received from any Maltese entity other than Transport Malta over a period of three years as applicable. Any de minimis aid received in excess of the established applicable threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

In the case of aid granted in line with the applicable de minimis Regulations, applicants will be required to fill in and submit, together with the application form, a signed de minimis declaration form indicating any de minimis aid received and/or applied for by the single undertaking during the applicable three-year reference period. The information to be provided shall include details regarding de minimis aid received and/or applied for, by all undertakings forming part of the single undertaking related to the applicant undertaking. This declaration shall also be signed and confirmed by a warranted auditor or accountant.

The rules on cumulation will be respected.

As of 1 January 2026, information on de minimis aid granted under this scheme in line with Commission Regulation (EU) 2023/2831, shall be made publicly available in the central de minimis aid register.

The following information shall be made public:

a) the identification of the beneficiary,
b) the aid amount,
c) the granting date,
d) the aid instrument, and
e) the sector involved on the basis of the statistical classification of economic activities in the Union ('NACE classification').

The above will also apply as of 1 January 2027 for de minimis aid awarded in line with Commission Regulation (EU) No 1408/2013, as amended.

2.6.4. General Block Exemption Regulation (GBER)

With the exception of:

impriżi li huma attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura[1]; u

impriżi, entitajiet jew organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE li jixtru vettura jew vetturi elettriċi tal-Kategorija L jew M1 jew N1 u li jibbenefikaw minn assistenza taħt din l-iskema għal tali xiri skont ir-Regolamenti applikabbli dwar l-għajnuna de minimis kif stipulat fit-taqsima 2.6.2; u

impriżi, entitajiet jew organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE li jikru vettura elettrika ġdida;

l-għotja għax-xiri ta' vettura elettrika jew vetturi elettriċi tal-Kategorija L jew M1 jew N1 se tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26,6,2014), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-għajnuna għall-infrastruttura tal-portijiet u tal-ajruporti, limiti ta' notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-wirt u għal għajnuna għall-isport u infrastrutturi rikreattivi multifunzjonali, u skemi ta' għajnuna operattiva reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 fir-rigward tal-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli (ĠU L 156, 20.06.2017), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u l-aġġustamenti rilevanti (ĠU L 215, 04/07/2020) , bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 270, 29/07/2021), bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/917 tal-4 ta' Mejju 2023 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 119, 05/05/2023), u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1315 tat-23 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat u r-Regolament (UE) 2022/2473 li jiddikjaraw ċerti kategoriji ta' għajnuna lil impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 167, 30/06/2023), hawnhekk imsejjaħ ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija.

[1]Għal impriżi attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, l-għajnuna tal-Istat tista' tingħata skont ir-Regolament de minimis applikabbli.

undertakings active in the fishery and aquaculture sector[1]; and

undertakings. entities or voluntary organisations, that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU that purchase one or more Category L or M1 or N1 electric vehicles and that benefit from assistance for such purchase in line with the applicable de minimis Regulations as stipulated in Section 2.6.2, and

undertakings, entities or voluntary organisations that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU that lease a new electric vehicle;

the grant for the purchase of one or more Category L or M1 or N1 electric vehicles will be implemented in line with Commission Regulation (EU) No. 651/2014 of 17 June 2014 declaring certain categories of aid compatible with the internal market in application of Articles 107 and 108 of the Treaty, (OJ L 187, 26.6.2014), as amended by Commission Regulation (EU) 2017/1084 of 14 June 2017 amending Regulation (EU) No 651/2014 as regards aid for port and airport infrastructure, notification thresholds for aid for culture and heritage conservation and for aid for sport and multifunctional recreational infrastructures, and regional operating aid schemes for outermost regions and amending Regulation (EU) No 702/2014 as regards the calculation of eligible costs (OJ L 156, 20.06.2017), by Commission Regulation (EU) 2020/972 of 2 July 2020 amending Regulation (EU) No 1407/2013 as regards its prolongation and amending Regulation (EU) No 651/2014 as regards its prolongation and relevant adjustments (OJ L 215, 04/07/2020), by Commission Regulation (EU) 2021/1237 of 23 July 2021 amending Regulation (EU) No 651/2014 declaring certain categories of aid compatible with the internal market in application of Articles 107 and 108 of the Treaty (OJ L 270, 29/07/2021), by Commission Regulation (EU) 2023/917 of 4 May 2023 correcting the Polish language version of Regulation (EU) No 651/2014 declaring certain categories of aid compatible with the internal market in application of Articles 107 and 108 of the Treaty (OJ L 119, 05/05/2023), and by Commission Regulation (EU) 2023/1315 of 23 June 2023 amending Regulation (EU) No 651/2014 declaring certain categories of aid compatible with the internal market in application of Articles 107 and 108 of the Treaty and Regulation (EU) 2022/2473 declaring certain categories of aid to undertakings active in the production, processing and marketing of fishery and aquaculture products compatible with the internal market in application of Articles 107 and 108 of the Treaty (OJ L 167, 30/06/2023), herein referred to as the General Block Exemption Regulation.

[1]For undertakings active in the fishery and aquaculture sector, State aid may be granted in line with the applicable *de minimis* Regulation.

L-ebda għajnuna mhi se tingħata lil dawk is-setturi espressament eskluži milli jirċievu għajnuna f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija, inkluži impriżi attivi fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura. Għajnuna mhix se tingħata lil impriża li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna mogħtija minn Malta illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Barra minn hekk, intrapriżi f'diffikultà huma fil-prinċipju eskluži mill-ambitu ta' din l-iskema, sakemm l-impriża ma kinitx f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019 iżda saret impriża f'diffikultà fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021. F'dan ir-rigward, l-applikant ikun meħtieġ li jissottometti Dikjarazzjoni Finanzjarja tas-Saħħa ppreparata u ffirmata minn awditur jew accountant bil-warrant li tistabbilixxi jekk l-impriża hix impriża żgħira, ta' daqs medju jew kbira, u li tikkonferma jekk l-impriża għandhiex titqies bħala impriża f'diffikultà jew le, f'konformità mad-definizzjonijiet u l-kundizzjonijiet applikabbli stipulati fir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija.

L-ispejjeż eliġibbli għall-investiment fix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero għandhom jikkonsistu fl-ispejjeż żejda tax-xiri tal-vettura b'emissjonijiet żero ġdida. Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu kkalkulati bħala d-differenza bejn l-ispejjeż ta' investiment għax-xiri tal-vettura b'emissjonijiet żero u l-ispejjeż ta' investiment għax-xiri ta' vettura tal-istess kategorija li tikkonforma mal-istandards applikabbli tal-Unjoni diġà fis-seħħ u li kienet tkun akkwistata mingħajr l-għajnuna.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa jew imposta oħra. It-taxxa fuq il-valur miżjud imposta fuq l-ispejjeż eliġibbli jew l-ispejjeż li huma rimborsabbli skont il-liġi nazzjonali applikabbli dwar it-taxxa, madankollu, ma għandhiex titqies għall-kalkolu tal-intensita' tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu sostnuti minn evidenza dokumentata li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja.

L-għajnuna pagabbli fil-futur, inkluża l-għajnuna pagabbli f'diversi pagamenti, għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fil-mument li tingħata l-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għall-finijiet ta' skont għandha tkun ir-rata ta' skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għajnuna.

Għall-għajnuna mogħtija skont ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali sħiħa, se jiġi żgurat li din l-iskema ma tinvolvix fiha nnifisha, bil-kundizzjonijiet marbuta magħha jew bil-metodu ta' finanzjament tagħha, ksur mhux separabbli tal-liġi tal-Unjoni. B'mod partikolari:

No aid will be granted to those sectors expressly excluded from receiving aid in line with Article 1 of the General Block Exemption Regulation, including undertakings active in the fishery and aquaculture sector. Aid will not be granted in favour of an undertaking which is subject to an outstanding recovery order following a previous Commission decision declaring an aid granted by Malta illegal and incompatible with the internal market.

Furthermore, undertakings in difficulty are in principle excluded from the scope of this scheme, unless the undertaking was not in difficulty on 31 December 2019 but became an undertaking in difficulty in the period from 1 January 2020 to 31 December 2021. In this regard, the applicant shall be required to submit a Financial Health Declaration prepared and signed by a warranted auditor or accountant establishing whether the undertaking is a small, medium-sized or large enterprise, and confirming whether the undertaking shall be considered as an undertaking in difficulty or not, in line with the applicable definitions and conditions stipulated in the General Block Exemption Regulation.

The eligible costs for investment in the purchase of zero-emission vehicles shall consist in the extra costs of purchasing the new zero-emission vehicle. These costs shall be calculated as the difference between the investment costs of purchasing the zero-emission vehicle and the investment costs of purchasing a vehicle of the same category that complies with applicable Union standards already in force and would have been acquired without the aid.

For the purposes of calculating aid intensity and eligible costs, all figures used shall be taken before any deduction of tax or other charge. Value added tax charged on eligible costs or expenses that is refundable under the applicable national tax law shall, however, not be taken into account for calculating aid intensity and eligible costs. The eligible costs shall be supported by documentary evidence which shall be clear, specific and contemporary.

Aid payable in the future, including aid payable in several instalments, shall be discounted to its value at the moment it is granted. The eligible costs shall be discounted to their value at the moment the aid is granted. The interest rate to be used for discounting purposes shall be the discount rate applicable at the moment the aid is granted.

For aid awarded in line with the General Block Exemption Regulation, it will be ensured that this scheme will not entail by itself, by the conditions attached to it or by its financing method, a non-severable violation of Union law. In particular:

a) l-għoti ta' għajnuna mhuwiex suġġett għall-obbligu li l-benefiċjarju jkollu l-kwartieri ġenerali tiegħu f' Malta jew li jkun stabbilit b 'mod predominanti f' Malta. Madankollu, ir-rekwiżit li jkun hemm stabbiliment jew fergħa f 'Malta fil-mument tal-ħlas tal-għajnuna, huwa permess;

b) l-għoti ta' għajnuna mhuwiex soġġett għall-obbligu li l-benefiċjarju juża oġġetti prodotti nazzjonalment jew servizzi nazzjonali.

L-ammont ta' assistenza m'għandux jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 4 (1) (s) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, kif emendat, jiġifieri EUR 30 miljun għal kull impriża għal kull proġett.

Għal kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija skont ir-Regolament għal eżenzjoni Ġenerali sħiħa, li taqbeż il-€100,000, jew għall-benefiċjarji attivi fil-produzzjoni agrikola primarja, kull għotja ta 'għajnuna individwali li taqbeż l-€10,000, id-dettalji tal-benefiċjarju, l-għajnuna mogħtija, u d-dettalji tal-proġett għandhom jiġu ppubblikati kif previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament għal eżenzjoni Ġenerali sħiħa, fi żmien 6 xhur mid-data li fiha ngħatat l-għajnuna.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna se jiġu rispettati.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u dokumenti ta' sostenn

3.1. Applikazzjonijiet sottomessi minn persuni residenti f'Malta jew minn impriża stabbilita f 'Malta jew Organizzazzjoni Volontarja jew entitajiet oħra skont ir-Regolamenti de minimis li jixtru vettura elettrika ġdida jew pedelec.

3.1.1. Applikazzjoni għal għotja għax-xiri ta' vettura elettrika ġdida jew pedelec sottomessa minn persuna residenti f'Malta jew minn impriża stabbilita f'Malta jew Organizzazzjoni Volontarja jew entitajiet oħra, skont ir-Regolamenti de minimis għandha ssir bis-sottomissjoni tal-partijiet relevanti tal-formola tal-applikazzjoni elettronika VEH 057 f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni stipulata fiha;

3.1.2. Mal-konferma tal-ordni tal-vettura elettrika kkonċernata, l-applikant għandu jimla' l-parti tal-formola għall-ordnijiet ta' vetturi elettriċi ġodda. Jekk l-applikant u l-vettura jinstabu li huma eliġibbli, l-Awtorità għandha tibbukkja l-għotja f'isem l-applikant;

3.1.3. Wara r-reġistrazzjoni tal-vettura elettrika kkonċernata, l-applikant għandu jimla l-parti tal-applikazzjoni għall-konferma ta' għotjiet ibbukkjati. Jekk il-vettura reġistrata taqbel mad-dettalji elenkati fil-

a) the granting of aid is not subject to the obligation for the beneficiary to have its headquarters in Malta or to be predominantly established in Malta. However, the requirement to have an establishment or branch in Malta at the moment of payment of the aid, is allowed;

b) the granting of aid is not subject to the obligation for the beneficiary to use nationally produced goods or national services.

The amount of assistance will not exceed the threshold laid down in Article 4(1)(s) of Commission Regulation (EU) No. 651/2014, as amended, i.e. €30 million per undertaking per project.

For any individual aid awarded granted in line with the General Block Exemption Regulation, which is in excess of €100,000, or for beneficiaries active in primary agricultural production, each individual aid award exceeding €10,000, the details of the beneficiary, the aid awarded, and the project details shall be published as provided for in Article 9 of the General Block Exemption Regulation, within 6 months from the date the aid was granted.

The rules on cumulation of aid will be respected.

3. Manner of application and supporting documents

3.1. Applications submitted by persons residing in Malta or by an undertaking established in Malta or a Voluntary Organisation or other entities in terms of the de minimis Regulations who buy a new electric vehicle or pedelec.

3.1.1. An application for a grant for the purchase of a new electric vehicle or pedelec submitted by a person residing in Malta or by an undertaking established in Malta or a Voluntary Organisation or other entities, in terms of the de minimis Regulations shall be made by submitting the relevant parts of the electronic application VEH 057, in compliance with any conditions stipulated therein;

3.1.2. Upon the confirmation of the order for the electric vehicle concerned, the applicant shall fill in the part of the form for the orders of new electric vehicles. If the applicant and vehicle are found to be eligible, the Authority shall book the grant on behalf of the applicant;

3.1.3. After the registration of the electric vehicle concerned, the applicant shall fill in the part of the application for the confirmation of booked grants. If the registered vehicle matches the details listed in the grant booking, the

prenotazzjoni tal-għotja, l-Awtorità għandha tipproċedi bil-ħlas tal-għotja lill-applikant.

3.1.4. Id-dokumenti li ġejjin għandhom ikunu meħtieġa biex isostnu l-applikazzjonijiet, kif indikat fit-Taqsimiet individwali tal-formola, għalkemm l-Awtorità tista' temenda din il-lista minn żmien għal żmien u tippubblika l-lista aġġornata fuq il-websajt u fuq il-formola tal-applikazzjoni.

Dokument ta' Sostenn	**Mal-Ordni ta' Vetturi**	**Mar-reġistrazzjoni tal-vettura**
Kopja tal-irċevuta rilevanti tad-depożitu, ordni jew kuntratt li tikkonferma t-tqegħid ta 'ordni għal vettura elettrika ġdida mix-xerrej, u li tindika l-għamla, mudell tal-vettura ordnata.	✓	☒
Prova li l-kont bankarju indikat għall-ħlas huwa miżmum, biss jew flimkien, mill-applikant jew minn konjuġi tal-applikant.	☒	✓
Fil-każ ta' applikazzjoni għall-iskema ta' skrappjar, ċertifikat ta' qerda maħruġ minn faċilità ta' trattament awtorizzata li jiċċertifika li l-vettura kkonċernata ġiet meqruda fil-faċilità ta' trattament awtorizzata.	☒	✓
Fil-każ ta' applikazzjoni sottomessa minn kumpanija, soċjetà bi sħubija jew trust: i. Ċertifikat ta' reġistrazzjoni; ii. Ċertifikat li jikkonferma l-'*Ultimate Beneficiary Owner*' (UBO) tal-impriża maħruġ mill-MBR jew imniżżel mill-websajt tal-MFSA fil-każ ta' trust, fil-format korrett kif stabbilit mill-MBR jew mill-MFSA skont il-każ; iii. Dikjarazzjoni ta' Għajnuna mill-Istat formola VEH 071.	☒	✓

3.1.4. The following documents shall be required to support the applications, as indicated in the individual Sections of the form, although the Authority may amend this list from time to time and publish the updated list on the website and on the application form.

Supporting Document	**On Order of vehicle**	**On registration of vehicle**
A copy of the relevant receipt of deposit, order or contract confirming the placing of an order for a new electric vehicle by the purchaser, and indicating the make, model of the ordered vehicle.	✓	☒
Evidence that the bank account indicated for payment is held, solely or jointly, by the applicant or by a spouse of the applicant.	☒	✓
In the case of an application for the scrappage scheme, a certificate of destruction issued by an authorised treatment facility certifying that the vehicle concerned has been destroyed in the authorised treatment facility.	☒	✓
In the case of an application submitted by a company, partnership or trust: i. A registration certificate; ii. A certificate confirming the undertaking's Ultimate Beneficiary Owner (UBO) issued by MBR or downloaded from MFSA's website in the case of a trust, in the correct format as established by the MBR or MFSA as the case may be; iii. State Aid Declaration form VEH 071.	☒	✓

Fil-każ ta' applikazzjoni sottomessa minn negozjant uniku jew kwalunkwe tip ieħor ta' impriża: i. Ċertifikat tal-VAT; ii. Dikjarazzjoni ta' Għajnuna mill-Istat formola VEH 071.	☒	✓
Fil-każ ta' applikazzjoni sottomessa minn organizzazzjoni volontarja: i. Ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, u ii. Jekk l-organizzazzjoni twettaq attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, id-Dikjarazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat VEH 071.	☒	✓
Fil-każ ta' applikazzjoni sottomessa minn entità: i. Dokument li jikkonferma l-identità tagħhom kif mitlub mill-Awtorità fuq bażi ta' każ b'każ, u ii. Kull dokument ta' sostenn ieħor li l-Awtorità tista' teħtieġ fuq bażi ta' każ b'każ. iii. Jekk l-impriża teżerċita attivitajiet ekonomiċi fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, id-Dikjarazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat VEH 071.	☒	✓

In the case of an application submitted by a sole trader or any other type of undertaking: i. A VAT certificate; ii. State Aid Declaration form VEH 071.	☒	✓
In the case of an application submitted by a voluntary organisation: i. A registration certificate issued by the Malta Council for the Voluntary Sector, and ii. If the organisation carries out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, the State Aid Declaration VEH 071.	☒	✓
In the case of an application submitted by an entity: i. A document confirming their identity as requested by the Authority on a case-by-case basis, and ii. Any other supporting document that the Authority may require on a case-by-case basis. iii. If the entity carries out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, the State Aid Declaration VEH 071.	☒	✓

3.2. Applikazzjonijiet sottomessi minn persuni residenti f'Malta jew minn impriża stabbilita f 'Malta jew Organizzazzjoni Volontarja jew entitajiet oħra skont ir-Regolamenti de minimis li jikru vettura elettrika ġdida.

3.2.1. Applikazzjoni għal għotja għall-kiri ta' vettura elettrika ġdida sottomessa minn persuna residenti f'Malta

3.2. Applications submitted by persons residing in Malta or by an undertaking established in Malta or a Voluntary Organisation or other entities in terms of the de minimis Regulations who lease a new electric vehicle.

3.2.1. An application for a grant for the lease of a new electric vehicle submitted by a person residing in Malta

jew minn impriża stabbilita f'Malta jew Organizzazzjoni Volontarja jew entitajiet oħra skont ir-Regolamenti de minimis, għandha ssir bis-sottomissjoni tal-partijiet relevanti tal-formola tal-applikazzjoni VEH 057C f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni stipulata fiha.

3.2.1.1. Iżda matul it-tul kollu tal-iskema, l-Awtorità tista' tinkludi l-applikazzjoni għal din l-għotja fil-formola tal-applikazzjoni elettronika msemmija fit-Taqsima 3.1.1 ta' dan id-dokument.

3.2.2. Meta l-operatur ta' servizz ta' kiri ta' vetturi li mingħandu tkun se tinkera l-vettura elettrika ġdida jikkonferma l-ordni tal-vettura elettrika kkonċernata, l-applikant għandu jimla' l-parti tal-formola għall-ordnijiet ta' vetturi elettriċi ġodda. Jekk l-applikant u l-vettura jinstabu li huma eliġibbli, l-Awtorità għandha tibbukkja l-għotja f'isem l-applikant.

3.2.3. Wara data ta' bidu tal-kirja, kif indikat fil-ftehim tal-kera tal-vettura elettrika kkonċernata, l-applikant għandu jimla l-parti għall-konferma ta' għotjiet ibbukkjati. Jekk il-vettura mikrija taqbel mad-dettalji elenkati fil-prenotazzjoni tal-għotja, l-Awtorità għandha tipproċedi bil-ħlas tal-għotja ibbukkjata f'isem l-applikant.

3.2.4. Id-dokumenti li ġejjin għandhom ikunu meħtieġa biex isostnu l-applikazzjonijiet, kif indikat fit-Taqsimiet individwali tal-formola, għalkemm l-Awtorità tista' temenda din il-lista minn żmien għal żmien u tippubblika l-lista aġġornata fuq il-websajt u fuq il-formola tal-applikazzjoni.

Dokument ta' Sostenn	**Mal-Ordni ta' Vetturi**	**Mar-reġistrazzjoni tal-vettura**
Kopja tal-irċevuta rilevanti tad-depożitu, ordni jew kuntratt li tikkonferma t-tqegħid ta' ordni għal vettura elettrika ġdida minn operatur ta' servizz ta' kiri ta' vetturi, sabiex tinkera lill-applikant, u li tindika l-għamla, mudell tal-vettura ordnata.	✓	☒
Kopja tal-ftehim ta' lokazzjoni tal-vettura li jidentifika b' mod ċar il-kerrej u t-tul tal-ftehim ta' lokazzjoni.	☒	✓
Prova li l-kont bankarju indikat għall-ħlas huwa miżmum, biss jew flimkien, mill-applikant jew minn konjuġi tal-applikant.	☒	✓

or by an undertaking established in Malta or a Voluntary Organisation or other entities in terms of the de minimis Regulations, shall be made by submitting the relevant parts of the application form VEH 057C, in compliance with any conditions stipulated therein.

3.2.1.1. Provided that throughout the duration of the scheme, the Authority may include the application for this grant within the electronic application form referred to in Section 3.1.1. of this document.

3.2.2. When the vehicle hire operator from whom the new electrical vehicle is to be leased confirms the order for the electric vehicle concerned, the applicant shall fill in the part of the form for the orders of new electric vehicles. If the applicant and vehicle are found to be eligible, the Authority shall book the grant on behalf of the applicant.

3.2.3. After the start date of the lease, as stipulated in the lease agreement of the electric vehicle concerned, the applicant shall fill in the part of the application for the confirmation of booked grants. If the leased vehicle matches the details listed in listed in the grant booking, the Authority shall proceed with the disbursement of the grant booked on behalf of the applicant.

3.2.4. The following documents shall be required to support the applications, as indicated in the individual Sections of the form, although the Authority may amend this list from time to time and publish the updated list on the website and on the application form.

Supporting Document	**On Order of vehicle**	**On registration of vehicle**
A copy of the relevant receipt of deposit, order or contract confirming the placing of an order for a new electric vehicle by a vehicle hire operator, to be leased to the applicant, and indicating the make, model of the ordered vehicle.	✓	☒
A copy of the lease agreement of the vehicle clearly identifying the lessee and the duration of the lease agreement.	☒	✓
Evidence that the bank account indicated for payment is held, solely or jointly, by the applicant or by a spouse of the applicant.	☒	✓

Fil-każ ta' applikazzjoni għall-iskema ta' skrappjar, ċertifikat ta' qerda maħruġ minn faċilità ta' trattament awtorizzata li jiċċertifika li l-vettura kkonċernata ġiet meqruda fil-faċilità ta' trattament awtorizzata.	☒	✓	In the case of an application for the scrappage scheme, a certificate of destruction issued by an authorised treatment facility certifying that the vehicle concerned has been destroyed in the authorised treatment facility.	☒	✓
Fil-każ ta' applikazzjoni sottomessa minn kumpanija, soċjetà bi sħubija jew trust: i. Ċertifikat ta' reġistrazzjoni; ii. Ċertifikat li jikkonferma l-'*Ultimate Beneficiary Owner*' (UBO) tal-impriża maħruġ mill-MBR; iii. Dikjarazzjoni ta' Għajnuna mill-Istat formola VEH 071.	☒	✓	In the case of an application submitted by a company, partnership or trust: i. A registration certificate; ii. A certificate confirming the undertaking's Ultimate Beneficiary Owner (UBO) issued by MBR; iii. State Aid Declaration form VEH 071.	☒	✓
Fil-każ ta' applikazzjoni sottomessa minn negozjant uniku jew kwalunkwe tip ieħor ta' impriża: i. Ċertifikat tal-VAT; ii. Dikjarazzjoni ta' Għajnuna mill-Istat formola VEH 071.	☒	✓	In the case of an application submitted by a sole trader or any other type of undertaking: i. A VAT certificate; ii. State Aid Declaration form VEH 071.	☒	✓
Fil-każ ta' applikazzjoni sottomessa minn organizzazzjoni volontarja: i. Ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, u ii. Jekk l-organizzazzjoni twettaq attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, id-Dikjarazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat VEH 071.	☒	✓	In the case of an application submitted by a voluntary organisation: i. A registration certificate issued by the Malta Council for the Voluntary Sector, and ii. If the organisation carries out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, the State Aid Declaration VEH 071.	☒	✓

Fil-każ ta' applikazzjoni sottomessa minn entità: i. Dokument li jikkonferma l-identità tagħhom kif mitlub mill-Awtorità fuq bażi ta' każ b'każ, u ii. Kull dokument ta' sostenn ieħor li l-Awtorità tista' teħtieġ fuq bażi ta' każ b'każ. iii. Jekk l-impriża teżerċita attivitajiet ekonomiċi fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, id-Dikjarazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat VEH 071.	☒	✓

In the case of an application submitted by an entity: i. A document confirming their identity as requested by the Authority on a case-by-case basis, and ii. Any other supporting document that the Authority may require on a case-by-case basis. iii. If the entity carries out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, the State Aid Declaration VEH 071.	☒	✓

3.3. Applikazzjoni fl-ambitu tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija

3.3.1. Applikazzjoni għal għotja sottomessa minn impriża stabbilita f'Malta jew Organizzazzjoni Volontarja li tkun twettaq attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, skont ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għandha ssir mix-xerrej billi jissottometti it-Taqsimiet li ġejjin tal-formola tal-applikazzjoni VEH 057B skont kwalunkwe kundizzjoni stipulata fiha.

3.3.1.1. Iżda matul it-tul kollu tal-iskema, l-Awtorità tista' tinkludi l-applikazzjoni għal din l-għotja fil-formola tal-applikazzjoni elettronika msemmija fit-Taqsima 3.1.1 ta' dan id-dokument.

3.3.2. Qabel ma jimpenja ruħu għax-xiri tal-vettura elettrika l-ġdida, l-applikant għandu jinforma lill-Awtorità permezz ta' email dwar l-intenzjoni li japplika taħt l-għażla ta' għajnuna mill-Istat tal-GBER ta' din l-iskema.

3.3.3. Mal-konferma tal-ordni għax-xiri tal-vettura elettrika ġdida kkonċernata l-applikant għandu jimla' l-parti tal-formola għall-ordnijiet ta' vetturi elettriċi ġodda. Jekk l-applikant u l-vettura jinstabu li huma eliġibbli, l-Awtorità għandha tibbukkja l-għotja f'isem l-applikant.

3.3.4. Wara r-reġistrazzjoni tal-vettura elettrika kkonċernata, l-applikant għandu jimla l-parti tal-applikazzjoni għall-konferma ta' għotjiet ibbukkjati. Jekk il-vettura reġistrata taqbel mad-dettalji elenkati fil-prenotazzjoni tal-għotja, l-Awtorità għandha tipproċedi bil-ħlas tal-għotja lill-applikant.

3.3. Applications submitted under the General Block Exemption Regulation (GBER)

3.3.1. An application for a grant submitted by an undertaking established in Malta or an entity or a Voluntary Organisation that carries out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, in terms of the General Block Exemption Regulation, shall be made by the purchaser by submitting the following sections of application form VEH057B in compliance with any conditions stipulated therein.

3.3.1.1. Provided that throughout the duration of the scheme, the Authority may include the application for this grant within the electronic application form referred to in Section 3.1.1. of this document.

3.3.2. Prior to committing for the purchase of the new electric vehicle, the applicant shall inform the Authority via email of the intention to apply under the GBER State Aid option of this scheme.

3.3.3. Upon confirmation of the order for the purchase of the new electric vehicle concerned, the applicant shall fill in the part of the form for the orders of new electric vehicles. If the applicant and vehicle are found to be eligible, the Authority shall book the grant on behalf of the applicant.

3.3.4. After the registration of the electric vehicle concerned, the applicant shall fill in the part of the application for the confirmation of booked grants. If the registered vehicle matches the details listed in the grant booking, the Authority shall proceed with the disbursement of the grant to the applicant.

3.3.5. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti li ġejjin, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-formola tal-applikazzjoni, għalkemm l-Awtorità tista' temenda din il-lista minn żmien għal żmien u tippubblika l-lista aġġornata fuq il-websajt u fuq il-formola tal-applikazzjoni.

Dokument ta' Sostenn	**Qabel l-ordni tal-vettura**	**Mal-Ordni tal-vettura**	**Mar-reġistrazzjoni tal-vettura**
Il-kwantità, il-mudell, l-għamla, il-Kategorija tal-UE u l-prezz tal-bejgħ tal-vetturi li l-applikant biħsiebu jixtri u jinkludi fl-applikazzjoni għal għotja taħt l-għażla ta' għajnuna mill-Istat tal-GBER.	✓	☒	☒
Kopja tal-irċevuta rilevanti tad-depożitu, ordni jew kuntratt li tikkonferma t-tqegħid ta' ordni għal vettura elettrika ġdida mix-xerrej.	☒	✓	☒
Fil-każ ta' applikazzjoni għall-iskema ta' skrappjar, ċertifikat ta' qerda maħruġ minn faċilità ta' trattament awtorizzata li jiċċertifika li l-vettura kkonċernata ġiet meqruda fil-faċilità ta' trattament awtorizzata.	☒	☒	✓
Jekk l-applikant huwa kumpanija jew soċjetà fi sħubija jew trust: i. Ċertifikat ta' reġistrazzjoni; ii. Ċertifikat li jikkonferma l-Ultimate Beneficiary Owner (UBO) tal-impriża maħruġ mill-MBR;	✓	☒	✓
Jekk l-applikant huwa negozjant uniku jew kwalunkwe tip ieħor ta' impriża ħlief kumpannija jew soċjetà fi sħubija: i. Ċertifikat tal-VAT;	✓	☒	✓

3.3.5. Applications shall be accompanied by the following documents, unless otherwise specified in the application form, although the Authority may amend this list from time to time and publish the updated list on the website and on the application form:

Supporting Document	**Before ordering vehicle**	**On order of vehicle**	**On registration of vehicle**
The quantity, model, make, EU Category and selling price of the vehicles that the applicant intends to purchase and include in the application for a grant under the GBER State Aid option.	✓	☒	☒
A copy of the relevant receipt of deposit, order or contract confirming the placing of an order for a new electric vehicle by the purchaser.	☒	✓	☒
In the case of an application for the scrappage scheme, a certificate of destruction issued by an authorised treatment facility certifying that the vehicle concerned has been destroyed in the authorised treatment facility.	☒	☒	✓
If applicant is a company or partnership: i. A registration certificate; ii. A certificate confirming the undertaking's Ultimate Beneficiary Owner (UBO) issued by MBR;	✓	☒	✓
If applicant is a sole trader or any other type of undertaking but not a company or a partnership: i. A VAT Certificate.	✓	☒	✓

Prova li l-kont bankarju indikat għall-ħlas huwa miżmum, biss jew flimkien, mill-applikant jew minn konjuġi tal-applikant.	☒	☒	✓
Id-Dikjarazzjoni tas-Saħħa Finanzjarja VEH074.	✓	✓*	☒

*Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jaslu iktar minn 3 xhur wara l-preżentazzjoni tas-sezzjoni A

3.4. Applikanti li issottomettew parti tal-formola tal-applikazzjoni skont il-klawsola 3.1.2 jew 3.2.2 jew 3.3.3 t'hawn fuq matul l-2025 għandhom ikunu jistgħu jissottomettu l-parti nieqsa tal-istess formola applikazzjoni wara r-reġistrazzjoni jew il-kiri tal-vettura elettrika jew il-kunsinna tal-pedelec matul l-2026 mingħajr il-bżonn li jibdew il-proċess tal-applikazzjoni mill-ġdid;

3.5. Fil-każ ta' applikazzjoni dwar vettura elettrika ġdida li ma tkunx mikrija, is-Sid Benefiċjarju Aħħari (UBO) tax-xerrej tal-vettura għandu jitqies bħala l-applikant aħħari skont din l-iskema.

3.6. Fil-każ ta' applikazzjoni dwar vettura elettrika ġdida li tkun mikrija, is-Sid Benefiċjarju Aħħari (UBO) tal-kerrej għandu jitqies bħala l-applikant aħħari skont din l-iskema.

3.7. L-applikazzjonijiet b'mod elettroniku taħt din l-iskema, fejn ikun applikabbli, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi permezz tal-e-form aċċessibbli mill-paġna tal-informazzjoni dwar din l-iskema fit-taqsima tat-Trasport fuq l-Art tas-sit elettroniku ta' Transport Malta;

3.8. L-applikazzjonijiet bil-karta taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi mill-applikant matul il-ġranet u ħinijiet tax-xogħol applikabbli f'wieħed mill-uffiċċji ta' Transport Malta f'Malta u Għawdex, jew jiġu mibgħuta bil-posta skont l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-Sit ta' Transport Malta.

3.9. Negozjant liċenzjat/negozjant interim jew aġent tal-karozzi li jixtri xi waħda minn dawn il-vetturi għal skopijiet ta' showroom u bejgħ għandu l-għażliet li ġejjin:

3.9.1. Japplika għall-għotja iżda meta jerġa' jbigħ dik il-vettura, ix-xerrej ma jkunx jista' jerġa' japplika għall-għotja fuq l-istess vettura, inkluża għal għotja tal-vettura użata; jew

Evidence that the bank account indicated for payment is held, solely or jointly, by the applicant or by a spouse of the applicant.	☒	☒	✓
The Financial Strength Declaration VEH074.	✓	✓*	☒

*If 3 months pass from Submission of Section A

3.4. Applicants who booked a grant in accordance with clause 3.1.2 or 3.2.2. or 3.3.3 during 2025 may submit the remaining part of the same application form after the registration or the lease of the electrical vehicle or the delivery of the pedelec during 2026 without the need to start a new application process.

3.5. In the case of an application for a new electric vehicle that is not leased, the Ultimate Beneficiary Owner (UBO) of the purchaser of the vehicle shall be considered as the ultimate applicant in terms of this scheme.

3.6. In the case of an application for a new electric vehicle that is leased, the Ultimate Beneficiary Owner (UBO) of the lessee of the vehicle shall be considered as the ultimate applicant in terms of this scheme.

3.7. Electronic applications under this scheme, where applicable, together with all the relevant documents, shall be submitted through the e-form accessible from the information page about this scheme in the Land Transport section of Transport Malta's website;

3.8. Paper applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant during the applicable working days and time at one of Transport Malta's offices in Malta and Gozo or mailed according to the instructions available on the website of Transport Malta.

3.9. A licensed dealer/interim dealer or car agent purchasing any of these vehicles for showroom and sales purposes has the following options:

3.9.1. Apply for the grant himself but on re-selling such vehicle, the buyer cannot re-apply for the grant on the same vehicle, including for a used vehicle grant; or

3.9.2. Jitlob lill-Awtorità biex tikklassifika l-vettura bħala vettura demo sabiex meta jerġa' jbigħ tali vettura, ix-xerrej ikun jista' japplika għal għotja taħt din l-iskema sakemm ir-reġistrazzjoni fuq ix-xerrej il-ġdid ma sseħħx aktar tard minn sena mid-data tar-reġistrazzjoni fuq in-negozjant liċenzjat/negozjant interim jew aġent tal-karozzi.

4. Eliġibbiltà

4.1. Biex ikunu eliġibbli, applikanti għandhom jikkonformaw mat-Taqsima 2 u japplikaw f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 3.

4.2. Biex tikkwalifika għall-għotja, il-vettura tal-Kategorija L, M1 jew N1 jew pedelec li tkun qed tiġi rreġistrata għandha:

a) tkun ġdida;

b) tkun ġiet irreġistrata f'Malta wara l-1 ta' Jannar 2025; u

c) tkun illiċenzjata biex tiċċirkola fin-network ta' toroq pubbliċi ta' Malta.

4.3. Biex tikkwalifika għall-għotja, il-vettura tal-Kategorija L, M1 jew N1 li tkun ġiet mikrija għandha:

a) tkun ġdida;

b) tkun ġiet mikrija lill-applikant fil jew wara l-1 ta' Jannar 2026;

c) tkun illiċenzjata biex tiċċirkola fin-network ta' toroq pubbliċi ta' Malta.; u

d) Ma tkunx inkrit li kerrej ieħor qabel.

4.4. Biex tikkwalifika għall-iskema tal-iskrappjar, il-vettura bil-mutur li titneħħa mir-reġistrazzjoni għandha:

a) Ikollha mill-inqas għaxar (10) snin fid-data tal-applikazzjoni, l-età tal-vettura tiġi ddeterminata bħala s-sena kalendarja fid-data tal-applikazzjoni nieqes is-sena tal-manifattura kif iċċertifikat fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura

b) tkun liċenzjata jew ggaraxxjata ma' Transport Malta f'isem l-applikant qabel ma tinqered u mill-inqas fid-data tar-reġistrazzjoni tal-vettura elettrika ġdida li għaliha tkun

3.9.2. Ask the Authority to classify the vehicle as a demo vehicle so that on re-selling such vehicle, the buyer can apply for a grant under this scheme if the registration on the new buyer does not happen later than 1 year from the date of registration on the licensed dealer/interim dealer or car agent.

4. Eligibility

4.1. To be eligible, applicants shall conform with Section 2 and apply in compliance with the requirements stipulated in Section 3.

4.2. To qualify for the grant, the Category L, M1 or N1 Vehicle being registered or pedelec being purchased shall:

a) be new;

b) have been registered in Malta after the 1st of January 2025; and

c) be licensed to circulate in Malta's public road network.

4.3. To qualify for the grant, the Category L, M1 or N1 Vehicle being leased shall:

a) be new;

b) have been leased to the applicant on or after the 1st of January 2026;

c) be licensed to circulate in Malta's public road network; and

d) have never been leased to any other lessee before.

4.4. To qualify for the scrappage scheme, the motor vehicle to be de-registered shall:

a) be at least ten (10) years old on the date of application, with the age of the vehicle being determined as the calendar year on the date of application less the year of manufacture as certified on the vehicle's registration certificate;

b) be licensed or garaged with Transport Malta in the name of the applicant before it is destroyed and at least on the date of registration of the new electric vehicle for which

qed tintalab l-għotja relatata, kif muri fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura jew kif ikkonfermat minn Transport Malta;

c) ladarba tiġi meqruda, titneħħa mir-reġistrazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (LS368.02). Għandu jiġi pprovdut iċ-ċertifikat ta' distruzzjoni.

d) Vetturi mneħħija mir-reġistrazzjoni li jkunu bbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-L.S.65.24 ma jkunux eliġibbli għal din l-iskema tal-iskrappjar.

5. Ħlas tal-Għotja

5.1. Meta applikant jikkwalifika għall-għotja, l-għotja għandha titħallas direttament lill-applikant.

5.2. Fil-każ ta' għotja għax-xiri ta' vettura elettrika ġdida jew pedelec, il-ħlas tal-għotja għandu jsir f'pagament wieħed (1) wara l-approvazzjoni tal-għotja.

5.3. Fil-każ ta' għotja għal-kiri ta' vettura elettrika ġdida, il-ħlas tal-għotja għandu jsir f'erba' (4) pagamenti, kull wieħed ekwivalenti għal 25% tal-għotja totali, skont kif ġej hawn taħt:

a) L-ewwel pagament wara l-approvazzjoni tal-għotja;

b) It-tieni pagament ma' għeluq l-ewwel sena mill-approvazzjoni tal-għotja, jekk l-operatur tas-servizz tal-kiri ta' vetturi jikkonferma li l-kerrej ikun ħallas il-kera kolla dovuta u li l-ftehim tal-kera jkun għadu effettiv;

c) It-tielet pagament ma' għeluq it-tieni sena mill-approvazzjoni tal-għotja, jekk l-operatur tas-servizz tal-kiri ta' vetturi jikkonferma li l-kerrej ikun ħallas il-kera kolla dovuta u li l-ftehim tal-kera jkun għadu effettiv;

d) Ir-raba' pagament ma' għeluq it-tielet sena mill-approvazzjoni tal-għotja, jekk l-operatur tas-servizz tal-kiri ta' vetturi jikkonferma li l-kerrej ikun ħallas il-kera kolla dovuta u li l-ftehim tal-kera jkun għadu effettiv.

Peress li l-għajnuna se titħallas f 'diversi pagamenti, din għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għall-finijiet ta' skont għandha tkun ir-rata ta' skont applikabbli fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna.

the related grant is being requested, as shown on the vehicle's registration certificate or as confirmed by Transport Malta;

c) once destroyed, be de-registered in accordance with the provisions of Part VIII of the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (SL368.02). Certificate of Destruction shall be provided.

d) Deregistered vehicles which had benefitted from the provisions of S.L.65.24 shall not be eligible for this scrappage scheme.

5. Payment of Grant

5.1. Where an applicant qualifies for the grant, the grant shall be paid directly to the bank account indicated by the applicant in the appropriate application form.

5.2. In the case of a grant for the purchase of a new electrical vehicle or pedelec, the grant shall be paid in one (1) instalment following the approval of the grant.

5.3. In the case of a grant for the lease of a new electrical vehicle, the grant shall be paid in four (4) instalments, each equivalent to 25% of the total grant, as per below:

a) The first instalment upon approval of the grant;

b) The second instalment at the end of the 1st year from the approval of the grant, if the vehicle hire operator confirms that the lessee paid all rent due, and that the rental agreement is still effective;

c) The third instalment at the end of the 2nd year from the approval of the grant, if the vehicle hire operator confirms that the lessee paid all rent due, and that the rental agreement is still effective;

d) The fourth instalment at the end of the 3rd year from the approval of the grant, if the vehicle hire operator confirms that the lessee paid all rent due, and that the rental agreement is still effective;

Since the aid will be payable in several instalments, it shall be discounted to its value at the moment it is granted. The interest rate to be used for discounting purposes shall be the discount rate applicable at the time the aid is granted.

5.4. L-għotja mogħtija lil-applikant ma għandhiex tiġi assessjata bħala dħul għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul.

5.5. Impriżi u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika li japplikaw għall-għotja xorta jistgħu jibbenefikaw minn inċentivi fis-seħħ fir-rigward tax-xiri ta' vetturi elettriċi u pedelecs ġodda għal skopijiet ta' taxxa.

5.6. Vettura hija eliġibbli għal għotja waħda biss, u jekk is-sid oriġinali (il-benefiċjarju) ibigħ il-vettura fis-suq tal-vetturi użati wara li jgħaddi l-perjodu msemmi fit-Taqsima 7, is-sid il-ġdid tal-istess vettura jew pedelec ma jkunx intitolat li japplika għal xi għotja relatata ma' dik il-vettura, fil-każ li dik l-għotja tkun għadha disponibbli.

6. Validità tal-applikazzjoni

6.1. Applikazzjoni m'għandhiex titqies li ġiet sottomessa mill-applikant sakemm ma tkunx mimlija b'mod sħiħ u tkun akkumpanjata mid-dokumenti rilevanti kollha. Jekk l-applikazzjoni ma timteliex b'mod korrett u d-dokumenti rilevanti mhumiex inklużi, it-talba għall-għotja m'għandhiex tiġi pproċessata sakemm ma tingħatax l-informazzjoni nieqsa.

6.2. L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli għal xi telf ta' għotjiet jew opportunitajiet li jirriżultaw mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta.

7. Rifużjoni tal-għotja

7.1. Kwalunkwe vettura elettrika jew pedelec tal-Kategorija L, M jew N ġdida mixtrija mill-applikant taħt din l-għotja għandha tibqa' reġistrata f'isem l-applikant għal perjodu ta' mill-inqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni.

7.2. Jekk is-sid reġistrat ta' vettura elettrika jew pedelec ġdida li fuqha tkun inħarġet għotja taħt din l-iskema jittrasferixxi l-imsemmija vettura qabel ma jiskadi l-perjodu msemmi hawn fuq, allura dik il-persuna għandha tirrifondi l-għotja li tkun irċeviet mingħand Transport Malta.

7.3. Ir-rifużjoni msemmija f'7.2. hawn fuq m'għandhiex tkun meħtieġa fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

7.3.1. Meta t-trasferiment imsemmi hemmhekk ikun trasferiment causa mortis lil werriet jew lil terz jew

5.4. The grant given to the applicant shall not be assessed as income for income tax purposes.

5.5. Undertakings, voluntary organisations that carry out an economic activity and entities that are subject to State Aid Regulations applying for the grant can still benefit from incentives in place with respect to the purchase of new electric vehicles and pedelecs for tax purposes.

5.6. A vehicle is only eligible for one grant, and if the original owner (the beneficiary) sells the vehicle on the used market after the period referred to in Section 7 elapses, the new owner of the same vehicle will not be entitled to apply for any grant related to that vehicle, in the case such a grant would still be available.

6. Validity of application

6.1. An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided.

6.2. The Authority shall not be held responsible for any loss of grants or opportunities resulting from the submission of an incomplete or incorrect application.

7. Refunding of grant

7.1. Any new Category L, M1 or N1 electric vehicle or pedelec purchased by the applicant under this grant shall remain registered in the applicant's name for a period of at least thirty-six (36) months from the date of first registration.

7.2. If the registered owner of a new electric vehicle or pedelec on which a grant has been issued under this scheme transfers the said vehicle before the expiry of the above-mentioned period, then that person shall refund the grant received from Transport Malta.

7.3. The refund mentioned in 7.2. above shall not be required in the following circumstances:

7.3.1. When the transfer mentioned therein is a transfer causa mortis to an heir or to a third party or transfer

trasferiment inter vivos favur il-miżżewġin, axxendenti, u kollaterali diretti.

7.3.2. Meta t-trasferiment jinvolvi vettura elettrika mixtrija taħt din l-għotja li tiġi ddikjarata li ma tistax tissewwa wara aċċident jew għal kwalunkwe raġuni oħra, tiġi skrappjata mill-applikant, tiġi rritornata lill-aġent oriġinali, jew tiġi trasferita lill-kumpanija tal-assigurazzjoni li magħha hija assigurata, u mbagħad tiġi sostitwita b'vettura elettrika ġdida, f'liema każ il-kundizzjonijiet relatati ma' din l-għotja għandhom jiġu trasferiti għall-vettura elettrika li tissostitwixxi dik oriġinali. Ir-restrizzjoni ta' tliet snin għandha tapplika mid-data tar-reġistrazzjoni tal-vettura elettrika ġdida oriġinali. Jekk il-vettura oriġinali tiġi rritornata lill-aġent jew trasferita lil kumpanija tal-assigurazzjoni u mbagħad tissewwa u tiġi trasferita lil sid ġdid, dak is-sid ma jkunx eliġibbli għal xi għotja taħt din l-iskema jew taħt l-iskema għal Vetturi Elettriċi Użati.

7.3.2.1. Jekk il-vettura elettrika rritornata msemmija fil-paragrafu preċedenti tiġi msewwija u mibjugħa mill-ġdid mill-istess aġent jew negozjant, ix-xerrej ta' dik il-vettura għandu jkun intitolat għall-inċentivi finanzjarji għax-xiri ta' vetturi elettriċi użati jekk l-iskema tkun disponibbli fiż-żmien tat-trasferiment.

7.3.3. Meta t-trasferiment jinvolvi vettura elettrika mixtrija taħt din l-għotja li tiġi rritornata lill-aġent jew negozjant oriġinali għal kwalunkwe raġuni, u fejn l-aġent jew negozjant jaċċetta li jibdel l-imsemmija vettura elettrika b'vettura elettrika ġdida, f'liema każ il-kundizzjonijiet relatati ma' din l-għotja għandhom jiġu trasferiti għall-vettura elettrika li tieħu post dik oriġinali. Ir-restrizzjoni ta' tliet snin għandha tapplika mid-data tar-reġistrazzjoni tal-vettura elettrika ġdida oriġinali.

7.3.4. Meta impriża titneħħa minn ġewwa impriża waħda u l-vettura tiġi trasferita lil impriża oħra fi ħdan l-istess impriża waħda, minn impriża għal oħra li jkollha direttur wieħed jew trasferita minn impriża għal wieħed mid-diretturi f'ismu.

7.4. Meta vettura elettrika mixtrija taħt din l-għotja tiġi rritornata lill-aġent jew negozjant oriġinali għal kwalunkwe raġuni, u l-aġent jew negozjant ma jibdilhiex b'vettura elettrika ġdida iżda jirrifondi lill-applikant bil-prezz kollu jew parzjali mħallas għall-vettura elettrika ġdida, jew jibdilha ma' vettura mgħammra b'magna ta' kombustjoni interna, l-applikant għandu jirrifondi parti mill-għotja riċevuta għall-

inter vivos in favour of spouses, ascendants, and direct collaterals.

7.3.2. When the transfer involves an electric vehicle purchased under this grant which is declared to be unrepairable following an accident or for any other reason, is scrapped by the applicant, is returned to the original agent, or is transferred to the insurance company with which it is insured, and is then replaced by a new electric vehicle, in which case the conditions related to this grant shall be transferred to the electric vehicle replacing the original one. The three years restriction shall apply from the date of registration of the original new electric vehicle. If the original vehicle is returned to the agent or transferred to an insurance company and is then repaired and transferred to a new owner, that owner shall not be eligible to any grant under this scheme or under the scheme for Used Electric Vehicles.

7.3.2.1. If the returned electric vehicle mentioned in the previous paragraph is repaired and sold again by the same agent or dealer, the purchaser of that vehicle shall be entitled for the financial incentives for the purchase of used electric vehicles if the scheme is available at time of transfer.

7.3.3. When the transfer involves an electric vehicle purchased under this grant which is returned to the original agent or dealer for any reason, and where the agent or dealer accepts to replace the said electric vehicle with a new electric vehicle, in which case the conditions related to this grant shall be transferred to the electric vehicle replacing the original one. The three years restriction shall apply from the date of registration of the original new electric vehicle.

7.3.4. When an undertaking is struck off from within a single undertaking and the vehicle is transferred to another undertaking within the same single undertaking, from one undertaking to another having one common director or transferred from an undertaking to the name of one of the directors.

7.4. When an electric vehicle purchased under this grant is returned to the original agent or dealer for any reason, and the agent or dealer does not replace it with a new electric vehicle but refunds the applicant with all or part of the price paid for the new electric vehicle, or replaces it with a vehicle equipped with an internal combustion engine, the applicant shall refund part of the grant received for the new electric

vettura elettrika ġdida skont il-perjodu li għadda mix-xiri tal-vettura u r-ritorn tagħha lill-aġent, kif elenkat hawn taħt:

a) Inqas minn 12-il xahar: 75%;

b) Aktar minn 12-il xahar iżda inqas minn 24 xahar: 50%;

c) Aktar minn 24 xahar iżda inqas minn 36 xahar: 25%.

7.4.1. Jekk il-vettura elettrika rritornata msemmija fil-paragrafu preċedenti tiġi msewwija u mibjugħa mill-ġdid mill-istess aġent jew negozjant, ix-xerrej ta' dik il-vettura għandu jkun intitolat għall-inċentivi finanzjarji għax-xiri ta' vetturi elettriċi użati jekk l-iskema tkun disponibbli fiż-żmien tat-trasferiment.

7.5. Il-perjodu ta' żmien imsemmi f'7.1 ma japplikax għal importaturi u aġenti tal-karozzi liċenzjati li jużaw il-vetturi mixtrija għal skopijiet ta' dimostrazzjoni. F'dawn il-każijiet, l-importaturi jistgħu jerġgħu jbigħu dawn il-vetturi mingħajr ma jirrifondu lura l-għotja li ngħataw taħt din l-iskema anki jekk il-bejgħ iseħħ fil-perjodu ta' 36 xahar wara r-reġistrazzjoni. F'każijiet bħal dawn, ix-xerrejja tal-vetturi kkonċernati ma jkunux eliġibbli għal xi għotja u l-bejjiegħ għandu jiżgura li dan jiġi kkunsidrat fil-prezz tal-bejgħ tal-vettura.

8. Tul tal-iskema

8.1. Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom jiġu aċċettati sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sal-eżawriment tal-fondi bbaġitjati, sakemm ma tiġix modifikata jew mitmuma minn qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Minkejja dan, il-Gvern jista' jtemm jew jestendi l-iskema fi kwalunkwe ħin billi jagħti avviż minn qabel.

8.2. L-applikazzjonijiet li jaslu fi żmien l-iskadenza stipulata f'8.1 jistgħu jiġu mħallsa sal-31 ta' Diċembru 2027.

8.3. L-iskema tista' tiġġedded kif jidhirlu li jkun meħtieġ mill-Ministru permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Emendi għall-iskema

9.1. Il-Ministru responsabbli għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi għandu jkollu d-dritt li jagħmel xi emendi għal din l-iskema permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

vehicle depending on the period elapsed from the purchase of the vehicle and its return to the agent, as listed below:

a) Less than 12 months: 75%;

b) More than 12 months but less than 24 months: 50%;

c) More than 24 months but less than 36 months: 25%.

7.4.1. If the returned electric vehicle mentioned in the previous paragraph is repaired and sold again by the same agent or dealer, the purchaser of that vehicle shall be entitled for the financial incentives for the purchase of used electric vehicles if the scheme is available at time of transfer.

7.5. The time frame mentioned in 7.1 does not apply for licensed car importers and agents using the bought vehicles for demonstration purposes. In such cases, the importers may re-sell such vehicles without refunding back the grant availed of under this scheme even if the sale occurs within the 36 months period after registration. In such cases, the buyers of the vehicles concerned will not be eligible for any grant and the seller should ensure that this is factored in the sale price of the vehicle.

8. Duration of scheme

8.1. Applications under this scheme shall be accepted until the 31st of December 2026 or until the exhaustion of allocated funds, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. Notwithstanding, Government may terminate or extend the scheme at any time by giving prior notice.

8.2. Applications received within the deadline stipulated in 8.1 may be paid out until 31st December 2027.

8.3. The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister by a Notice in the Government Gazette.

9. Amendments to the scheme

9.1. The Minister responsible for Transport, Infrastructure and Public Works shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

10. Talbiet b'qerq

10.1. Meta tinqala' talba frawdolenti, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Pulizija biex jinbdew proċeduri kriminali. F'każ ta' ħlas ħażin ta' talba, il-Ministru responsabbli għat-Trasport jirriżerva d-dritt li jirkupra fondi mħallsa bi żball. Dan japplika wkoll għal impriżi u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika, speċjalment fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-Għajnuna mill-Istat. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta hija korretta.

10.2. Transport Malta tirriserva d-dritt li tagħmel il-kontrolli u tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fir-rigward tas-Sid Benefiċjarju Aħħari (UBO) sabiex tikkonferma l-konformità mar-regolamenti kollha relevanti.

11. Talbiet għal reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità

11.1. Fejn applikant jiġi infurmat li applikazzjoni għal għotja ġiet irrifjutata jew ma jaqbilx mal-ammont tal-għotja assenjata għal applikazzjoni partikolari, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jitlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni kkonċernata.

11.2. Biex jeżerċita tali dritt, l-applikant għandu jippreżenta talba fi żmien 30 jum minn meta jirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità, kemm jekk din tasal permezz ta' ittra jew ta' email. Talba bħal din għandha tintbagħat, bil-posta jew bl-email lill-uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità, jew lil uffiċċju ieħor skont kif delegat mill-Kap Eżekuttiv, u għandha tinkludi spjegazzjoni għaliex l-applikant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Awtorità, flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' sostenn applikabbli.

11.3. Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għandu jaħtar bord intern magħmul minn tal-anqas tliet (3) persuni li mhumiex involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għotja. Dan il-bord għandu jirrevedi t-talba tal-applikant, id-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorità, l-applikazzjoni oriġinali u kwalunkwe dokument u informazzjoni rilevanti oħra u għandu jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità għandhiex tinżamm jew tinbidel. Il-bord għandu jippreżenta d-deċiżjonijiet tiegħu lill-Kap Eżekuttiv, jew lil uffiċċju delegat mill-Kap Eżekuttiv, li mbagħad għandu jikkomunika d-deċiżjoni finali lill-applikant.

10. Fraudulent claims

10.1. Where a fraudulent claim arises, the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works shall report the matter to the Police for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the Minister responsible for Transport reserves the right to recover funds paid in error. This also applies to undertakings and voluntary organisations that carry out an economic activity, especially with respect to State Aid regulations. Applicants are to make sure that the information provided is correct.

10.2. Transport Malta reserves the right to carry out any necessary checks and actions based on the information provided in respect of the Ultimate Beneficiary Owner (UBO) to confirm compliance with all relevant regulations.

11. Requests for revision of Authority's decisions

11.1. Where an applicant is informed that an application for a grant is refused or does not agree with the grant amount assigned for a given application, the applicant shall have the right to request a revision of the Authority's decision concerning the application concerned.

11.2. To exercise such right, the applicant shall present a request within 30 days from receipt of the Authority's decision, whether this is received via letter or email. Such request shall be sent, by mail or by email to the office of the Chief Executive Officer of the Authority, or to another office as delegates by the Chief Executive Officer and shall include an explanation of why the applicant does not agree with the Authority's decision, along with any applicable supporting documents.

11.3. The Chief Executive Officer of the Authority shall appoint an internal board composed of at least three (3) persons who are not involved in the processing of the grant applications. This board shall review the applicant's request, the original decision of the Authority, the original application and any other relevant documents and information and shall decide whether the Authority's decision shall be withheld or changed. The board shall present its decisions to the Chief Executive Officer, or to the office delegated by the Chief Executive Officer, who shall then communicate the final decision to the applicant.

Anness: L-ammonti tal-għotja applikabbli għax-xiri u l-kiri ta' vetturi elettriċi tal-kategorija L, jew M jew N, jew pedelecs ġodda.

Tabella 1: Inċentivi li jitħallsu wara li tiġi rreġistrata vettura jew pedelec elettrika ġdida.

Tip ta' vettura		Ammont tal-Għotja skont it-tip ta' Applikant u r-Regoli tal-Għajnuna mill-Istat.		
		• **Persuni naturali residenti f'Malta;** • **Organizzazzjonijiet Volontarji jew entitajiet li ma jwettqux attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.**	• **Impriżi stabbiliti f'Malta;** • **Organizzazzjonijiet volontarji jew entitajiet li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.**	
			Regoli tal-Għajnuna mill-Istat De Minimis	**Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER) (ma tapplikax għal karozzi mikrija)**
Pedelecs		€650 kull vettura.	€650 kull vettura.	Mhux Applikabbli
Pedelecs tal-merkanzija L1e-A - Ċikli mħaddma L1e-B - Mopeds b'żewġ roti L2e - Mopeds bi tliet roti; L3e-A1 - Muturi ta' prestazzjoni baxxa. L3e-A2 - Muturi ta' prestazzjoni medja; L3e-A3 - Muturi ta' prestazzjoni għolja; L4e-A1 - Muturi ta' prestazzjoni baxxa b'side-car. L4e-A2 - Muturi ta' prestazzjoni medja b'side-car. L4e-A3 - Muturi ta' prestazzjoni għolja b'side-car.		€2,000 għal kull vettura, iżda mhux aktar minn 80% tal-ispiża mġarrba għax-xiri tal-vettura mill-applikant jew mill-kumpanija tal-kiri qabel ma l-vettura elettrika l-ġdida tinkera lill-applikant.	€2,000 kull vettura, imma mhux aktar minn 80% tal-prezz tal-bejgħ.	Skont kif stipulat fit-Tabella 3, imma sa massimu ta' €2,000
L5e - Triċikli mħaddma. L6e - Kwadriċikli ħfief jew kwadri-mobiles. L7e - Kwadriċikli tqal jew kwadri-mobiles		25% taċ-CIF, sa massimu ta' €6,000 kull vettura, minimu ta' €2,000	25% taċ-CIF, sa massimu ta' €6,000 kull vettura, minimu ta' €2,000	Skond kif stipulat fit-Tabella 3 iżda b'limitu massimu ta' €6,000.
M1 - Karozzi N1- Vannijiet	Il-prezz tal-bejgħ ma jaqbiżx l-€40,000	€8,000 kull vettura.	€8,000 kull vettura.	Skont kif stipulat fit-Tabella 3, imma sa massimu ta' €8,000.
	Il-prezz tal-bejgħ jaqbeż l-€40,000 imma ma jaqbiżx il-€100,000	€6,000 kull vettura.	€6,000 kull vettura.	Skont kif stipulat fit-Tabella 3, imma sa massimu ta' €6,000

Il-valur taċ-CIF jirreferi għall-valur tal-prezz, l-assigurazzjoni u t-trasport, kif indikat fil-fattura jew irċevuta rispettiva.

Il-prezz tal-bejgħ jirreferi għall-prezz tal-bejgħ tal-vettura, inkluż il-VAT imma eskluża l-għotja.

Tabella 2: L-ammonti tal-għotja li jitħallsu meta vettura tiġi skrappjata flimkien ma' kwalunkwe għotja oħra għax-xiri jew kiri ta' vettura elettrika.

Kategorija tal-Vettura Skrappjata		*Kundizzjoni*	*Post tar-Reġistrazzjoni tal-Vettura meqruda*	
			Malta	*Gozo**
1	L (Muturi, Triċikli, Kwadriċikli)	Xejn	€500	€500
2	M1 (Karozzi) jew N1 (Vannijiet)	L-aħħar liċenzja ta' ċirkolazzjoni tal-vettura li tkun ġiet meqruda skadiet aktar minn tliet (3) xhur qabel id-data tat-tneħħija mir-reġistrazzjoni.	€500	€1,500
3		L-aħħar liċenzja ta' ċirkolazzjoni tal-vettura li tkun ġiet meqruda skadiet mhux aktar minn tliet (3) xhur qabel id-data tat-tneħħija mir-reġistrazzjoni.	€1,000	€2,000

*Il-vettura trid tkun ġiet irreġistrata, iggaraxxjata jew illiċenzjata f'Għawdex qabel il-11 ta' Ottubru 2021.

NOTA: Ir-Regolament de minimis applikabbli u l-limiti de minimis rispettivi għandhom japplikaw meta jinħarġu għotjiet lil impriżi stabbiliti f'Malta, entitajiet jew organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu xi attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

Tabella 3: Kalkolu tal-Inċentivi skont ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER) [mhux applikabbli għal impriżi attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura]

Daqs tal-Impriża	**Żgħira**	**Medja**	**Kbira**
Inċentiv bħala perċentwal tal-Investiment, li tkun id-differenza bejn il-prezz għax-xiri tal-vettura elettrika l-ġdida li tkun qed tiġi rreġistrata u dak ta 'vettura b' magna tal-kombustjoni interna konvenzjonali tal-istess kategorija li tikkonforma mal-istandards applikabbli tal-Unjoni li jkunu diġà fis-seħħ u li kienet tinkiseb mingħajr l-għajnuna, soġġett għal limitu massimu kif indikat fit-Tabella 1.	60%	50%	30%

Annex: Grant amounts applicable for the purchase or leasing of new category L or M or N electric vehicles, or pedelecs..

Table 1: Incentives to be paid after the registration a new electric vehicle or pedelec.

Type of vehicle		Grant Amount by Type of Applicant and State Aid Rules		
		• **Natural persons residing in Malta;** • **Voluntary Organisations or entities, that do not carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU.**	• **Undertakings established in Malta;** • **Voluntary Organisations or entities, that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU.**	
			De Minimis State Aid Rules	**General Block Exemption Regulation (GBER) Rules (not applicable for leased vehicles)**
Pedelecs		€650 per vehicle.	€650 per vehicle.	Not Applicable
Cargo Pedelecs L1e-A - Powered cycles L1e-B - Two-wheel mopeds L2e - Three-wheel mopeds; L3e-A1 - Low performance motorcycles L3e-A2 - Medium performance motorcycles; L3e-A3 - High performance motorcycles; L4e-A1 - Low performance motorcycles with side-car L4e-A2 - Medium performance motorcycles with side-car. L4e-A3 - High performance motorcycles with side-car.		€2,000 per vehicle, but not more than 80% of the cost incurred for the purchase of the vehicle by the applicant or by the leasing company before the new electric vehicle is leased to the applicant.	€2,000 per vehicle, but not more than 80% of the selling price.	As stipulated in Table 3 but capped at €2,000.
L5e - Powered Tricycles. L6e - Light quadricycles or quadri-mobiles L7e - Heavy quadricycles or quadri-mobiles		25% of CIF, capped at €6,000 per vehicle; minimum €2,000.	25% of CIF, capped at €6,000 per vehicle; minimum €2,000.	As stipulated in Table 3 but capped at €6,000.
M1 - Cars N1- Vans	Selling price not exceeding €40,000	€8,000 per vehicle.	€8,000 per vehicle.	As stipulated in Table 3 but capped at €8,000.
	Selling price exceeding €40,000 but not exceeding €100,000	€6,000 per vehicle.	€6,000 per vehicle.	As stipulated in Table 3 but capped at €6,000.

CIF value refers to the Cost, Insurance and Freight Value, as indicated in the respective invoice or receipt.

Selling price means Selling Price of the vehicle including VAT but excluding the grant

Table 2: Incentives to be paid when a vehicle is scrapped in conjunction with any other grant for the purchase or lease of an electric vehicle.

	Category of Scrapped Vehicle	*Condition*	*Place of Registration of Scrapped Vehicle*	
			Malta	*Gozo**
1	L (Motorcycles, Tricycles, Quadricycles)	None	€500	€500
2	M1 (Cars) or N1 (Vans)	The last circulation licence of the scrapped vehicle expired more than 3 months prior to the date of deregistration.	€500	€1,500
3		The last circulation licence of the scrapped vehicle expired not more than 3 months prior to the date of deregistration.	€1,000	€2,000

* Vehicle must have been registered, garaged, or licensed in Gozo prior to the 11th of October 2021.

NOTE: Incentives for vehicles scrapped by undertakings established in Malta, entities or voluntary organisations, which carry out any economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, will be granted in line with the applicable *de minimis* Regulation, and the respective *de minimis* thresholds shall apply.

Table 3: Calculation of Incentives according to the General Block Exemption Regulation (GBER) [Not applicable to undertakings active in the fishery and aquaculture sector]

Calculation of Grant Amount	**Small**	**Medium**	**Large**
Incentive as Percentage of Investment Cost, being the difference between the purchase cost of the new electric vehicle being registered and that of a vehicle with a conventional internal combustion engine of the same category that complies with applicable Union standards already in force and would have been acquired without the aid, subject to capping as indicated in Table 1.	60%	50%	30%